13.5

# IL-FJURETTI TA' SAN FRANĠISK

MIĠJUBA BIL-MALTI
mill-
Prof. Sac. A. TABONE



San Franġisk jikkonverti l-lupu ta' Gubbio

M.U.S.E.U.M.

# IL-FJURETTI TA' SAN FRANĠISK

MIĠJUBA BIL-MALTI
minn
Prof. Sac. A. TABONE



San Franġisk jikkonverti l-lupu ta' Gubbio

M.U.S.E.U.M.



Il-belt ta' San Franġisk t'Assisi.

## *KELMTEJN TA' QABEL*

*Dawn il-"Fjuretti", ftit tas-snin ilu, jiena kont qlibthom għall-Malti u ġibthom fl-ANĠLU TAL-PAĊI li joħroġ mill-Kunvent tal-Patrijiet ta' Ġieżu tal-Belt Valletta. Billi xi ħbieb ta' San Franġisk u xi ħbieb oħra tal-MALTI talbuni biex narġa' nurihom id-dawl fi ktieb wieħed, jiena tlabt lis-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. biex tidħol hi għal din il-biċċa xogħol ta' fejda. U s-Soċjetà laqgħet it-talba tiegħi.*

*Dawn il-"Fjuretti" huma maqlubin, tista' tgħid, fl-ilsna l-oħra kollha u, f'ħafna nazzjonijiet insara, ġew imdaħħlin fl-iskejjel tal-gvern u ta' Istituti oħra biex, bis-sempliċità u l-benna tagħhom, iħennu lit-tfal u jnisslu fihom l-ispirtu ta' San Franġisk minn Assisi li hu l-għannej tan-natura, il-bennej tas-soċjetà fuq sisien ta' drawwiet tajba u l-ħabbar tal-paċi u tal-ftehim fl-Italja mqallba.*

*Tkun l-aqwa biċċa xogħol sabiħa u qaddisa kieku min għandu taħt idejh it-trobbija u t-treġija tat-tfal, ma' kotba oħra, jagħtuhom ukoll dan il-ktieb ċkejken. Min ma jafx kemm hu meħtieġ fostna l-ispirtu ta' San Franġisk fiż-żminijiet tagħna! Din hi x-xewqa tiegħi li t-tfal tagħna wkoll isiru jafu 'l-qaddis ta' Assisi u li jimtlew bl-ispirtu tiegħu.*

*Għalhekk, fil-waqt li nżżi l-ogħla ħajr lis-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. talli tebgħat hi dan il-ktieb, nżżi-ħajr ukoll lil dawk kollha li jridu jgħinuni biex din ix-xewqa tiegħi sseħħ u dan ikun dejjem għas-sebħ t'Alla u għall-ġieħ tal-gżejjer tagħna.*

*F'jum in-Nawfraġju*
*ta' Missierna San Pawl,* 1955.
*A. TABONE.*

# DAĦLA

## X'INHUMA L-"FJURETTI"

Dawn il-"Fjuretti" m'humiex ħaġ'oħra ħlief ġrajjiet dwar il-ħajja, għemil u ħeġġa li biha kien mimli l-Qaddis ta' Assisi u Wliedu l-ewlenin. Iżda, għalkemm hu hekk, dawn il-ġrajjiet qatt ma jaslu jagħtuna l-istorja sħiħa ta' San Franġisk u ta' l-Ordni tiegħu, għax, kif jixhed l-isem stess ta' "Fjuretti" li, fl-ilsien tagħna, ifissru "Wardiet ċkejknin", huma siltiet minn ġrajjiet oħra miktubin iktar fit-tul li aktarx kienu jġibu l-isem ta' *Actus beati Francisci et sociorum ejus.*

Mela, dawn il-"Fjuretti" huma Wardiet ċkejknin, sbieħ u ħelwin li l-ewwel kittieb ġabar, b'sabar kbir, minn hawn u minn hinn, mill-ewwel għalqa għammiela franġiskana.

Dawn il-"Fjuretti", l-ewwel darba li raw id-dawl, kienu miktubin bil-Latin bl-isem ta' *Floretum;* iżda, jekk min kitibhom kienx wieħed waħdu jew iktar minn wieħed, min kien dan jew min kienu dawn, u meta nkitbu, xejn ma nafu ngħidu sewwa; nafu biss li ħafna minn dawn il-ġrajjiet jaqblu sewwa ma' xi ġrajjiet oħra li nsibu fil-ġabra li semmejna fuq bl-isem ta' *Actus...* u li għalhekk huma ġejjin minnhom. Lanqas nafu ngħidu min kien dak li mil-Latin qalibhom għat-Taljan l-ewwel darba, għax ma għandna ebda prova. Nistgħu ngħidu biss li kien Patri ta' San Franġisk-u, aktarx, mill-Belt ta' Firenze, għax, għal dak iż-żmien li fih kien għadu jitwieled l-ilsien Taljan,

kien jaf jikteb tajjeb. Ara kemm hu hekk, ħafna jaħsbu li l-"Fjuretti" ġew maqluba mhux iktar tard mis-seklu XIII.

Hu x'inhu l-kittieb tal-"Fjuretti" jistħoqqlu tifħir kbir u, l-iktar, għax meta qalibhom għat-Taljan, ma ħax is-sens biss tagħhom, imma qalibhom, tista' tgħid, kelma b'kelma; u għamel hekk, aktarx, biex ma jitlifx is-sempliċità li wera l-ewwel kittieb jew kittieba, għax din is-sempliċità tal-kliem u tal-ħsieb issebbaħ l-iktar 'il-"Fjuretti". Għalhekk, fil-qlib tagħhom għall-Malti, sejra tinżamm ukoll din is-sempliċità u kemm jista' jkun, jiġu maqlubin, kelma b'kelma. Hekk għamlu wkoll dawk l-oħrajn li qalbuhom f'ilsna oħra. Mela, jekk f'li ġej, insibu xi kliem, ftit jew wisq, żejjed, xi ftit imgħawweġ, li jkabbar jew iċekken iżżejjed u, minn xi drabi, li jdaħħak ukoll, dan ikun kollu ħtija ta' l-ewwel kittieb jew kittieba li, fis-sempliċità tagħhom, urew ħeġġa u qdusija kbira.

# IL-"FJURETTI" TA' SAN FRANĠISK

Fl-Isem tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu Msallab
u ta' Ommu x-Xebba Marija.
F'dan il-ktieb jinsabu xi wardiet ċkejknin
mirakli u eżempji sbieħ tal-glorjuż fqajjar ta' Kristu
San Franġisk u ta' xi wħud minn sħabu.
B'tifħir lil Ġesù Kristu. Hekk ikun.

---

## L-EWWEL KAPITLU

### Fuq l-ewwel tnax l-imsieħeb ta' San Franġisk

Qabel xejn hu ta' min ikun jaf li l-glorjus u qaddis Franġisku f'għemilu kollu ta' matul ħajtu kien jixbah lil Kristu mbierek; għaliex, bħalma Kristu fil-bidu tal-predikazzjoni tiegħu ħatar tnax l-Appostlu biex ibarru l-ħwejjeġ tad-dinja u jerħulha warajh fil-faqar u fil-virtujiet l-oħra, hekk ukoll il-qaddis Franġisku, fil-bidu tat-twaqqif ta' l-Ordni tiegħu, għażel tnax l-imsieħeb li ħaddnu l-ikbar faqar.

U bħalma wieħed mit-tnax l-Appostlu ta' Kristu, li ma ngħoġobx 'l Alla, fl-aħħar tgħallaq (1), hekk wieħed mit-tnax l-imsieħeb tal-qaddis Franġisku, li kien jismu Fra Ġovanni tal-Kappella, wara li ħarab,

---

(1) Dan kien Ġuda Iskarjota. Ara *San Mattew* XXVII, 3-5.

tgħallaq hu wkoll. U dan iservi ta' eżempju kbir, ta' umiltà u ta' biża' lill-magħżulin sabiex jifhmu li mhix ħaġa ċerta li għandhom ikomplu sa l-aħħar fil-grazzja t'Alla.

U bħalma dawk l-Appostli mqaddsa kienu għad-dinja kollha għaġeb ta' qdusija u mimlijin bl-Ispirtu s-Santu, hekk ukoll dawk l-imseħbin qaddisin ta' San Franġisk kienu bnedmin ta' tant qdusija li, minn żmien l-Appostli sal-lum, id-dinja qatt ma rat bnedmin qaddisin u tal-għaġeb bħalhom; għaliex wieħed minnhom ġie meħud saħansitra sat-tielet sema bħal San Pawl (2), u dan kien Fra Eġidju; lil wieħed ieħor, jiġifieri lil Fra Filippu Longo, l-anġlu messlu xufftejh bil-faħma taqbad, bħalma ġara lil Iżaija Profeta (3); ieħor, Fra Silvestru, kien jitkellem ma' Alla bħalma jitkellem ħabib ma' ieħor, kif kien jagħmel Mosè (4); ieħor, bir-reqqa ta' moħħu, kien jittajjar bħal ajkla saħansitra sad-dawl tal-għerf t'Alla, bħal Ġovanni l-Evanġelista, u dan kien Fra Bernard ta' umiltà kbira, li kien ifisser sa mill-qiegħ nett l-Iskrittura Mqaddsa; ieħor ġie mqaddes minn Alla u magħdud qaddis fis-sema dment li kien għadu ħaj fid-dinja, u dan kien Fra Ruffino, raġel dħuli minn Ascesi. (5).

U lkoll kienu mogħnijin b'wiri waħdieni ta' qdusija, bħalma sejjer jingħad 'il quddiem.

(2) Ittra II, *ad Cor.* XII, 2.
(3) *Is.*, VI, 6.
(4) *Es.*, III.
(5) Illum ngħidu *Assisi*.

## IT-TIENI KAPITLU.

### Fuq Fra Bernard minn Quintavalle l-ewwel imsieħeb ta' San Franġisk.

L-ewwel imsieħeb ta' San Franġisk kien Fra Bernard minn Ascesi li ikkonverta f'did-dinja (6).

Billi San Franġisk kien għadu jġib fuqu l-ilbies tas-seklu, galkemm kien diġà beda jistmerr id-dinja, u, billi kien iżomm ruħu kollu mżeblaħ u magħkus bil-penitenza, ħafna kienu jgħadduh ta' ib-lah u niesu stess u l-barranin kienu jiddieħku bih bħal wieħed miġnun u jkeċċuh bil-ġebel u t-tajn, u hu, bis-sabar kollu kien jibqa' sejjer bħal wieħed trux u mutu; is-Sur Bernard minn Ascesi, li kien wieħed mill-iktar għoljin u għanjin u għaqlin tal-belt, beda jqis bil-għaqal f'San Franġisk id-disprezz kbir lejn id-dinja, is-sabar kbir fil-kliem iebes u, għalkemm għal sentejn sħaħ kien imwarrab u mżeblah minn kulħadd, kien jidher dejjem sod u bil-paċenzja, beda jaħseb u jgħid bejnu u bejn ruħu : "Ma jistax ikun li dan Franġisku m'għandux grazzja kbira minn Alla." U lejla waħda stiednu għall-ikla u żammu miegħu; u San Franġisk laqa' l-istedina u kiel miegħu u baqa' għandu.

Mela, is-Sur Bernard daħħalha f'rasu li jqis il-qdusija tiegħu; għalhekk lestielu sodda fil-kamra tiegħu stess li fiha, tul il-lejl, kien iħalli dejjem il-lampa tixgħel. U San Franġisk, biex jaħbi l-qdusija tiegħu, kif daħal fil-kamra nxteħet fuq is-sodda u għamel ta' bir-ruħu rieqed; u s-Sur Bernard għamel

(6) Dan ġara fil-bidu tas-sena 1209.

bħalu, u wara ftit beda jonħor qawwi bħallikieku kien rieqed f'raqda kbira. Għalhekk San Franġisk, billi ħaseb li s-Sur Bernard kien rieqed tabilħaqq, ma' l-ewwel raqda qam mis-sodda u beda jitlob, b'għajnejh u jdejh lejn is-sema u b'devozzjoni kbira u ħeġġa beda jgħid: "Alla tiegħi! Alla tiegħi!" u xejn iktar. U San Franġisk kien qiegħed igħid hekk fil-waqt li kien jaħseb u jistagħġeb bil-kobor tal-Maestà divina li għoġobha tinżel mis-sema fid-dinja, li kienet qiegħda tintilef, u li bil-fqajjar tagħha Franġisku riedet issib mezz tas-saħħa għalih in-nifsu u għall-oħrajn; u, ladarba mnebbaħ bl-ispirtu tal-profezija, billi kellu quddiem għajnejh il-ħwejjeġ kbar li Alla kellu jagħmel permezz tiegħu u ta' l-Ordni tiegħu, u billi hu kien jagħraf ix-xejn tiegħu u l-qawwa ċkejkna tiegħu, kien isejjaħ u jitlob 'l Alla, sabiex bil-ħniena u l-qawwa tiegħu li tista' kollox, li mingħajrha xejn ma tista' d-debbolizza tal-bniedem, iżid, igħin u jwettaq dak li hu bih in-nifsu ma kienx jista' jagħmel. U billi s-Sur Bernard, fid-dawl tal-lampa, kien qiegħed jara dawk l-atti l-iktar devoti ta' San Franġisk, u billi kien qiegħed jifli bir-reqqa l-kliem li kien igħid, l-Ispirtu s-Santu messlu qalbu u nebbħu biex ibiddel ħajtu.

Għalhekk, kif sebaħ, sejjaħ lil San Franġisk u qallu hekk: "Ħija Franġisku jiena qtajtha għal kollox li nħalli d-dinja u nimxi warajk f'dak kollu li inti tikkmandani". Meta sama' dan, San Franġisk feraħ f'qalbu u qallu hekk: "Sur Bernard, dan li qiegħed tgħid inti hi biċċa xogħol hekk kbira u tqila li jeħtieġ li titlob id-dawl tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu u titolbu li jogħġbu jurina fuq hekk ir-rieda tiegħu u jgħallimna kif nistgħu nwettqu dan kollu. Iżda aħna mmorru flimkien id-dar ta' l-Isqof, fejn

hemm qassis twajjeb (7), ngħidulu jqaddes u mbagħad noqogħdu nitolbu sat-Terza (8), fil-waqt li nitolbu 'l Alla biex, meta nifthu għal tliet darbiet il-missal, jurina t-triq li togħġob lilu li aħna nagħżlu". Is-Sur Bernard wieġeb li din il-ħaġa togħġbu qatigħ; għalhekk telqu u marru d-dar ta' l-Isqof.

Imbagħad, wara li semgħu l-quddiesa u qagħdu jitolbu sat-Terza, il-qassis, għat-talba ta' San Franġisk, qabad il-missal u, wara li radd is-salib, fetħu fl-isem tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu għal tliet darbiet. Fl-ewwel ftuħ ġiet dik il-kelma li Kristu qal fl-Evanġelju lil dak iż-żagħżugħ li kien staqsieh fuq it-triq tal-perfezzjoni: *Jekk inti trid tkun perfett, mur u biegħ dak li għandek, u agħtih lill-fqar, u ejja, u imxi warajja* (9). Fit-tieni ftuħ ġiet dik il-kelma li Kristu qal lill-Appostli meta bagħathom jippridkaw: *La tieħdu xejn magħkom tul it-triq, la ħatar, la but, la għoti tar-riġel, lanqas flus* (10), u b'hekk ried igħallimhom li t-tama kollha tagħhom tal-ħajja kellhom iqegħduha f'Alla, u l-ħsieb kollu tagħhom ikun f'li jippridkaw l-Evanġelju Mqaddes. Fit-tielet ftuħ tal-missal ġiet dik il-kelma li Kristu qal: *Min irid jiġi warajja, iħalli lilu nnifsu, u jaqbad is-salib tiegħu u jimxi warajja* (11). Għalhekk San Franġisk qal lis-Sur Bernard: "Din hi t-tnebbiħa li jagħtina Kristu; mur mela u agħmel bir-reqqa dak li inti smajt; u jkun imbierek is-Sinjur tagħna Ġesù Kristu li ried

(7) Dan il-qassis aktarx li kien il-Kanonku Pietru Cattani li, ftit wara, sar ittieni msieħeb ta' San Franġisk.

(8) It-*Terza* hi talba li, f'dawk iż-żminijiet, kienet tingħad għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħodu.

(9) *Mat.*, XIX, 21.

(10) *Luk.*, IX, 3.

(11) *Mat.*, XVI, 24.

jurina t-triq tiegħu fl-Evanġelju". Kif sama' dan, is-Sur Bernard telaq, u biegħ dak li kellu (għax kien għani ħafna), u b'ferħ kbir qassam kull ħaġa lill-fqar, lin-nisa romol, lill-iltiema, lill-pellegrini, lill-kunventi u lill-isptarijiet; u f'kull ħaġa San Franġisk kien igħinu bil-qalb u bil-ħeffa.

Wieħed, li kien jismu s-Sur Silvestru, billi kien jara lil San Franġisk iqassam daqshekk flus lill-fqar u jgiegħel lil min jagħti, marsus mix-xeħħa, qal lil San Franġisk: "Inti ma ħallastnix għal kollox ta' dak il-ġebel li xtrajt minn għandi biex issewwi l-knisja (12); u għalhekk, issa għandek il-flus, ħallasni". Allura, San Franġisk mistagħġeb bix-xeħħa tiegħu u billi ma riedx iħaqqaqha miegħu, bħala wieħed li jħares tassew l-Evanġelju, daħħal idejh f'ħobb is-Sur Bernard, u, mimlijin bil-flus, xeħithom fi ħdan is-Sur Silvestru, fil-waqt li qallu li jekk ikun irid iżjed jagħtih iżjed. Kollu ferħan b'dawk il-flus, is-Sur Silvestru telaq u mar id-dar.

U fil-għaxija, fil-waqt li hu beda jaħseb fuq dak li kien għamel matul il-jum, u fil-waqt li ċanfar lilu nnifsu fuq ix-xeħħa tiegħu, u fil-waqt li beda jaħseb fuq il-ħeġġa tas-Sur Bernard u l-qdusija ta' San Franġisk, dak il-lejl u żewġt iljieli oħra kellu minn Alla din il-viżjoni li mill-ħalq ta' San Franġisk kien ħiereġ salib tad-deheb li l-ponta tiegħu kienet tmiss is-sema, u d-dirgħajn tiegħu kienu jwasslu mil-lvant sal-punent. Minħabba din il-viżjoni hu ta għal Alla dak li kellu u sar Patri tal-Minuri, u fl-Ordni kien ta' qdusija u grazzja hekk kbira li kien jitkellem m'Alla kif wieħed ħabib jagħmel ma' ieħor, bħalma

(12) San Franġisk, dik il-ħabta, kien sewwa tliet knejjes żgħar: San Damjan, San Pietru u l-Porzjunkola.

San Franġisk ippruvah ħafna drabi u kif għad jidher il quddiem.

Is-Sur Bernard, l-istess, qala' grazzja hekk kbira minn Alla, li ta' sikwit kien jiġi meħud f'telfa minn Alla : u San Franġisk kien igħid fuqu li kienet tisħoqqlu kull qima u li huwa kien waqqaf dan l-Ordni; għaliex hu kien l-ewwel li telaq id-dinja billi ma żamm xejn għalih u ta kull ħaġa lill-fqar ta' Kristu u beda l-faqar ta' l-Evanġelju billi ta lilu nnifsu b'xejn f'dirgħajn il-Kurċifiss.

U dan ikun imbierek minna in saecula saeculorum. Amen.

## IT-TIELET KAPITLU

**Kif, minħabba ħsieb ħażin li San Franġisk kellu fuq Fra Bernard, ġiegħel lill-imsemmi Fra Bernard biex igħaddi għal tliet darbiet minn fuq griżmejh u minn fuq ħalqu (13).**

Il-qaddej l-iżjed devot tal-Kurċifiss San Franġisk, minħabba l-penitenza ħarxa u l-biki bla heda, bilkemm ma kienx għama għal kollox għax ftit kien jara dawl.

Darba fost l-oħrajn hu (San Franġisk) telaq millpost fejn kien u mar f'post fejn kien hemm Fra Bernard biex jitkellem miegħu fuq ħwejjeġ tassema; u meta wasal hemm sab li huwa (Fra Bernard) kien qiegħed qalb is-siġar jitlob merfugħ kollu kemm hu u magħqud m'Alla. Allura San Franġisk mar qalb

(13) Dan il-fatt ġara f'post li jissejjaħ *Il-Karċeri* fejn, sal-lum, għadhom jidhru l-gabubi li fihom kienu jgħixu l-ewwel imseħbin ta' San Franġisk.

is-sigar u sejjaħlu: "Ejja" qal "u tkellem ma' dan il-għama". U Fra Bernard ma wiegbu xejn għaliex, billi kien bniedem ta' kontemplazzjoni kbira, kellu moħħu merfugħ u mitluf f'Alla, billi dan kellu grazzja waħdenija li jitkellem fuq Alla, bħalma San Frangisk kien qal kemm-il darba, u għalhekk dan kien iħobb jitkellem miegħu; wara ftit sejjaħlu t-tieni u t-tielet darba bl-istess kliem ta' qabel, u ebda darba ma semgħu Fra Bernard, u għalhekk la wiegbu u anqas mar ħdejh. Għalhekk San Frangisk telaq ftit imdejjaq u beda jistagħgeb u jinkedd f'qalbu għaliex Fra Bernard, imsejjaħ għal tliet darbiet, ma marx fejnu.

Kif telaq b'dan il-ħsieb, San Frangisk, meta tbiegħed xi ftit, qal lil sieħbu: "Stennieni hawn"; u hu mar f'post imwarrab u nxteħet jitlob, jitlob 'l Alla jnebbħu għaliex Fra Bernard ma kienx wiegbu. U kif kien qiegħed hekk, sama' vuċi minn Alla li qalet hekk: "O msejken bniedem, għaliex qiegħed tinkwieta ruħek? Għandu l-bniedem iħalli 'l Alla għall-kreatura? Fra Bernard, meta inti kont issejjaħlu, kien ħaga waħda miegħi u għalhekk ma setax jigi ħdejk u anqas iwiegbek. Immela la tistagħgibx jekk ma satax ikellmek, għaliex kien hekk maħrug barra minnu nnifsu li mill-kelmiet tiegħek ma sema' ebda waħda". Meta San Frangisk kellu din it-twegiba minn Alla, minnufih, b'għagla kbira, rega' lura lejn Fra Bernard biex jistqarr quddiemu, bl-umiltà kollha, il-ħsieb li kien għamel fuqu.

Hekk kif raħ gej dritt għal fuqu, Fra Bernard mar quddiemu u nxteħet f'riglejh; allura San Frangisk qajmu u qallu, b'umiltà kbira, il-ħsieb u d-dwejjaq li kien garrab minħabba fih u li Alla stess kien ċanfru ta' din il-ħaga. U mbagħad spiċċa hekk:

"Jiena nikkmandak fl-isem ta' l-ubbidjenza qaddisa li inti tagħmel dak li ngħidlek". Billi Fra Bernard beda jibża' li San Franġisk kien sa jikkmandah xi ħaġa tqila, bħalma kien imdorri jagħmel, ried kieku, kif jixraq, iwarrab fil-ġenb l-ubbidjenza, u għalhekk wieġbu hekk: "Jiena lest biex nagħmel l-ubbidjenza tiegħek bil-patt li inti twigħedni li tagħmel dak li ngħidlek jiena". U billi San Franġisk wiegħdu li jagħmlu, Fra Bernard qal: "Għid, missier, dak li inti trid li jien nagħmel". Imbagħad San Franġisk qal: "Jiena nikkmandak fl-isem ta' l-ubbidjenza qaddisa li, biex ngħakkes il-preżunzjoni u l-ħila ta' qalbi, issa li sa ninxteħet fl-art b'wiċċi 'l fuq, tqiegħed sieq waħda fuq griżmejja u l-oħra fuq ħalqi, u hekk tgħaddi għal tliet darbiet min-naħa għall-oħra, fil-waqt li tkasbarni u tgħajjarni u tgħidli hekk: Oqgħod hemm, ja vili, bin Pietru Bernardone; mnejn ġibtha din is-suppervja tiegħek meta ma intix ħlief ħlejqa l-iktar baxxa?"

Meta sema' dan Fra Bernard, għalkemm kienet ħaġa tqila li jagħmilha, madankollu, minħabba l-ubbidjenza mqaddsa, għamel, bil-galbu kollu li seta', dak li San Franġisk kien ikkmandah jagħmel. U wara li sar dan, San Franġisk qallu: "Issa ikkmanda inti lili dak li inti trid li jien nagħmel, għaliex jiena diġà wigħedtek li nagħmlu". Fra Bernard wieġbu: "Jien nikkmandak fl-isem ta' l-ubbidjenza mqaddsa li kull darba li nkunu flimkien inti ċċanfarni u tikkoreġini bl-aħrax fin-nuqqas tiegħi". San Franġisk stagħġeb mhux ftit b'din il-ħaġa għax Fra Bernard kien ta' qdusija hekk kbira li hu (San Franġisk) kellu qima kbira lejh u qatt ma kien isibu ħati ta' ebda ħaġa. Madankollu, minn dak in-nhar il quddiem, San Franġisk kien ifittex li joqgħod ħafna miegħu, min-

ħabba l-ubbidjenza li semmejna, sabiex ma jkunux jistgħu jgħidulu xi kelma kontra tiegħu għax hu kien jaf li kien bniedem qaddis. Iżda meta hu (San Franġisk) kien jixtieq li jarah jew jisimgħu jitkellem fuq Alla, mill-iktar fis li kien jista', kien jinfired minnu u jitlaq. U kienet ħaġa sabiħa ferm li tara liema mħabba u qima u umiltà San Franġisk, missier, kien juża u jitkellem ma' Fra Bernard l-ewwel iben tiegħu.

Għall-ġieh u s-sebħ ta' Kristu. Hekk ikun.

## IR-RABA' KAPITLU

**Kif l-Anġlu t'Alla għamel mistoqsija lil Fra Elija Gwardjan ta' post ta' Val di Spoleto; u għaliex Fra Elija wieġbu bil-herra, telaq u mar għan-naħa ta' Santo Jacopo fejn sab lil Fra Bernard u qallu din l-istorja (14).**

Fil-bidu u l-waqfien ta' l-Ordni, meta ftit kienu għadhom il-patrijiet u meta kien għad m'għandhomx postijiet f'idejhom, San Franġisk, minħabba d-devozzjoni tiegħu, kien mar f'Santo Jacopo tal-Galizja u ħa miegħu xi patrijiet, u wieħed minnhom kien Fra Bernard. U fil-waqt li kienu sejrin flimkien sabu, f'raħal, wieħed marid, u billi San Franġisk ġietu ħniena minnu qal lil Fra Bernard: "Ibni, jiena rrid li inti tibqa' hawn iddur b'dan il-marid." U Fra Bernard, fil-waqt li bl-umiltà kollha niżel għarkubbtejh u baxxa rasu, obda lill-missier qaddis u baqa' hemm; u San Franġisk ma' sħabu l-oħra baqa' sejjer lejn Santo Jacopo.

(14) Dawn il-ġrajjiet saru bejn is-snin 1214 u 1221.

Kif waslu hemm, fil-waqt li kienu jitolbu bil-lejl fil-knisja ta' Santo Jacopo, Alla nebbaħ lil San Franġisk li huwa kellu jieħu taħt idejh ħafna postijiet f'dawk l-inħawi. U meta San Franġisk raġa' lura mnejn kien ġie, raġa' sab lil Fra Bernard u l-marid li kien ħallieh miegħu li issa kien imfejjaq għal kollox; għalhekk San Franġisk, is-sena ta' wara, ħalla lil Fra Bernard imur f'Santo Jacopo.

U hekk San Franġisk raġa' mar f'Val di Spoleto u mar joqgħod f'post imwarrab (15), flimkien ma' Fra Massew u Fra Elija u xi oħrajn; u dawn kollha kienu joqogħdu attenti ħafna li ma jdejqux u ma jfixklux lil San Franġisk fit-talb, u kienu jagħmlu hekk minħabba l-qima kbira li kellhom lejh u għax kienu jafu li Alla kien inebbħu ħwejjeġ kbar fit-talb.

Jum wieħed ġara li, billi San Franġisk kien qiegħed jitlob fil-bosk, żagħżugħ sbejjaħ, imħejji għall-mixi, mar ħdejn il-bieb tal-post u ħabbat b'tant għaġla u saħħa u fit-tul li l-patrijiet inħasdu mhux ftit b'dak it-taħbit li ma kinux imdorrijin bih. Mar Fra Massew u fetaħ il-bieb u staqsa lil dak iż-żagħżugħ: "Mnejn inti ġej, ibni, donnok qatt ma ġejt 'l hawn daqs kemm ħabbat mhux kif inħabbtu aħna?". U ż-żagħżugħ wieġeb: "U kif għandi nħabbat?". Fra Massew qallu: "Ħabbat tliet darbiet waħda wara l-oħra, biż-żmien, imbagħad stenna daqs kemm il-Fra jgħid 'pater noster' u jiġi jiftaħlek; u jekk tul dan il-ħin ma jiġix, arġa' ħabbat". U ż-żagħżugħ wieġeb: "Jiena mgħaġġel wisq u għalhekk ħabbatt daqshekk qawwi; jiena baqagħli nagħmel mixja twila u ġejt hawn biex inkellem lil Fra

(15) Dan il-post aktarx li kien *Farneto* fi triq li tieħu minn Perugia għal Gubbio.

Frangisk; iżda hu bħalissa qiegħed jitlob fil-bosk u jiena ma rridx intellfu; mur, mela, u ibgħatli lil Fra Elija għax irrid nistaqsih xi ħaġa, għax smajt li hu għaref ħafna". Fra Massew mar u qal lil Fra Elija biex imur ħdejn dak iż-żagħżugħ. U Fra Elija tmeżmeż u ma riedx imur. Fra Massew ma għarafx x'jibda jagħmel u lanqas x'jibda jwieġeb lil dak iż-żagħżugħ, għax hekk igħidlu li Fra Elija ma jistax jiġi, ikun qiegħed jigdeb, u jekk igħidlu kemm tel-għulu u li ma jridx jiġi, jibża' li jagħtih eżempju ħażin. U billi Fra Massew dam xi ftit ma raġa' lura, iż-żagħżugħ ħabbat darb'oħra bħal qabel. Wara ftit Fra Massew fetaħ il-bieb u qal lil dak iż-żagħżugħ: "Inti ma għamiltx bħalma għidtlek jien meta tħab-bat". Iż-żagħżugħ wieġeb: "Fra Elija ma jridx jiġi; iżda mur u għid lil Fra Frangisk li jiena ġejt biex inkellem lilu; imma jiena ma rridx naqtagħlu t-talb; għidlu, mela, jibgħatli 'l Fra Elija".

Allura Fra Massew mar ħdejn San Frangisk li kien għadu jitlob fil-bosk b'wiċċu merfugħ lejn is-sema, u tah il-bxara ta' dak iż-żagħżugħ u t-tweġi-ba ta' Fra Elija. U dak iż-żagħżugħ kien l-Anġlu t'Alla taħt sura ta' bniedem. Allura San Frangisk, bla ma ċċaqlaq minn postu u bla ma dawwar wiċċu 'l isfel, qal lil Fra Massew: "Mur u għid lil Fra Elija li b'ubbidjenza jmur minnufih jara xi jrid dak iż-żagħżugħ".

Billi Fra Elija sama' bl-ubbidjenza ta' San Fran-ġisk, telaq lejn il-bieb imdagħdagħ mhux ftit, u fetħu bil-ħerra u bi ħsejjes u qal lil dak iż-żagħżugħ: "Xi trid inti?" Iż-żagħżugħ wieġbu: "Ara, Fra, li ma tisħonx, bħalma qiegħed turi, għax il-korla tfix-kel ir-ruħ u ma tħallikx tara s-sewwa". Fra Elija qal: "Għidli xi trid minn għandi". Iż-żagħżugħ

wieġeb: "Jiena rrid nistaqsik jekk dawk li jħarsu l-Evanġelju Mqaddes jistgħux jieklu minn dak li jġibulhom quddiemhom bħalma Kristu qal lid-dixxipli tiegħu. U rrid nistaqsik ukoll jekk xi ħadd jistax iġibilhom quddiemhom xi ħaġa kontra dak li jrid l-Evanġelju" (16). Fra Elija wieġeb bil-herra: "Jiena dan nafu. imma ma rridx ngħidlek; itlaq minn hawn għal xogħlok". Iż-żagħżugħ qallu: "Jiena għal din il-mistoqsija naf inwieġeb aħjar minnek". Allura Fra Elija, imdagħdagħ, għalaq il-bieb bir-rabja u telaq. Wara beda jaħseb fuq dik il-mistoqsija u jitħasseb bejnu u bejn ruħu u ma għarafx iħollha. Billi hu kien Vigarju ta' l-Ordni, u kien ordna u għamel liġijiet barra mill-Evanġelju u barra mir-Regola ta' San Franġisk, li ebda patri ta' l-Ordni ma jiekol il-laħam, jidher biċ-ċar li dik il-mistoqsija kienet kontra tiegħu. U billi ma kienx jaf x'jibda jwieġeb u billi dak iż-żagħżugħ kien qallu li hu jaf iwieġeb għal dik il-mistoqsija aħjar minnu, raġa' lura lejn il-bieb u fetħu biex jistaqsi liż-żagħżugħ fuq dik il-mistoqsija, imma hu (iż-żagħżugħ) kien diġa' telaq, għaliex is-suppervja ta' Fra Elija ma kienx jistħoqqilha titkellem ma' l-Anġlu.

Wara dan, San Franġisk, li lilu Alla kien inebbħu b'kollox, raġa' lura mill-bosk, u bil-qawwi u b'leħen għoli ċanfar lil Fra Elija, fil-waqt li qallu: "Qiegħed tagħmel ħażin, Fra Elija, supperv, għax qiegħed tkeċċi minn għandna l-Anġli mqaddsa li qegħdin jiġu għandna biex igħallmuna. Jiena ngħidlek li qiegħed nibża' ħafna li s-suppervja tiegħek iġġagħlek tispiċċa barra minn dan l-Ordni". U hekk ġralu wara, kif kien ħabbarlu San Franġisk, għax hu miet barra mill-Ordni (17).

(16) Ara *Luk.*, X, 8.
(17) Ara it-tmienja u tletin kapitlu ta' dan il-Ktieb.

Fl-istess jum u fl-istess siegħa li dak l-Anġlu kien telaq, huwa deher taħt l-istess għamla lil Fra Bernard li kien ġej minn Santo Jacopo x'ħin wasal fix-xtajta ta' xmara kbira; u sellimlu bl-ilsien tiegħu meta qallu : "Alla jagħtik il-paċi, ja patri twajjeb". U Fra Bernard mistagħġeb bis-sbuħija ta' dak iż-żagħżugħ u bil-kliem ta' pajjiżu fit-tislima tal-paċi u bil-ferħ ta' wiċċu, staqsieh hekk : "Mnejn inti ġej, żagħżugħ twajjeb?" L-Anġlu wieġbu : "Jiena ġej minn dak il-post fejn jinsab il-qaddis Franġisku, u jien mort biex inkellmu u ma stajtx għaliex hu kien qiegħed fil-bosk jaħseb fuq il-ħwejjeġ tas-sema, u jiena ma ridtx intellfu. U f'dak il-post jinsabu wkoll Fra Massew u Fra Eġidju u Fra Elija; u Fra Massew għallimni nħabbat il-bieb kif jagħmlu l-patrijiet. Iżda Fra Elija, għax ma riedx iweġibni għall-mistoqsija li għamiltlu, wara iddispjaċih u ried jistaqsini u jarani, iżda ma setax". Wara dan il-kliem, l-Anġlu qal lil Fra Bernard : "Għax ma tgħaddix minn dik in-naħa?" Fra Bernard wieġeb : "Għax nibża' mill-periklu minħabba l-ilma fond li qiegħed nara". L-Anġlu qallu : "Ejja ngħaddu flimkien; taħseb xejn". U qabadlu idu, u f'daqqa ta' għajn waslu n-naħa l-oħra tax-xmara. Allura Fra Bernard għaraf li dak kien l-Anġlu t'Alla, u b'qima u b'ferħ kbir qal b'leħen għoli : "O Anġlu mqaddes t'Alla, għidli liema hu l-isem tiegħek". L-Anġlu wieġbu : "Għaliex tistaqsini fuq ismi li hu tal-għaġeb?"

U kif qal hekk l-Anġlu għeb u ħalla lil Fra Bernard ħieni ħafna sa ma għamel dik il-mixja kollha mimli bil-ferħ. U baqa' jiftakar il-jum u s-siegħa li fiha kien deherlu l-Anġlu; kif wasal fil-post fejn San Franġisk ma' sħabu li semmejna, irrakkontalhom kollox ħaġa b'ħaġa. U huma saru jafu li dak l-istess Anġlu, f'dak il-jum u f'dik is-siegħa, kien deher lilhom u lilu. U iżżuħajr 'l Alla. Hekk ikun.

## IL-ĦAMES KAPITLU

### Kif il-qaddis Fra Bernard ta' Ascesi kien mibgħut minn San Franġisk ġewwa Bolonja u ħa post dik in-naħa (18).

Ġaladarba San Franġisk u sħabu kienu msejħin minn Alla u magħżulin sabiex iġorru bil-qalb u bl-egħmil is-salib ta' Kristu u jippridkawh b'xufftejhom, huma kienu jidhru u kienu tabilħaqq bnedmin imsallbin sewwa fl-ilbies, sewwa fil-ħajja iebsa, kemm ukoll f'egħmilhom; għax huma kienu jixtiequ li jirċievu iktar tgħajjir u żebliħ għall-imħabba ta' Kristu milli jirċievu unuri tad-dinja u qima u tifħir vojt; anzi huma kienu jifirħu biż-żebliħ u jiddejqu bl-unuri. U kienu jiġġerrew mad-dinja bħala pellegrini u barranin u magħhom ma kenux iġorru ħlief biss lil Ġesù msallab; u ġaladarba huma kienu tabilħaqq frieghi tad-dilja, jiġifieri ta' Kristu, kienu jagħmlu ġid kbir fl-erwieħ għax kienu jressquhom għand Alla.

Ġara, fil-bidu tar-Reliġjon, li San Franġisk kien bagħat lil Fra Bernard ġewwa Bolonja, sabiex hemmhekk, skond il-grazzja li kien tah Alla, jagħmel il-ġid għall-imħabba tiegħu, u Fra Bernard kif radd is-salib f'ġieh l-ubbidjenza mqaddsa, telaq u wasal ġewwa Bolonja. U kif lemħuh it-tfal liebes mhux bħalhom u baxx, bdew jiddieħku bih u jinbxuh kif jagħmlu ma' wieħed iblah; iżda Fra Bernard kien jissaporti kollox bil-paċenzja u bil-ferħ għall-imħabba ta' Kristu. Minn fuq, sabiex jagħmlulu iżjed, kien imur apposta fil-misraħ tal-belt, fejn, fil-

---

(18) Dan ġara fis-sena 1211.

waqt li kien joqgħod bil-qiegħda, kienu jinġabru madwaru ħafna tfal u rġiel, u min kien jiġbidlu l-kapoċċ minn wara u min minn quddiem, min kien jixħetlu t-trab u min il-ġebel, min kien jimbuttah minn hawn u min minn hemm; u Fra Bernard, dejjem xorta u bil-paċenzja, b'wiċċu ferħan, ma kienx jieħu għalih u lanqas jinkorla. U baqa' jmur għal ħafna żmien f'dak l-istess post biex iġarrab l-istess ħwejjeġ.

U ġaladarba l-paċenzja hi opra tal-perfezzjoni u ta' prova fil-virtù, wieħed għaref duttur fil-liġi, meta kien jara u jitħasseb fuq il-fehma sħiħa u l-virtù ta' Fra Bernard li ma setgħux jitnaqqsu ma' tul dak iż-żmien kollu quddiem dak it-tinbix u żebliħ, qal bejnu u bejn ruħu: "Ma jistax ikun li dan mhuwiex bniedem qaddis". U fil-waqt li resaq lejh staqsieh hekk: "Min int inti? u għaliex ġejt hawn?" U Fra Bernard, bi tweġiba, daħħal idu f'ħobbu u ħareġ ir-regula ta' San Franġisk u tahielu biex jaqraha. U meta qraha, fil-waqt li beda jitħasseb fuq l-istat tiegħu (ta' Fra Bernard) l-iżjed għoli ta' perfezzjoni, b'għaġeb kbir ta' kulħadd dar lejn sħabu u qal: "Tabilħaqq dan hu l-istat l-iktar għoli tar-reliġjon li jiena smajt; għaliex dan (Fra Bernard) flimkien ma' sħabu huma bnedmin l-iktar qaddisin ta' din id-dinja, u jagħmel dnub l-iktar kbir min iżebilħu, għaliex lilu tistħoqq l-ikbar qima għax dan hu ħabib kbir ta' Alla". U qal lil Fra Bernard: "Jekk inti tixtieq ikollok xi post li fih inti tkun tista' taqdi aħjar 'l Alla, jiena, għas-saħħa ta' ruħi, nagħtihulek b'qalbi kollha". Fra Bernard wieġeb: "Sinjur, jiena naħseb li din il-ħaġa nebbaħhielek is-Sinjur tagħna Ġesù Kristu, u jien nilqa' bil-qalb il-għoti tiegħek għal ġieh ta' Kristu". Allura l-imħallef li semmejna, b'ferħ u mħabba kbira, ħa lil Fra Bernard id-dar tiegħu u

mbagħad tah il-post li wiegħdu u lestielu u ħasiblu għal kollox bi spejjes tiegħu; u minn dak in-nhar il-quddiem sar missier u difensur speċjali ta' Fra Bernard u ta' sħabu.

U Fra Bernard, għal kliemu qaddis, beda jiġi meqjum ħafna min-nies, daqshekk illi min kien ikun jista' jmissu jew jarah kien iħoss ruħu ferħan. Iżda hu, bħala dixxiplu veru u umli ta' Kristu u ta' Franġisku umli, billi kien jibża' li l-qima tad-dinja setgħet tfixkel il-paċi u s-saħħa ta' ruħu, telaq minn hemm u raġa' lura ħdejn San Franġisk u qallu hekk: "Missier, il-post fil-belt ta' Bolonja ħadnieh; ibgħat hemm xi patrijiet biex iżommuh u jibqgħu hemm, għax jiena ma nista' nagħmel xejn iktar, anzi, minħabba l-qima kbira li kienu juruni, jiena nibża' li iktar ikolli x'nitlef hemm milli naqla' ". Allura San Franġisk, fil-waqt li qagħad jisma' ħaġa wara oħra kif Alla kien inqeda bi Fra Bernard, iżżaħajr 'l Alla li hekk beda jxerred id-dixxipli fqajrin tas-Salib; u għalhekk bagħat lil xi wħud minn sħabu ġewwa Bolonja u fil-Lombardija, li ħadu taħt idejhom ħafna postijiet f'ħafna nħawi.

Għall-ġieh u l-qima ta' Ġesù twajjeb. Hekk ikun.

## IS-SITT KAPITLU.

### Kif San Franġisk bierek lill-qaddis Fra Bernard u ħallieh Viqarju tiegħu meta hu kien wasal biex iħalli din id-dinja.

Fra Bernard kien daqshekk qaddis li San Franġisk kien jurih qima kbira u ħafna drabi kien ifaħħru. Fil-waqt li jum wieħed, San Franġisk kien jit-

lob bil-ħeġġa, ġie mnebbaħ minn Alla, li Fra Bernard, bir-rieda tas-sema, kellu jġarrab sarâr kbir ma'd-demonju; u billi San Franġisk ġietu ħniena minn Fra Bernard, għax kien iħobbu daqs dawl għajnejh, beda jitlob 'l Alla għalih bid-dmugħ f'għajnejh u jirrikmandah lil Ġesù Kristu sabiex jirbaħ fuq id-demonju. U fil-waqt li San Franġisk kien jitlob hekk bil-ħeġġa, Alla, jum wieħed, wieġbu: "La tibżax, Franġisku, għaliex it-tiġrib kollu li Fra Bernard għandu jgħaddi minnu, Alla nnifsu ippermettih biex hu jitħarreġ iżjed fil-virtù u jaqla' l-ħlas tiegħu; u fl-aħħar jirbaħ fuq l-egħdewwa kollha għaliex hu wieħed minn dawk ta' madwar il-mejda u s-saltna t'Alla". San Franġisk feraħ bla qies għal din it-tweġiba u iżżaħajr 'l Alla. U minn dak in-nhar 'l quddiem iżjed beda jħobbu u jagħtih qima.

U din il-ħaġa wrihielu, mhux biss matul ħajtu, imma fil-mewt ukoll. Għaliex, meta San Franġisk wasal biex imut, sewwa sew bħal qaddis patrijarka Ġakobb (19), imdawwar b'uliedu twajbin, imnikktin u mbikkijin minħabba l-firda ta' missier hekk maħbub, staqsa: "Fejn hu ibni l-kbir? Ejja hawn, ibni sabiex jiena mbierkek qabel ma mmut". Għalhekk Fra Bernard qal minn taħt l-ilsien lil Fra Elija li kien Vigarju ta' l-Ordni: "Missier, mur inti ħdejn il-leminija tal-qaddis sabiex hu jbierkek". U meta Fra Elija resaq ħdejn il-leminija, San Franġisk li kien tilef id-dawl bil-biki bla heda, poġġa idu tal-lemin fuq ras Fra Elija u qal: "Din mhix ir-ras ta' ibni l-kbir Fra Bernard". Imbagħad Fra Bernard resaq lejh ħdejn idu x-xellugija, u San Franġisk sallab dirgħajh u poġġa idu l-leminija fuq

(19) *Gen. XLVII.*

ras Fra Bernard u x-xellugija fuq ras Fra Elija u qal lil Fra Bernard: "Ibierkek il-Missier tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu b'kull barka tar-ruħ u tas-sema fi Kristu, ġaladarba inti kont l-ewwel maħtur f'dan l-Ordni Mqaddes sabiex tagħti eżempju ta' l-Evanġelju billi timxi wara Kristu fil-faqar ta' l-Evanġelju, għaliex inti mhux biss tajt kulma kellek u qassamtu lill-fqar u minn jeddek għall-imħabba ta' Kristu, imma offrejt ukoll ruħek lil Alla f'dan l-Ordni b'sagrifiċċju ta' ħlewwa. Tkun imbierek, mela, mis-Sinjur tagħna Ġesù Kristu u minni qaddej imsejken tiegħu b'kull barka ta' dejjem meta timxi, tieqaf, tħares, torqod, tgħix u tmut. Min ibierkek jiġi mimli bil-barkiet kollha u min jisħtek ma jibqax mingħajr kastig. Kun inti l-kbir fost ħutek kollha, u għal l-amar tiegħek il-patrijiet kollha jobdu. Ikollok is-setgħa li tilqa' f'dan l-Ordni u li tkeċċi lil min tkun trid inti, u ebda patri ma jkollu l-jedd fuqek u tkun tista' tmur u toqgħod kull fejn jogħġob lilek".

Wara l-mewt ta' San Franġisk (20), il-patrijiet kienu jħobbu u jqimu lil Fra Bernard bħala missier ta' ġieh. U meta wasal biex imut inġabru madwaru ħafna patrijiet minn kull naħa tad-dinja u fosthom kien hemm dak li kellu mis-sema u mill-anġli Fra Eġidju li, kif lemaħ lil Fra Bernard, qallu bi ħlewwa kbira: *"Sursum corda,* Fra Bernard, *sursum corda"*. U l-qaddis Fra Bernard qal minn taħt lil wieħed patri sabiex ilesti post lil Fra Eġidju li fih ikun jista' jaħseb fuq il-ħwejjeġ tas-sema, u hekk għamel.

Billi Fra Bernard issa kien wasal fl-aħħar siegħa tal-mewt, ġagħalhom iwaqqfuh u tkellem mal-patrijiet

(20) San Franġisk miet fis-sena 1226.

li kellu quddiemu u qallhom: "Ħuti għeżież, jiena ma rridx ngħidilkom ħafna kliem; iżda intom għandkom tkunu tafu li l-istat tar-Reliġjon li jiena kelli jinsab fikom, u dan li jien għandi bħalissa jibqa' jinsab fikom. U qiegħed inħoss dan f'qalbi illi għal elf dinja bħal din jiena ma kont irrid qatt li ma nservix lis-Sinjur tagħna Ġesù Kristu. U jiena nistqarr lili nnifsi ħati ta' kull ħtija li jiena għamilt u nitlob maħfra lill-Feddej tiegħi Ġesù Kristu u lilkom. Nitlobkom, ħuti għeżież, li tinħabbu bejnietkom". U wara dan il-kliem u twissijiet oħra ta' siwi, fil-waqt li nxteħet fuq is-sodda, wiċċu sar jiddi u ħieni bla qies, u għalhekk il-patrijiet bdew jistagħġbu qatigħ; u f'dak il-ferħ ir-ruħ qaddisa tiegħu, inkurunata bis-sebħ, għaddiet minn din il-ħajja għall-ħajja oħra ħienja ta' l-Anġli.

Għall-ġieh u s-sebħ ta' Kristu. Hekk ikun.

## IS-SEBA' KAPITLU.

### Kif San Franġisk għadda r-Randan fi gżira tal-għadira ta' Perugia fejn sâm erbgħin jum u erbgħin lejl u ma kielx iżjed min-nofs ħobża (21).

Il-Qaddej veru ta' Kristu San Franġisk, ġaladarba f'xi ħwejjeġ kien qisu Kristu ieħor, mibgħut liddinja għas-saħħa ta' l-erwieħ, il-Missier Alla, f'ħafna egħmil ieħor, ried jagħmlu jixbah lil Ibnu Ġesù Kristu, ngħidu aħna bħal miġemgħa tat-tnax l-Appostlu, fil-misterju kbir ta' l-Istimmati Mqaddsa u fis-sawm twil tar-Randan Imqaddes li hu għamel f'din id-dinja.

(21) Dan ġara fis-sena 1211 fuq l-eżempju ta' Kristu. Ara *Mat.* IV.

Billi, darba waħda, nhar il-karnival, San Franġisk kien mar ħdejn il-għadira ta' Perugia għand wieħed mill-ħbieb twajba tiegħu u li miegħu għadda l-lejl, ġie mnebbaħ minn Alla sabiex imur jagħmel ir-Randan fi gżira tal-għadira msemmija. Għalhekk San Franġisk talab lil dak ir-raġel twajjeb sabiex, għall-imħabba ta' Kristu, iwasslu bid-dgħajsa tiegħu sal-gżira tal-għadira fejn ma kienet tinsab ebda ruħ u li jagħmel dan matul il-lejl tal-jum ir-Rmied, sabiex ħadd ma jkun jaf b'din il-ħaġa. U dak, għall-qima kbira li kellu lejn San Franġisk, minnufih laqa' talbietu u wasslu sal-gżira msemmija; u San Franġisk ma ħax miegħu ħlief żewġ ħbejżiet. U kif wasslu l-gżira u l-ħabib kien sejjer jitlaq biex jarġa' lura lejn id-dar, San Franġisk talbu bil-ħniena sabiex ma jgħid lil ħadd kif hu kien jinsab hemm u li ma jmurx għalih jekk mhux nhar Ħamis-ix-Xirka. U hekk dak telaq u San Franġisk baqa' waħdu.

U billi hemmhekk ma kien hemm ebda dar fejn sata' jistkenn, daħal taħt sies imwarrab li, bil-friegħi u l-weraq tas-siġar fuqu, kien donnu għarix ċkejken jew moħba. U f'dan il-post beda jitlob u jaħseb fuq il-ħwejjeġ tas-sema. U baqa' hemm ir-Randan kollu mingħajr ma jixrob u jiekol, ħlief biss nofs waħda minn dawk iż-żewġ ħbejżiet, skond ma sab dak il-ħabib twajjeb tiegħu nhar Ħamis-ix-Xirka meta mar għalih; għaliex dan, miż-żewġ ħbejżiet, sab waħda sħiħa u nofs mill-oħra. U n-nofs l-ieħor jista' jkun li kielu San Franġisk b'qima tas-sawm ta' Kristu mbierek li sam erbgħin jum u erbgħin lejl.

Imbagħad f'dak il-post, fejn San Franġisk kien għamel tgħakkis tal-għaġeb, Alla għamel ħafna mirakli għall-merti tiegħu; għalhekk in-nies bdew jibnu dik in-naħa u joqogħdu hemm; u fi żmien qasir

bnew kastell sabiħ u kbir, u hemmhekk il-lum hu l-post tal-patrijiet, li jissejjaħ il-post tal-Gżira; u sallum l-irġiel u n-nisa juru mħabba u qima kbira f'dak il-post fejn San Franġisk għamel ir-Randan li semmejna.

Għall-ġieh ta' Kristu. Hekk ikun.

## IT-TMIEN KAPITLU

**Kif San Franġisk, fil-waqt li kien miexi ma' Fra Leone wrieh liema huma dawk il-ħwejjeġ li fihom jinsab il-ferħ perfett.**

Fil-waqt li darba waħda, għall-ħabta tax-xitwa, San Franġisk kien ġej minn Perugia ma' Fra Leone għal Santa Marija ta' l-Anġli u l-bard kien għamel bihom sewwa, dan il-qaddis sejjaħ lil sieħbu li kien miexi ftit qablu u qallu heqq: "O Fra Leone, li kieku l-Patrijiet tal-Minuri tad-dinja kollha jagħtu eżempju kbir ta' qdusija u ta' tagħlim tajjeb, niżżel u ikteb li f'din il-ħaġa m'hemmx ferħ perfett". U, fil-waqt li San Franġisk baqa' miexi, sejjaħlu t-tieni darba: "O Fra Leone, kieku l-Patri tal-Minuri jagħti d-dawl lill-għomja, jiddritta lill-imgħawġin, ikeċċi x-xjaten, jagħti s-smigħ lit-torox, il-mixi lill-magħtubin, il-kliem lill-muti, u , li hi ħaġa tabilħaqq kbira, li jagħti l-ħajja lil min ikun ilu erbat ijiem mejjet, ikteb li f'din il-ħaġa m'hemmx ferħ perfett". U, wara ftit ieħor, San Franġisk b'leħen qawwi: "O Fra Leone, jekk il-Patri tal-Minuri jkun jaf bl-ilsna kollha, il-għerf kollu u l-kotba kollha, daqshekk li jkun jaf igħid u juri mhux biss dak li għad irid isir, imma saħansitra l-moħbiet tar-ruħ u tal-qalb, ikteb li f'dawn il-ħwejjeġ m'hemmx ferħ perfett". U, fil-

waqt li baqa' miexi ftit ieħor, San Franġisk għajjat b'leħen iktar qawwi: "O Fra Leone, ħarufa t'Alla, kieku l-Patri tal-Minuri jkun jitkellem l-ilsna ta' l-Anġli u jkun jaf il-mixi tal-kwiekeb u l-qawwa tal-ħxejjex u jsib it-teżori kollha ta' l-art u jagħraf il-ħajja tal-agħsafar, tal-ħut u ta' l-annimali kollha u tal-bnedmin, tas-siġar, tal-ġebel u ta' l-ilma, ikteb li f'dawn il-ħwejjeġ m'hemmx ferħ perfett". U, meta mexa biċċa oħra ġmielha, San Franġisk għajjat kemm felaħ: "O Fra Leone, kieku l-Patri tal-Minuri jkun jaf jippriedka daqshekk li jikkonverti l-pagani kollha għat-twemmin ta' Kristu, ikteb li din il-ħaġa ma jkunx fiha ferħ perfett".

U billi din il-għamla ta' kliem baqgħet sejra għal matul żewġ mili, Fra Leone, kollu mistagħġeb, saqsa lil San Franġisk u qal: "Missier, nitolbok, mela, fl-isem t'Alla, tgħidli fejn jinsab il-ferħ perfett". U San Franġisk wieġeb: "Meta aħna naslu f'Santa Marija ta' l-Anġli, imxarrbin għasra bix-xita u mir-żuħin bil-bard u mimlijin tajn u bil-ġuħ, u meta nħabbtu l-bieb tal-post joħroġ il-purtinar irrabjat għalina u jgħidilna — Intom minn intom? — u aħna nwieġbu — Aħna tnejn mill-patrijiet tagħkom; u hu jgħidilna—Intom m'intkomx tgħidu s-sewwa, imma żewġ brikkuni li qegħdin tqarrqu bid-dinja u tisirqu flus il-fqar; itilqu minn hawn—u ma jifthilniex, u jħallina barra fil-borra u x-xita, fil-bard u bil-ġuħ sa bil-lejl; allura jekk aħna nieħdu kollox bis-sabar, bla ma niddejqu u ngemgmu minn dik il-ħruxija u tkeċċija, fil-waqt li, bl-umiltà kollha, insiru nafu li dak il-purtinar ikun għarafna tabilħaqq u li Alla jkun ippermetta li jeħodha kontra tagħna,o Fra Leone, ikteb li hawn jinsab il-ferħ perfett. U jekk aħna nkomplu nħabbtu u hu joħroġ immasħan għa-

lina u bħala żewġ boloħ ta' ksir-il-għajn ikeċċina 'l barra bi kliem ħażin u bil-ħarta u jgħidilna — Itilqu minn hawn, ħallelin l-iktar baxxi, morru l-isptar għax la tieklu hawn u anqas tidħlu — u jekk aħna nsofru dan kollu bis-sabar u bil-ferħ u bla gdiedem, Fra Leone, ikteb li hawn jinsab il-ferħ perfett. U jekk aħna, mirkubin mill-ġuħ u mill-kesħa tal-lejl, inkomplu nħabbtu u ngħajtu u nitolbu bid-dmugħ f'għajnejna biex jiftħilna u jilqagħna għall-imħabba t'Alla, u dak iktar inkorlat igħid — Dawk huma żewġ boloh ta' ksir-il-għajn, jiena nħallashom kif jixirqilhom — u joħroġ għalina b'għasluġ kollu għakiesi, u jaqbadna mill-kapoċċ u jixħetna fl-art u jmigħekna qalb il-borra u jsawwatna bl-għakiesi ta' dak il-għasluġ: jekk aħna nġarrbu bis-sabar u bil-ferħ dawn il-ħwejjeġ, fil-waqt li naħsbu fil-pwieni ta' Kristu mbierek li aħna għandna nġarrbu għall-imħabba tiegħu; o Fra Leone, ikteb li f'dawn il-ħwejjeġ jinsab il-ferħ perfett. U issa isma' ta' l-aħħar, Fra Leone. Fuq il-grazzji kollha u d-doni ta' l-Ispirtu s-Santu li Kristu jagħti lill-ħbieb tiegħu, hu li tirbaħ lilek innifsek, u bil-qalb kollha u għall-imħabba ta' Kristu ssofri l-pwieni, it-tkasbir u ż-żeblih u n-nuqqasijiet tal-ħajja; għaliex aħna ma nistgħux niftaħru bid-doni l-oħra ta' Alla, għax dawk ma jkunux tagħna, iżda t'Alla. Għalhekk l-Appostlu jgħid: *X'għandek inti li ma qlajtux mingħand Alla? u jekk inti qlajtu mingħandu, għaliex tiftaħar bih, bħallikieku ġibtu mingħandek?* (22). Iżda fis-salib tat-taħbit u tad-dwejjaq aħna nistgħu niftaħru għax dan hu tagħna, u għalhekk l-Appostlu jgħid: *Jiena*

---

(22) Ittra I *ad Cor.* IV, 7.

*ma rridx niftaħar ħlief biss fis-salib tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu''.* (23).

Li lilu jkun ġieħ u glorja in saecula saeculorum. Amen.

## ID-DISA' KAPITLU

**Kif San Franġisk kien igħallem lil Fra Leone kif għandu jwieġeb, u dan ma seta' qatt igħid jekk mhux bil-maqlub ta' dak li kien irid San Franġisk.**

Billi, darba waħda, fil-bidu ta' l-Ordni, San Franġisk kien jinsab ma' Fra Leone (24) f'post fejn ma kellhomx kotba biex igħidu l-Uffiċċju Divin, meta sar il-ħin tal-Matutin San Franġisk qal lil Fra Leone: "Għażiż, aħna ma għandniex brevjar biex ngħidu bih il-Matutin; iżda sabiex aħna ngħaddu ż-żmien infaħħru 'l Alla, jiena ngħid u inti twieġibni kif sejjer ngħallmek; u iftaħ għajnejk li ma tbiddilx il-kliem minn kif ngħallmek jien. Jiena ngħid hekk: O Fra Franġisk, inti għamilt daqshekk deni u daqshekk dnubiet meta kont fis-seklu li jistħoqqlok l-infern; u inti, Fra Leone, twieġeb — Tassew li jistħoqqlok qiegħ l-infern—". U Fra Leone, bis-sempliċità tal-ħamiema, wieġeb: "Bil-qalb kollha, Missier; ibda, fl-isem t'Alla". Allura San Franġisk beda jgħid: "O Fra Franġisk, inti għamilt daqshekk deni u daqshekk dnubiet fis-seklu li jistħoqqlok l-infern". U Fra Leone jwieġeb: "Alla jagħmel tant ġid miegħek, li inti tmur il-Ġenna". San Franġisk qal: "La tgħidx hekk, Fra Leone,

(23) Ittra *"ad Gal."* VI, 14.
(24) Dan il-patri kien il-konfessur ta' San Franġisk; miet ġewwa Assisi fil-1271.

iżda meta jien ngħid — O Fra Franġisk, inti għamilt daqshekk egħmil ħażin kontra Alla, li inti jistħoqqlok li tkun misħut minn Alla — u inti wieġeb hekk — Tabilħaqq li jistħoqqlok li tkun mal-misħutin—". U Fra Leone wieġeb: "Bil-qalb kollha, Missier." Allura San Franġisk, bid-dmugħ u lfieq u bit-taħbit fuq sidru, beda jgħid b'leħen għoli: "O Sinjur Alla tiegħi, tas-sema u ta' l-art, jiena għamilt daqshekk ħwejjeġ ħżiena u daqshekk dnubiet kontra tiegħek, li tabilħaqq jistħoqqli li nkun misħut minnek". U Fra Leone wieġeb: "O Fra Franġisk, Alla jagħmlek daqshekk tajjeb li, fost l-imberkin, inti tkun l-iktar imbierek".

San Franġisk, kollu mistagħġeb għax Fra Leone kien iwieġeb bil-maqlub ta' dak li kien qallu, raġa' qallu hekk: "Għaliex ma tweġibx bħalma għallimtek jien? Jiena nikkmandak f'ġieh l-ubbidjenza mqaddsa li inti twieġeb kif sa ngħallmek. Jiena ngħid hekk — O Fra Franġisk ħażin, taħseb inti li Alla jkollu ħniena minnek? Inti għamilt dnubiet daqshekk kontra Alla l-Missier tal-ħniena u Alla ta' kull ferħ tal-qalb, li ma jistħoqqlokx li ssib ħniena. U inti, Fra Leone, ħarufa, twieġeb — Bl-ebda mod ma jistħoqqlok li ssib ħniena." Iżda, imbagħad, meta San Franġisk qal: "O Fra Franġisk ħażin ecc", Fra Leone wieġeb: "Alla l-Missier, li l-ħniena tiegħu hi bla qies iktar mid-dnub tiegħek, juża miegħek ħniena kbira u magħha jżidlek ħafna grazzji".

Għal din it-tweġiba San Franġisk, inkorlat bilħlewwa u mħawwad u f'ħin wieħed kollu paċenzja, qal lil Fra Leone: "Għaliex issograjt tmur kontra l-ubbidjenza u ħafna drabi weġibt bil-maqlub ta' dak li jiena għedtlek tagħmel?" Fra Leone, b'umiltà u

qima kbira, wieġeb: "Alla jaf, Missier tiegħi, li kull darba jiena kelli ħsieb li nwieġbek bħalma inti ikkmandajtni; iżda Alla jġagħalni nitkellem kif jogħġob lilu u mhux lili".

Hawn San Franġisk baqa' mistagħġeb u qal lil Fra Leone: Jiena nitolbok bil-ħniena kollha li, din id-darba, inti tweġibni kif għedtlek". Fra Leone wieġeb: "Għid, fl-isem t'Alla, għax jiena żgur li din id-darba nwieġbek kif trid inti". U San Franġisk, bid-dmugħ, qal: "O Fra Franġisk ħażin, taħseb inti li Alla sa jkollu ħniena minnek?" Fra Leone wieġeb: "Mhux biss, imma grazzja kbira ser taqla' minn għand Alla u jgħollik u jigglorifikak għal dejjem, għaliex min jitbaxxa jiġi mgħolli. U jien ma nistax ngħid xort'oħra, għaliex Alla qiegħed jitkellem permezz ta' fommi".

U hekk, f'din it-tilwima umli, għaddew il-jum fid-dmugħ u fil-ferħ kbir tar-ruħ.

Għall-ġieh ta' Kristu. Hekk ikun.

## IL-GHAXAR KAPITLU

**Kif Fra Massew, donnu biex jidħaq, qal lil San Franġisk illi d-dinja kollha kienet sejra warajh, u hu wieġeb li dan sar b'għajb lid-dinja u bi grazzja t'Alla.**

Fil-waqt li, darba waħda, San Franġisk kien jinsab in-naħa tal-Porzjunkula ma' Fra Massew minn Marignano, bniedem ta' qdusija kbira u ta' għaqal u grazzja liema bħala meta jitkellem fuq Alla (25) — u li għalhekk San Franġisk kien iħobbu ħafna—,

(25) Miet fl-1289 ġewwa Assisi.

ġurnata waħda, fil-waqt li San Franġisk kien ħiereġ mill-bosk fejn kien qed jitlob, kif kien għadu f'tarf il-bosk, l-imsemmi Fra Massew ried jistħarreġ ftit l-umiltà tiegħu, u mar quddiemu, u donnu biex jiċ-ċajta, qal: "Għaliex warajk? Għaliex warajk? Għaliex warajk?" San Franġisk wieġeb: "X'inhu li trid tfissirli b'dan?" Fra Massew qal: "Irrid ngħid, għaliex id-dinja kollha ġejja warajk, u kulħadd donnu jixtieq li jarak u li jisimgħek u li jobdik? M'intix sabiħ fil-persuna tiegħek, m'intix ta' għerf kbir, m'intix nobbli; għaliex mela d-dinja kollha ġejja warajk?" San Franġisk, meta sama' dan, kollu ferħan fl-ispirtu tiegħu dawwar wiċċu 'l fuq lejn is-sema u baqa' hekk, bi ħsiebu merfugħ f'Alla, għal ħafna ħin;. u mbagħad, meta ġie f'sessih, niżel għar-rkobbtejh u iżżaħajr u faħħar 'l Alla; u mbagħad, b'ħeġġa kbira tar-ruħ, dar fuq Fra Massew u qal: "Trid tkun taf għaliex warajja? Trid tkun taf għaliex warajja? Trid tkun taf għaliex id-dinja kollha ġejja warajja? Dan jiena qlajtu minn dawk l-għajnejn t'Alla l-iktar għoli li kullimkien jaraw it-tajbin u l-ħżiena; u billi dawk l-għajnejn l-iktar qaddisa qalb il-midinbin ma rawx ieħor agħar minni, lanqas ikbar minni u lanqas ta' ħila ċkejkna daqsi, u, sabiex jagħmel dik il-biċċa xogħol tal-għaġeb, li hu jrid jagħmel, ma sabx ħlejqa oħra iktar baxxa minni fid-dinja, hu ħatar lili biex nikkonfondi n-nobiltà, il-kobor, il-qawwa, is-sbuħija u l-għerf tad-dinja, sabiex nitgħallmu li kull virtù u kull ġid hu ġej minnu u mhux mill-kreaturi, u li ebda bniedem ma jista' jiftaħar quddiemu, u li min jiftaħar, għandu jiftaħar fis-Sinjur li lilu jistħoqq kull ġieh u glorja għal dejjem".

Għalhekk Fra Massew, għal din it-tweġiba daqs-

hekk umli u li ħarġet minn fommu b'ħeġġa liema bħala, beża' u għaraf sewwa li San Franġisk kellu tabilħaqq umiltà kbira.

Għall-ġieh ta' Kristu. Hekk ikun.

## IL-ĦDAX-IL KAPITLU

**Kif San Franġisk ġiegħel lil Fra Massew idur idur għal ħafna drabi u mbagħad telaq lejn Siena.**

Fil-waqt li jum wieħed San Franġisk kien sejjer ma' Fra Massew, l-imsemmi Fra Massew kien miexi ftit quddiem; u, billi kienu waslu fi triq li tinfetaħ fi tlieta, u li għalhekk minn hemmhekk kont tista' tmur Firenze, Siena u Arezzo, Fra Massew qal: "Missier, minn liema triq sa ngħaddu?" San Franġisk wieġeb: "Minn dik li Alla jkun irid". Fra Massew qal: "U kif aħna nkunu nafu r-rieda t'Alla?" San Franġisk wieġbu: "Bis-sinjal li jiena nurik; għalhekk jiena nikkmandak, għall-mertu ta' l-ubbidjenza mqaddsa, sabiex f'dawn it-tliet frigħi, sewsew fejn tinsab wieqaf, inti tibda ddur iddur, kif jagħmlu t-tfal, u ma tiqafx iddur qabel ma ngħidlek jien". Allura Fra Massew beda jdur idur u dam idur daqshekk li qabdu l-mejt, bħalma aktarx jiġri lil kull min jibda jdur, u waqa' fl-art għal ħafna drabi. Iżda, billi San Franġisk ma qallux biex jieqaf u billi hu ried jobdi bil-fedeltà kollha, kien iqum u jarġa' jibda. Fl-aħħar, meta beda jdur iktar mgħaġġel, San Franġisk qal: "Ieqaf u la tiċċaqlaqx". U hu waqaf; u San Franġisk staqsieh: "Lejn liema naħa inti qiegħed tħares?" Fra Massew wieġeb: "Lejn Siena". San Franġisk qal: "Dik hi t-triq li Alla jridna ngħaddu minnha".

Fil-waqt li kienu sejrin għal għonq it-triq, Fra Massew beda jistagħġeb qatigħ b'dak li San Franġisk kien ġagħalu jagħmel bħat-tfal quddiem in-nies li kienu għaddejjin; b'dana kollu ma ssograx igħid kelma waħda biss lil dak il-Missier qaddis.

Meta qorbu sewwa lejn Siena, in-nies tal-belt semgħu bil-miġja ta' San Franġisk u, fil-waqt li marru jilqgħuh, b'rispett kbir, wasslu lilu u lil sieħbu sal-palazz ta' l-isqof hekk li ma ħallewhomx imissu saqajhom ma' l-art. Dak il-ħin xi wħud min-nies ta' Siena kienu qegħdin jiġġieldu bejniethom u diġà kienu mietu tnejn minnhom. Meta waslu hemm, San Franġisk ippridkalhom hekk bil-qalb u bil-ħeġġa li hu ġagħalhom ilkoll jagħmlu paċi, jingħaqdu u jiftiehmu bejniethom. Għalhekk, kif l-isqof ta' Siena sar jaf b'dik il-biċċa xogħol qaddisa li kien għamel San Franġisk, stiednu d-dar tiegħu u laqgħu b'qima kbira dak il-jum u l-lejl ukoll. U l-għada fil-għodu, San Franġisk, tabilħaqq umli u li f'ħidmietu ma kienx ifittex ħlief il-glorja t'Alla, qam kmieni ma' sieħbu u telaq bla ma qal xejn lill-isqof. Minħabba f'hekk, Fra Massew matul it-triq beda jgemgem bejnu u bejn ruħu u jgħid: "Xi jrid igħid bih dak li għamel dan il-bniedem twajjeb? Lili ġagħalni ndur bħat-tfal u lill-isqof, li qiemu daqshekk, anqas qallu kelma waħda biss u lanqas ma żżihħajr". U lil Fra Massew deherlu li San Franġisk ma kienx ġieb ruħu tajjeb. Iżda mbagħad, imnebbaħ mis-sema, meta ġie f'sessih u beda jċanfar lilu nnifsu, f'qalbu qal: "Fra Massew, inti supperv iżżejjed għax qiegħed tiġġudika għemil is-sema u jistħoqqlok l-infern għas-suppervja tiegħek ħażina: għaliex il-bieraħ Fra Franġisk għamel biċċa xogħol hekk qaddisa illi kieku għamilha l-Anġlu t'Alla ma kenitx tkun iktar tal-

għaġeb. Għalhekk li kieku hu jikkmanda li twaddab il-ġebel, inti jkollok tobdih għaliex dak li hu għamel matul it-triq hu ġej mir-rieda tas-sema bħalma jidher mill-ġid li sar, għaliex li kieku hu ma ħabbibx lil dawk li kienu jiġġieldu mhux biss ħafna iġsma kienu jmutu bis-sikkina bħalma kien beda jsir, iżda wkoll ix-xitan kien iġorr ħafna erwieħ fl-infern. U għalhekk inti iblah wisq u supperv ġaladarba qiegħed tgemgem fuq dak li bid-dieher hu ġej mir-rieda t'Alla".

U dawn il-ħwejjeġ kollha li Fra Massew kien qiegħed igħid f'qalbu fil-waqt li kien miexi quddiem. Alla nebbaħhom lil San Franġisk. Għalhekk fil-waqt li San Franġisk resaq ħdejh qallu: "Dawk il-ħwejjeġ li qiegħed taħseb fihom bħalissa, żommhom tajjeb għaliex huma tajbin u meħtieġa u nebbaħhomlok Alla: iżda, l-ewwel tgemgima li għamilt kienet għamja, belha u supperva u x-xitan kien li ġibhielek f'moħħok". Allura Fra Massew intebaħ sewwa li San Franġisk kien ikun jaf il-moħbiet ta' qalbu, u, bla dubju ta' xejn, fehem li l-ispirtu tal-għerf tas-sema kien qiegħed imexxi lill-missier qaddis fl-egħmil tiegħu kollu.

Għall-ġieħ ta' Kristu. Hekk ikun.

## IT-TNAX-IL KAPITLU

**Kif San Franġisk qabbad lil Fra Massew jieħu ħsieb tal-bieb, imur għaċ-ċirka u jsajjar; imbagħad neħħieh għax talbuh il-Patrijiet l-oħra.**

San Franġisk, billi ried iċekken lil Fra Massew sabiex ma jogħliex u ma jimteliex b'tifħir fieragħ għax kien qala' għotjiet kbar u grazzji minn għand

Alla, iżda sabiex jikber dejjem fil-virtù permezz ta' l-umiltà, darba waħda, fil-waqt li kien jinsab f'post imwarrab ma' l-ewwel sħab tiegħu li kienu tabilħaqq qaddisin u li magħhom kien jinsab ukoll Fra Massew li semmejna, qal lil Fra Massew quddiem sħabu l-oħra: "O Fra Massew, dawn sħabek kollha qalgħu mingħand Alla l-grazzja li jaħsbu dejjem fuqu u li jitolbu u inti qlajt il-grazzja li xxandar il-kelma t'Alla sabiex taqdi lill-erwieħ. Iżda jien irrid, sabiex dawk ikunu jistgħu jaħsbu iktar fuq Alla, li inti tieħu ħsieb tal-bieb, tmur għaċ-ċirka u ssajjar; u, meta l-patrijiet l-oħra jkunu qegħdin jieklu inti tiekol barra l-bieb, sabiex dawk li jiġu hawn, qabel ma jħabbtu, inti tgħidilhom xi erba' kelmiet fuq Alla, u hekk ma jkunx hemm għalfejn joħroġ xi ħadd ħliefek. U dan qis li tagħmlu minħabba l-ubbidjenza mqaddsa." Allura Fra Massew neħħa l-barnuża minn rasu, baxxa rasu u bl-umiltà kollha qagħad għal dawk l-ordnijiet u kompla jagħmel din l-ubbidjenza għal ħafna ġranet, jieħu ħsieb tal-bieb, imur għaċ-ċirka u jsajjar.

Iżda sħabu, bħala bnedmin imnebbħin minn Alla, bdew iħossu tingiż kbir f'qalbhom, għax bdew jaraw li Fra Massew kien bniedem ta' perfezzjoni kbira daqshom u iktar minnhom u għax raw li dak ix-xogħol kollu ġie mogħti lilu u mhux lilhom. Għal hekk huma, imqanqlin bi ħsieb wieħed, marru jitolbu lill-missier qaddis sabiex jogħġbu jqassam dak ix-xogħol kollu bejniethom, għaliex il-kuxjenza tagħhom ma kenitx tħallihom li Fra Massew joqgħod għal dak ix-xogħol kollu. San Franġisk, meta sama' dan, emminhom u qagħad għar-rieda tagħhom, u, fil-waqt li sejjaħ lil Fra Massew, qallu hekk: "Fra Massew, sħabek iridu li jkollhom sehem mix-xogħol

li jiena tajtek u għalhekk jiena rrid li dan ix-xogħol jitqassam". Fra Massew, bl-umiltà u b'sabar kbir, wieġeb: "Missier, dak li inti tqabbadni nagħmel, ħafna jew ftit, jiena nieħdu minn idejn Alla". Allura San Franġisk, meta ra l-karità ta' l-oħrajn u l-umiltà ta' Fra Massew, għamlilhom priedka tal-għaġeb fuq l-umiltà mqaddsa u għallimhom illi iktar ma jkunu kbar il-għotjiet u l-grazzji li jagħtina Alla, iktar għandna nkunu umli, għaliex mingħajr l-umiltà ebda virtù ma tiġi milqugħa minn Alla. U kif spiċċa l-priedka, qassam dak ix-xogħol bi ħniena kbira.

Għall-ġieħ ta' Kristu. Hekk ikun.

## IT-TLITTAX-IL KAPITLU

**Kif San Franġisk u Fra Massew qiegħdu l-ħobż li kienu qalgħu fuq ġebla ħdejn għajn ta' l-ilma, u San Franġisk faħħar ħafna l-faqar. Imbagħad talab lil Alla u lil San Pietru u San Pawl sabiex iġagħluh iħobb il-faqar imqaddes u kif dehrulu San Pietru u San Pawl.**

Il-Qaddej tal-għaġeb u l-mexxej wara Kristu, San Franġisk, biex isir jixbah f'kull ħaġa lil Kristu li, skond ma jgħid l-Evanġelju (26), bagħat id-dixxipli tiegħu tnejn tnejn f'dawk l-ibliet kollha u naħiet oħra fejn kellu jmur hu, minn dak in-nhar li, fuq l-eżempju ta' Kristu, ġabar it-tnax l-imsieħeb, bagħathom jippridkaw mad-dinja tnejn tnejn. U sabiex jagħtihom l-eżempju ta' vera ubbidjenza, hu beda jmur l-ewwel, bħalma għamel Kristu, li l-ewwel beda jaħdem qabel ma beda jgħallem. Għalhekk, billi kien

(26) Ara *San Mark* VI, 7 u *S. Luqa* X.

bagħat lil sħabu f'inħawi oħra, hu, flimkien ma' Fra Massew, ġibed għan-naħa tal-provinċja ta' Franza.

Billi, ġurnata waħda, kienu waslu ħdejn raħal mejtin bil-ġuħ, marru, kif tgħid ir-Regola, jitolbu l-ħobż għall-imħabba t'Alla; u San Franġisk qabad triq u Fra Massew qabad oħra. Iżda, billi San Franġisk kien bniedem li jġiblek ħniena u qasir mill-ġisem, u li għalhekk dawk li ma kinux jafuh kienu jgħadduh ta' fqajjar mormi, ma qalax ħlief ftit loqom u biċċiet tal-ħobż iebes; iżda, Fra Massew, għax kien fih raġel u sabiħ, qala' ħafna kisriet, kbar u tajbin, u xi ħobża sħiħa wkoll.

Wara li kienu ttalbu, iltaqgħu flimkien barra r-raħal biex jitrejqu f'post fejn kien hemm għajn sabiħa u ma' ġenbha kien hemm ġebla wiesgħa li fuqha kull wieħed qiegħed dak kollu li kien qala'. U billi San Franġisk ra li l-kisriet tal-ħobż ta' Fra Massew kienu iktar u isbaħ u akbar minn tiegħu, feraħ qatigħ u qal hekk: "O Fra Massew, aħna ma jistħoqqilniex li jkollna dan it-teżor hekk kbir," u billi tenna kemm-il darba dan il-kliem, Fra Massew wieġeb: "Missier għażiż, kif jista' jissejjaħ teżor fejn hemm daqshekk faqar u nuqqas ta' ħwejjeġ meħtieġa? Hawn la għandna sarvetta, la sikkina, la fuqiex inqiegħdu l-ħobż, la platt, la dar, la mejda, la qaddej u lanqas qaddejja". Għalhekk San Franġisk wieġeb: "U dan hu dak li jien inqis teżor kbir, fejn mhemm xejn minn dak li jistgħu jlestu jdejn il-bniedem, imma dak li ġibitilna l-provvidenza tassema bħalma jidher bid-dieher minn dan il-ħobż li qlajna, minn din il-mejda tal-ġebel daqshekk sabiħa u minn din l-għajn hekk safja. U jiena rrid nitolbu 'l Alla sabiex iġagħalna nħobbu b'qalbna kollha dan it-teżor mqaddes tal-faqar daqshekk nobbli, li l-qad-

dej tiegħu hu Alla nnifsu". U wara li qal hekk u talbu u kielu minn dawk il-kisriet tal-ħobż u xorbu minn dak l-ilma, qamu biex jerħulha lejn Franza.

U meta waslu ħdejn knisja, San Franġisk qal lil sieħbu: "Ejja nidħlu f'din il-knisja biex nitolbu". U San Franġisk mar wara l-artal u beda jitlob u f'dak it-talb kellu ħeġġa hekk kbira bid-dehra tas-sema u ħeġġitlu daqshekk lil qalbu b'imħabba lejn il-faqar imqaddes, illi sewwa minn wiċċu kemm mill-ftuħ ta' xufftejh, kien donnu qiegħed jixħet xrar ta' mħabba. U meta resaq, hekk mixgħul, lejn sieħbu, beda jgħidlu hekk: "Ah, ah, ah, Fra Massew, agħtini lilek innifsek". U qal dan għal tliet darbiet u, fit-tielet darba, San Franġisk, bin-nifs tiegħu, refa' lil Fra Massew fl-arja u xeħtu bogħod minn quddiemu tul ta' qasba twila. Fra Massew ma stagħġibx bi ftit b'din il-ħaġa u mar igħid lil sħabu li f'dak il-għoli u mbuttar bin-nifs, li kien għamillu San Franġisk, hu ħass daqshekk ħlewwa ta' qalb u hena fl-Ispirtu s-Santu, li bħalha qatt ma kien ġarrab f'ħajtu.

U, wara dan, San Franġisk qal: "Sieħbi għażiż, imxi mmorru f'San Pietru-Pawl u nitolbuhom igħallmuna u jgħinuna nżommu t-teżor kbir tal-faqar imqaddes; għaliex dan it-teżor hu hekk għoli u divin, li ma jistħoqqilniex inġibuh fil-ġarar tagħna daqshekk baxxi; għaliex din hi dik il-virtù tas-sema li biha jitgħaffġu l-ħwejjeġ kollha tad-dinja li jintemmu u li biha jitneħħa kull xkiel minn quddiem ir-ruħ sabiex hi tkun tista' tingħaqad aktar malajr ma' Alla ta' dejjem. Din hi dik il-virtù li tagħmel lir-ruħ, li tkun għadha fid-dinja, titkellem ma' l-Anġli fis-Sema. Din hi dik li marret ma' Kristu fuq is-salib, indifnet ma' Kristu, irxuxtat ma' Kristu u ma'

Kristu telgħet is-sema; u, li f'din id-dinja wkoll, tagħti lill-erwieħ li jkunu jħobbuha, ħeffa li jittajru lejn is-sema; għaliex hi li tħares l-armi ta' l-umiltà vera u ta' l-imħabba. U għalhekk nitolbu lill-qaddisin Appostli ta' Kristu, li ħabbew bla qies din il-ġawhra ta' l-Evanġelju, li jaqilgħulna din il-grazzja minn-għand is-Sinjur tagħna Ġesù Kristu, sabiex, għall-ħniena qaddisa tiegħu, jistħoqqilna nħobbu aktar, inħarsu u nimxu bl-umiltà kollha wara l-faqar ta' l-Evanġelju l-iktar prezzjuż u maħbub.

U b'din it-taħdita waslu Ruma u daħlu fil-knisja ta' San Pietru; u San Franġisk mar jitlob f'rokna tal-knisja u Fra Massew f'oħra. U fil-waqt li dam jitlob fit-tul bid-dmugħ u bil-ħeġġa, lil San Franġisk dehrulu l-qaddisin Appostli Pietru u Pawlu b'dija kbira u qalulu: "Ġaladarba inti titlob u tixtieq li tħares dak li ħarsu Kristu u l-qaddisin Appostli, is-Sinjur tagħna Ġesù Kristu bagħatna ħdejk biex ngħarrfuk li t-talb tiegħek ġie mismugħ u li ġie mogħti minn Alla, lilek, u lil sħabek, it-teżor kollu tal-faqar imqaddes. U ngħidulek ukoll, fl-isem tiegħu, illi kull min, fuq l-eżempju tiegħek, jimxi kif imiss wara dik ix-xewqa, hu jkun żgur mill-hena tal-ħajja ta' dejjem; u inti u sħabek kollha tkunu mberkin minn Alla". U wara li qalu hekk, għabu fil-waqt li ħallew lil San Franġisk mimli bil-faraġ, li mba-għad, qam mit-talb u mar isib lil sieħbu u staħsieh jekk Alla kienx nebbħu b'xi ħaġa; u wieġbu li le. Allura San Franġisk qallu kif dehrulu l-qaddisin Appostli u dak li kienu qalulu. U mimlijin bil-ferħ qatgħu li jerġgħu jmorru lejn Val di Spoleto, bla ma jmorru Franza.

Għall-ġieħ ta' Kristu. Hekk ikun.

## L-ERBATAX-IL KAPITLU

**Kif, fil-waqt li San Franġisk kien jitkellem mal-Patrijiet tiegħu fuq Alla, Kristu deher f'nofshom.**

Fil-waqt li darba waħda San Franġisk, fil-bidu tar-Reliġjon, kien miġbur ma' sħabu f'post jitkellem fuq Kristu, hu (S. Franġisk), f'ħeġġa tar-ruħ, ikkmanda lil wieħed minnhom biex, fl-isem t'Alla, jiftaħ fommu u jitkellem fuq Alla dak li jnebbħu l-Ispirtu s-Santu. Billi dak il-patri obda għall-kmand u billi beda jitkellem fuq Alla b'mod tal-għaġeb, San Franġisk ġagħalu jiskot u kkmanda lil wieħed ieħor li jagħmel l-istess. U billi dak obda u beda jitkellem fuq Alla bl-irqaqat kollha, San Franġisk, lilu wkoll, qabbdu jieqaf u kkmanda lit-tielet wieħed biex jitkellem fuq Alla. Dan, l-istess, beda jitkellem hekk fil-fond fuq il-ħwejjeġ moħbija t'Alla, li San Franġisk, bla dubju ta' xejn, għaraf li dak, bħat-tnejn l-oħra, kien qiegħed jitkellem permezz ta' l-Ispirtu s-Santu.

U dan deher ukoll b'sinjal ċar, għaliex, fil-waqt li kienu f'dik it-taħdita, Kristu Mbierek deher f'nofshom taħt forma u sura ta' żagħżugħ l-iktar sbejjaħ, u, fil-waqt li berikhom kollha, imlihom b'daqshekk ħlewwa, li lkoll ħarġu barra minn sessihom u baqgħu bħal mejtin bla ma jħossu xejn minn din id-dinja. U mbagħad, meta ġew f'sessihom, San Franġisk qallhom : "Ħuti l-għeżież, iżżu ħajr 'l Alla li bix-xufftejn tas-sempliċi ried juri t-teżori tal-għerf t'Alla; għaliex Alla hu dak li jiftaħ ħalq il-muti u li jagħmel li l-ilsna tas-sempliċi jitkellmu b'għerf l-iktar kbir".

Għall-ġieh tiegħu. Hekk ikun.

## IL-ĦMISTAX-IL KAPITLU

**Kif Santa Kjara kielet ma' San Franġisk u ma' sħabu l-patrijiet f'Santa Marija ta' l-Anġli (27).**

San Franġisk, meta kien Ascesi, ħafna drabi kien imur iżur lil Santa Kjara u jagħtiha tagħlim qaddis. U billi hi kellha xewqa kbira li tiekol xi darba miegħu, u billi kienet talbitu dan għal ħafna drabi, hu ma ried qatt jaqtgħalha xewqitha. U, billi sħabu saru jafu b'dik ix-xewqa ta' Santa Kjara, qalu lil San Franġisk: "Missier, jidhrilna li din l-ebusija tiegħek mhix skond l-imħabba tas-sema, li s-soru Kjara, xebba daqshekk qaddisa u maħbuba minn Alla, inti ma tismagħhiex f'ħaġa hekk żgħira, bħalma hi li tiekol miegħek; u l-iktar meta wieħed jaħseb li hi minħabba l-predikazzjoni tiegħek ħalliet il-ġid kollu u l-frugħa tad-dinja. U tabilħaqq, li kieku hi talbitek xi grazzja ikbar minn din, imissek tagħmilha wkoll ma' din ix-xitla tiegħek tar-ruħ". Allura San Franġisk wieġeb: "Jidhrilkom li jien għandi nismagħha?" U sħabu: "Iva, Missier, hi ħaġa xierqa li inti tagħtiha dan il-faraġ". U mbagħad San Franġisk qal: "Ġaladarba jidhrilkom hekk, mela lili wkoll. Iżda, sabiex hi tkun iktar ħienja, jiena rrid li din l-ikla ssir f'Santa Marija ta' l-Anġli, għax hi ilha ħafna magħluqa f'San Damjan u jagħmlilha tajjeb li tara ftit il-post ta' Santa Marija fejn qatgħet xagħarha u saret għarusa ta' Ġesù Kristu; u hemm nieklu flimkien f'Isem Alla".

Meta wasal il-jum ta' l-ikla, Santa Kjara ħarġet

---

(27) Santa Kjara twieldet fil-belt ta' Assisi fl-1193. Meta kellha 19-il sena saret l-ewwel soru Klarissa. Mietet fil-11 ta' Awissu, 1253.

mill-kunvent ma' oħra minn sħabha u, flimkien ma' sħab San Franġisk, marret f'Santa Marija ta' l-Anġli. U wara li sellmet bil-qalb lill-Verġni Marija quddiem l-artal tagħha fejn qatgħet xagħarha u libset il-velu, dawruha l-post kollu sakemm sar il-ħin ta' l-ikla. Fl-istess waqt San Franġisk beda jlesti l-mejda fuq qiegħ l-art bħalma kien imdorri jagħmel. U kif wasal ħin l-ikla, San Franġisk u Santa Kjara qagħdu bil-qiegħda, u wieħed minn sħab San Franġisk mas-sieħba ta' Santa Kjara, u mbagħad sħabu l-oħra kollha resqu madwar il-mejda bl-umiltà kollha. U, ma' l-ewwel ikel, San Franġisk beda jitkellem fuq Alla hekk bil-ħlewwa, hekk fil-għoli u hekk tal-għaġeb li, fil-waqt li niżżlet fuqhom bil-ħadan il-barka tas-sema, ilkoll ġew meħudin f'Alla.

U, fil-waqt li kienu hekk mitlufin b'għajnejhom u jdejhom merfugħin lejn is-sema, in-nies ta' Ascesi u ta' Bettona u dawk tal-ħâra ta' madwarhom, raw lil Santa Marija ta' l-Anġli u l-post kollu u l-bosk, li kien imiss mal-post, jaqbdu ħuġġieġa waħda u n-nar kien donnu qiegħed jaħkem il-knisja, il-post u l-bosk f'daqqa. Għalhekk in-nies ta' Ascesi telqu b'ġirja waħda 'l isfel biex jitfu dak in-nar għax ħasbu li kien qiegħed iqabbad kulma jsib. Iżda, meta waslu fil-post u ma sabu ebda ħruq, daħlu ġewwa u sabu lil San Franġisk ma' Santa Kjara u sħabu kollha mitlufin f'Alla fi ħsibijiet tas-sema, miġburin madwar dik il-mejda fqajra. Minn dan huma ntebħu li dak kien nar tas-sema u mhux tad-dinja li Alla wera b'miraklu biex juri u jfisser in-nar ta' l-imħabba t'Alla li bih kienu jixegħlu l-erwieħ ta' dawk il-patrijiet u s-sorijiet qaddisa; għalhekk huma telqu b'ferħ kbir ta' qalbhom u b'tagħlima qaddisa.

Imbagħad, wara ħin twil, meta San Franġisk u

Santa Kjara flimkien ma' l-oħrajn ġew f'sessihom, kif ħassew lilhom infushom xebgħanin bl-ikel tar-ruħ, ftit jew xejn taw ħsieb ta' l-ikel tal-ġisem. U kif spiċċaw dak l-ikel imqaddes, Santa Kjara, imħarsa kif imiss, reġgħet lura lejn San Damjan. U s-sorijiet kif rawha ferħu bla tmiem, għax huma kienu beżgħu li San Franġisk kien bagħatha tieħu ħsieb xi kunvent ieħor, bħalma kien għamel meta bagħat lis-soru Anjeża, oħtha l-qaddisa (28), badessa biex tieħu ħsieb il-kunvent ta' Monticelli ta' Firenze; u San Franġisk kien qal xi darba lil Santa Kjara: "Lesti ruħek, jekk ikun meħtieġ li jien nibagħtek band' oħra"; u hi, bint l-ubbidjenza mqaddsa, wieġbet: "Missier, jien dejjem lesta biex immur kull fejn inti tibgħatni". U għalhekk is-sorijiet ferħu ħafna meta reġgħu rawha. U minn dak in-nhar 'il quddiem Santa Kjara baqgħet imfarrġa ħafna.

Għall-ġieh ta' Kristu. Hekk ikun.

## IS-SITTAX-IL KAPITLU

### Kif San Franġisk ħa l-parir ta' Santa Kjara u tal-qaddis Fra Silvestru biex, bil-predikazzjoni tiegħu, jikkonverti ħafna nies; u waqqaf it-Terz'Ordni u ippriedka lill-agħsafar u sikket lill-ħuttaf (29).

Il-qaddej umli ta' Kristu, San Franġisk, ftit żmien wara l-konverżjoni tiegħu, billi kien ilu li ġabar ħafna minn sħabu u laqagħhom fl-Ordni, qabdu ħsieb kbir u dubju kbir dwar dak li hu kellu jagħmel; jiġifieri jekk kellux jitlob biss jew ta' kultant

(28) Sant'Anjeża daħlet soru sittax-il ġurnata wara oħtha Kjara u mietet tliet xhur warajha.

(29) Dan ġara fis-sajf ta' l-1212.

jippriedka u, fuq kollox kien jixtieq ħafna li jkun jaf ir-rieda t'Alla. U ġaladarba l-umiltà tiegħu ma kenitx tħallih jafda fih innifsu u lanqas fit-talb tiegħu, ħaseb li jagħraf ir-rieda tas-Sema bit-talb ta' ħaddieħor.

Għalhekk hu sejjaħ lil Fra Massew u qallu hekk: "Mur għand is-Soru Kjara u għidilha f'isem tiegħi biex hi ma' xi waħd'oħra minn sħabha l-iktar tar-ruħ jitolbu bil-qalb lil Alla biex jogħġbu jurini liema hu l-aħjar: jew li jien nagħtiha għall-predikazzjoni jew għat-talb biss. U mbagħad mur għand Fra Silvestru u għidlu l-istess". Dan kien dak is-sur Silvestru li, meta kien għadu fid-dinja, kien ra salib taddeheb ħiereġ minn ħalq San Franġisk u hekk twil li kien iwassal sas-sema u hekk wasa' li kien ilaħħaq sat-truf ijiet tad-dinja; u dan Fra Silvestru kien daqshekk devot u qaddis li, kulma kien jitlob lil Alla, kien jiġi mismugħ u jaqilgħu u ħafna drabi kien jitkellem ma' Alla: u għalhekk San Franġisk kien iħobbu ħafna.

Fra Massew mar u, skond ma kien qallu San Franġisk, l-ewwel telaq għal għand Santa Kjara u mbagħad għand Fra Silvestru (30). Dan, malli rċieva l-aħbar, minnufih beda jitlob u fit-talb kellu t-tweġiba tas-sema u raġa' lura għal għand Fra Massew u qallu hekk: "Dan inebbaħni Alla sabiex tgħid lil-Fra Franġisk: li Alla ma sejjaħlux f'dan l-istat għalih biss, imma wkoll sabiex jagħmel il-ġid lill-erwieħ u ħafna minħabba fih isalvaw". Fra Massew, hekk kif kellu din it-tweġiba, mar għand Santa Kjara sabiex

(30) S. Kjara kienet tinsab f'San Damjan u Fra Silvestru fil-"*Carceri*" fejn għad hemm il-għar tiegħu.

ikun jaf x'kienet qalgħet mingħand Alla. U hi wieġbet li hi u sħabha l-oħrajn kellhom mingħand Alla l-istess tweġiba li kellu Fra Massew mingħand Silvestru.

Wara dan Fra Massew reġa' lura għand San Franġisk, u San Franġisk laqgħu b'imħabba kbira, fil-waqt li ħasillu riġlejh u lestielu l-ikel. U wara l-ikel, San Franġisk sejjaħ lil Fra Massew fil-bosk u l-kapoċċ, sallab dirgħajh u staqsieh : "X'irid li jien l-kapoċċ, sallab dirgħajh u staqsieħ : "X'irid li jien nagħmel is-Sinjur Tiegħi Ġesù Kristu?" Fra Massew wieġeb li, sew lil Fra Silvestru kemm ukoll lis-soru Kjara u lil oħtha, Kristu wieġeb u nebbaħ illi : "irrieda Tiegħu hi li inti tmur fid-dinja sabiex tippriedka, ġaladarba hu ma għażlekx biss għalik waħdek, iżda għas-saħħa ta' l-oħrajn ukoll". Allura San Franġisk meta sama' din it-tweġiba u għaraf biha r-rieda ta' Kristu, qam b'ħeġġa kbira u qal : "Immorru fl-isem t'Alla". U ħa miegħu bħala sħabu lil Fra Massew u lil Fra. Anġlu (31), nies qaddisin.

U billi telqu b'qawwa tar-ruħ, mingħajr ma qagħdu jaraw jekk hix triq jew mogħdija, waslu f'kastell li kien jissejjaħ *Cannario*. U San Franġisk beda jippriedka, iżda qabel ikkmanda lill-ħuttaf, li kienu qegħdin isaffru, sabiex jisktu sakemm jispiċċa mill-priedka. U l-ħuttaf obdieh. U hemmhekk ippriedka b'ħeġġa hekk kbira illi l-irġiel u n-nisa kollha ta' dak il-kastell riedu jmorru warajh u jħallu dak il-kastell; iżda San Franġisk ma ħallihomx u qallhom : "La tgħaġġlux u la titilqux; jiena ngħidilkom x'għandkom tagħmlu għas-saħħa ta' ruħkom". U allura ħaseb li jwaqqaf it-Terz'Ordni għas-saħħa ta'

(31) Dan kien kavalier u sar patri fl-1210.

kulhadd (32). U hekk, fil-waqt li ħallihom imfarrġin hafna u mixteqin li jagħmlu l-penitenza, telaq minn hemm u wasal bejn *Cannario* u *Bevagno*.

U fil-waqt li kien miexi 'l quddiem b'dik il-heġġa, rafa' għajnejh 'il fuq u ra xi siġar għoljin, ħdejn it-triq, li fuqhom kien hemm qatgħa bla għadd ta' għasafar. San Franġisk baqa' mistagħġeb bihom u qal lil sħabu: "Intom stennewni hawn fit-triq u jiena mmur nippriedka lil ħuti għasafar". U daħal fil-għalqa u beda jippriedka lill-agħsafar li kienu fl-art; u minnufih dawk li kienu fuq is-siġar niżlu ħdejh u, flimkien ma' l-oħrajn kollha, qagħdu kwieti fil-waqt li San Franġisk kien jippriedka; u mbagħad ukoll ma telqux qabel ma berikhom. U skond ma qal wara Fra Massew lil Fra Ġakobb minn Massa, fil-waqt li San Franġisk daħal f'nofshom u jmisshom bil-kappa, ebda wieħed ma kien jiċċaqlaq.

Il-qofol tal-priedka ta' San Franġisk kien dan: "Ħuti għasafar, intom għandkom dmir kbir lejn Alla l-ħallieq tagħkom, u dejjem u kullimkien għandkom tfaħħruh għaliex Hu takom is-setgħa li tittajru kull fejn tridu; takom ukoll il-ħwejjeġ sabiex titgħattew darbtejn u tlieta. Iktar għaliex Hu żamm iż-żerriegħa tagħkom ġewwa l-arka ta' Noe biex innisel tagħkom ma jinqeridx mid-dinja; wkoll intom għandkom dmir lejh għall-wisa' ta' l-ajru li Hu għamel għalikom. Imbarra dan intom ma tiżirgħux u lanqas taħsdu u Alla jitmagħkom u takom ix-xmajjar u l-egħjun biex tixorbu; takom il-muntanji u l-widien biex tiskennu u s-siġar għoljin

(32) U hekk jiġi li S. Franġisk waqqaf tliet Ordnijiet: il-*Prim'Ordni* għas-Saċerdoti u Frajiet, is-*Sekond' Ordni* għas-Sorijiet Klarissi u t-*Terz'Ordni* għall-bnedmin l-oħrajn.

biex tbejtu fihom. U, għalkemm intom ma tafux la tagħżlu u lanqas tħitu, Alla jlibbiskom, lilkom u lil uliedkom. Minn dan taraw li l-Ħallieq iħobbkom ħafna ġaladarba Hu takom daqshekk ħwejjeġ tajba. U għalhekk aħarbu, ħuti, id-dnub tal-ingratitudni u qisu li dejjem tfaħħru 'l Alla".

Fil-waqt li San Franġisk kien ikellimhom hekk, dawk l-agħsafar, kollha kemm kienu, bdew jiftħu munqarhom, itawlu għonqhom, jiftħu ġwinħajhom u, bil-qima, ibaxxu rashom sa l-art u, biċċaqliq u l-għana tagħhom, urew li l-kliem tal-missier qaddis kien jagħtihom l-ikbar pjaċir. U San Franġisk flimkien magħhom beda jifraħ u jithenna u baqa' mistagħġeb qatigħ b'dik il-qatgħa għasafar hekk kbira u mħallta u bis-skiet u d-dħulija tagħhom; għalhekk hu bihom beda jfaħħar bil-qalb lill-Ħallieq.

Fl-aħħar, wara li spiċċat il-priedka, San Franġisk raddilhom is-salib u tahom is-sensja li jitilqu; allura dawn l-agħsafar kollha flimkien għolew fl-ajru b'għana li jgħaġġeb u mbagħad, skond is-salib li kien għamlilhom San Franġisk, tqassmu f'erba' qtajja, waħda minnhom ittajret lejn il-lvant, l-oħra lejn il-punent, it-tielet lejn nofs in-nhar u r-raba' lejn it-tramuntana u kull qatgħa baqgħet sejra tgħanni għana li jgħaġġeb. U dan kien ifisser illi bħalma San Franġisk, il-*paladin* tas-Salib ta' Kristu, ippridkalhom u għamlilhom is-sinjal tas-salib li bħalu huma nxterdu jgħannu ma' l-erbat irjieħ tad-dinja, hekk ukoll il-predikazzjoni tas-salib ta' Kristu, imġedda minn San Franġisk, kellha bih u bil-patrijiet tiegħu, tinxtered mill-ġdid mad-dinja kollha; u dawn il-patrijiet, sewwa sew bħall-agħsafar, mingħajr ma jkollhom xejn tagħhom f'din id-dinja, iqiegħdu ħajjithom biss fil-ħniena t'Alla.

Għall-ġieħ ta' Kristu. Hekk ikun.

## IS-SBATAX- IL KAPITLU

**Kif wieħed tfajjel, liebes ta' patri, ra lil Kristu u lill-Verġni Marija jitkellmu ma' San Franġisk fil-waqt li dan kien jitlob bil-lejl.**

Wieħed tfajjel, kollu safa u bla ħażen, daħal fl-Ordni meta San Franġisk kien għadu ħaj. Dan it-tfajjel kien qiegħed f'post ċkejken fejn il-patrijiet kienu mġegħlin jorqdu fl-art wieħed ħdejn l-ieħor. Darba waħda San Franġisk mar hemmhekk u fil-għaxija, wara Kompieta (33), mar jimtedd biex mal-lejl, fil-waqt li l-patrijiet l-oħra jkunu reqdin, ikun jista' jqum jitlob, bħalma kien imdorri jagħmel. It-tifel beda jxuf bir-reqqa kollha x'kien qiegħed jagħmel San Franġisk biex jagħraf il-qdusija tiegħu u, l-iktar, biex isir jaf x'kien jagħmel San Franġisk meta jqum bil-lejl; u, biex in-ngħas ma jqarraqx bih, it-tfajjel mar jimtedd ħdejn San Franġisk u rabat il-kordun tiegħu mal-kordun ta' San Franġisk biex iħossu meta hu jqum; u b'din il-ħaġa, San Franġisk ma ntebaħ xejn.

Iżda, bil-lejl, ma' l-ewwel raqda, meta l-patrijiet kollha kienu reqdin, San Franġisk qam u sab il-kordun tiegħu marbut; imma hu ħallu hekk bil-mod li t-tfajjel ma ħass xejn, u San Franġisk telaq waħdu għall-qalb is-siġar li kien hemm fil-qrib u daħal f'ċella li kien hemm u beda jitlob. Wara ftit it-tifel stembaħ u meta sab il-kurdun tiegħu maħlul u San Franġisk mhux hemm, qam u mar ifittxu; u, billi l-bieb li kien jagħti għall-ġewwa s-siġar kien miftuħ, ħaseb li San Franġisk kien mar hemm u hu daħal hemm ukoll.

(33) Talba li kienet tingħad ma' nżul ix-xemx.

U, meta wasal ħdejn il-post fejn San Franġisk kien qiegħed jitlob, beda jisma' kliem qawwi, u, fil-waqt li kompla jersaq fil-qrib biex jara u jifhem dak li kien qiegħed jisma', jilmaħ dija tal-għaġeb madwar San Franġisk u fiha lemaħ ukoll lil Kristu u lill-Verġni Marija u lil San Ġwann il-Battista u l-Evanġelista u qatgħa kbira ta' Anġli jitkellmu ma' San Franġisk. Meta ra u sama' dan, it-tifel waqa' fl-art bħal mejjet.

Imbagħad, meta spiċċa l-misterju ta' dik id-dehra qaddisa, fil-waqt li San Franġisk kien sejjer lura, laqat b'riġlejh lit-tifel li kien għadu fit-trejqa donnu mejjet, u bil-ħniena kollha refgħu f'dirajh u ħadu fil-marqad bħalma r-ragħaj it-tajjeb jagħmel bil-ħarufa tiegħu. U mbagħad, meta sar jaf mit-tifel kif dan kien ra dik id-dehra, ikkmandah li ma jgħid xejn lil ħadd sakemm ikun għadu ħaj. U t-tifel, wara, billi kiber fi grazzja kbira t'Alla u f'devozzjoni lejn San Franġisk, sar bniedem kbir fl-Ordni u biss wara l-mewt ta' San Franġisk qal lill-patrijiet b'dik id-dehra. Għall-ġieħ ta' Kristu. Hekk ikun.

## IT-TMINTAX-IL KAPITLU

**Fuq il-Kapitlu tal-għaġeb li San Franġisk ġabar f'Santa Marija ta' l-Anġli fejn kienu nġabru iktar minn ħamest elef patri.**

Il-qaddej l-iktar fidil ta' Kristu San Franġisk darba waħda ġabar il-Kapitlu Ġenerali f'Santa Marija ta' l-Anġli li għalih kienu marru iktar minn ħamest elef patri; u hemmhekk mar ukoll San Duminku, Kap u Fundatur ta' l-Ordni tal-Predikaturi. Dan, dak inhar, minn Borgogna kien sejjer Ruma u, billi

kien sama' bil-ġabra tal-Kapitlu li San Franġisk kien għamel fil-wita ta' Santa Marija ta' l-Anġli, mar hemm biex jara flimkien ma' seba' patrijiet ta' l-Ordni tiegħu.

F'dan il-Kapitlu kien hemm ukoll Kardinal li kien iġibu wisq lil San Franġisk u li lilu San Franġisk kien ħabbarlu li għad isir Papa, u hekk ġara (34). Dan il-Kardinal kien mar apposta minn Perugia, fejn kienu l-kardinali, ġewwa Ascesi u kuljum kien imur jara lil San Franġisk u lill-patrijiet tiegħu u xi drabi kien ikanta l-quddiesa u xi drabi kien jippriedka lill-patrijiet fil-Kapitlu.

U l-imsemmi Kardinal kien jitgħaxxaq qatigħ meta kien imur iżur dik il-laqgħa qaddisa, meta kien jara f'dik il-wita madwar Santa Marija l-patrijiet miġburin qtajja, qtajja', hawn sittin, hemmhekk mija, u fejn mitejn u fejn tliet mija flimkien, ilkoll mixgħulin biss fuq diskorsijiet dwar Alla, fit-talb u fil-biki u fit-taħriġ ta' mħabba; u kienu qegħdin fi kwiet daqshekk kbir u f'ġabra daqshekk kbira li ma kontx tisma' hemmhekk ebda ħoss u lanqas tħaxwixa; u fil-waqt li beda jistagħġeb b'dak it-taqsim hekk tajjeb ta' dik il-qatgħa, bid-dmugħ f'għajnejh u bi ħrara kbira beda jgħid: "Tabilħaqq dan hu l-kamp u l-eżerċitu tal-kavalieri t'Alla".

Ma kont tisma' lil ħadd f'dik il-qatgħa hekk kbira jgħid ħrejjef jew idaħħaq, iżda ma' kull naħa kont tilmaħ miġbura xi qatgħa ta' patrijiet li kienu jew jitolbu jew igħidu l-uffiċċju jew jibku dnubiethom u tal-benefatturi tagħhom jew jitkellmu fuq is-saħħa tar-ruħ. U f'dak il-kamp kien hemm tined ta' l-għasie-

(34) Dan kien il-Kardinal Ugolino li meta sar Papa, ħa l-isem ta' Gregorju IX.

leġ u l-ħsajjar, imqassmin għal kull qatgħa, skond il-patrijiet ta' ħafna Provinċjali u li għalhekk dak il-Kapitlu kienu jsejħulu l-Kapitlu tal-agħsieleġ jew tal-ħsajjar. Is-sodod tagħhom kienu l-qiegħa ta' l-art għalkemm xi wħud minnhom kellhom xi ftit tiben; l-imħaded tagħhom kienu jew xi ġebla jew xi zokk tas-siġar. Għalhekk kienet daqshekk kbira l-ħrara ta' bejniethom u daqshekk kbira l-fama ta' qdusithom li, mill-qorti tal-Papa li dik il-ħabta kien jinsab f'Perugia, u mill-inħawi l-oħra tal-Wied ta' Spoleto, kienu jmorru hemmhekk ħafna kontijiet u barunijiet u kavalieri u ħafna nies oħra għoljin u baxxi, u Kardinali u Isqfijiet u Abbatijiet ma' ħafna qassisin oħra biex jaraw dik il-laqgħa hekk qaddisa, kbira u umli li bħala d-dinja ma rat qatt ta' daqshekk bnedmin qaddisin miġburin flimkien. U l-iktar kienu jmorru biex jaraw il-Kap u missier l-iktar qaddis ta' dawk in-nies qaddisa li kien seraq lid-dinja daqshekk ikel tajjeb u ġabar merħla hekk sabieħa u devota sabiex tkompli miexja fuq il-passi tar-ragħaj veru li hu Ġesù Kristu.

Billi, mela, kien inġabar il-Kapitlu ġenerali, il-missier qaddis ta' kulħadd u Ministru Ġenerali San Franġisk fil-ħeġġa tar-ruħ semma l-kelma t'Alla u ippridkalhom b'leħen għoli dak li l-Ispirtu s-Santu nebbħu jgħidilhom; u bħala qofol tal-priedka tiegħu kienu dawn il-kelmiet : "Uliedi, aħna wegħedna ħwejjeġ kbar, iżda bil-wisq ħwejjeġ akbar Alla wiegħed lilna; nħarsu dak li aħna wegħedna u nistennew dak li ġie mwiegħed lilna. Qasira hi l-hena tad-dinja, imma t-tbatija li ġġib magħha hi għal dejjem. Zgħira hi t-tbatija ta' din il-ħajja, imma l-glorja tad-dinja l-oħra hi bla tmiem". U, fil-waqt li kien jippriedka b'devozzjoni kbira fuq dawn il-kelmiet, beda jfarraġ

u jgieghel lill-patrijiet biex jobdu u jqimu lill-Knisja Mqaddsa ommna, biex inħobbu lil xulxin bħall-aħwa, biex jitolbu għall-ġens kollu t'Alla, biex jieħdu paċenzja fit-tfixkil tad-dinja u li jżommu l-qies fil-ġid tagħha, biex iħarsu l-indafa u s-safa ta' l-anġli, biex ikunu fil-paċi u l-ħbiberija m'Alla u mal-bnedmin u magħhom infushom, biex iħobbu u jħarsu l-faqar imqaddes. U hawn hu qal: "Jiena nikkmandakom, f'ġieh l-ubbidjenza mqaddsa, ilkoll kemm intom miġburin hawn, li ebda wieħed minnkom ma jieħu ħsieb dwar ebda ħaġa ta' l-ikel jew xorb jew dawk il-ħwejjeġ meħtiġin għall-ġisem, iżda li tfittxu biss li titolbu u tfaħħru lil Alla; u l-ħsieb kollu tal-ġisem tagħkom tħalluh Lilu, għaliex Hu jieħu ħsieb tagħkom". U lkoll laqgħu dan l-amar bil-ferħ ta' qalbhom u ta' wiċċhom. U kif San Franġisk spiċċa l-priedka ilkoll inxteħtu jitolbu.

San Duminku, li kien qiegħed jara u jisma' dawn il-ħwejjeġ kollha, stagħġeb qatigħ dwar dak li kien ikkmanda San Franġisk u ħasibha ħaġa barra minn lokha ġaladarba ma satax jifhem kif qatgħa bħal dik setgħet iżżomm mingħajr ma jkollha xejn u bla ma tieħu ħsieb xejn tal-ħwejjeġ meħteġin għall-ġisem. Iżda r-ragħaj ewlieni Kristu l-Imbierek, billi ried juri kif Hu jieħu ħsieb tal-merħla tiegħu u li jħobb tabilħaqq il-fqajrin tiegħu, f'daqqa waħda nebbaħ lin-nies ta' Perugia, ta' Spoleto, ta' Foligno, ta' Spellò, t'Ascesi u ta' irħula oħra tal-qrib, jieħdu l-ikel u x-xorb lil dik il-laqgħa qaddisa. U minnufih bdew ġejjin minn dawn l-inħawi li semmejna nies bil-ħmir, żwiemel u karrettuni mgħobbijin bil-ħobż u bl-inbid, bil-ful u bil-ġobon u b'ħafna ħwejjeġ oħra tajbin ta' l-ikel skond ma kienu jeħtieġu l-fqajrin ta' Kristu. Barra dan ġiebu magħhom srievet u qna-

net u skutelli u ħwejjeġ oħra bħal dawn li kienu jinħtieġu lil dik il-qatgħa kbira. U kien jistħajlu tabilħaqq ħieni min kien jista' jġorrilhom l-iktar jew min kien jista' jaqdihom l-iktar, daqshekk li l-kavalieri u l-barunijiet u nies oħra għoljin li kienu marru hemm biex jaraw b'għajnejhom, bdew inewlulhom quddiemhom b'umiltà u qima kbira.

Għalhekk San Duminku, meta ra dawn il-ħwejjeġ kollha u għaraf tabilħaqq li l-provvidenza t'Alla kienet magħhom, stqarr bl-umiltà kollha li hu kien ħaseb ħażin dwar l-amar ta' San Franġisk u, fil-waqt li nxteħet għar-rkubbtejh quddiemu, bl-umiltà kollha qal il-ħtija tiegħu u żied: "Tabilħaqq li Alla jieħu ħsieb ta' dawn il-fqajrin qaddisin u jiena dan ma kontx nafu; u jiena mil-lum 'il quddiem inwiegħed li nħares il-faqar imqaddes ta' l-Evanġelju; u nisħet fl-isem t'Alla l-patrijiet kollha ta' l-Ordni tiegħi li f'dan l-Ordni msemmi jidħrilhom li jkollom xi ħaġa tagħhom". Għalhekk San Duminku tgħallem qatigħ mit-twemmin ta' San Franġisk, u mill-ubbidjenza u mill-faqar ta' dik il-laqgħa daqshekk kbira u mqassma tajjeb, u mill-kobor bla tarf ta' dak il-ġid kollu.

F'dak l-istess Kapitlu qalulu lil San Franġisk li ħafna mill-patrijiet kienu jġibu fuqhom xi ċirkijiet tal-ħadid u ħżiem ieħor li jnigges il-ġisem; għalhekk ħafna minnhom kienu jimirdu u jmutu u ħafna oħrajn ma kinux jistgħu jitolbu aktar. Għalhekk San Franġisk, bħala missier li jaf jaħseb, ikkmanda f'ġieh l-ubbidjenza mqaddsa, li min kien iġib fuqu xi ħżiem jew xi ċirku tal-ħadid, joħorġu u jqiegħdu quddiemu. U hekk għamlu. U kien hemm ħames mitt ħżiem tal-ħadid u wisq iktar ċirkijiet tad-dirgħajn u taż-

żaqq li flimkien għamlu gozz imdaqqas; u San Franġisk ġagħalhom iħalluhom hemm.

Imbagħad, meta spiċċa l-Kapitlu, San Franġisk, fil-waqt li beda jsabbarhom ilkoll u jgħallimhom kif għandhom jaħarbu d-dnub ta' din id-dinja qarrieqa, bil-barka t'Alla u tiegħu bagħathom fil-provinċji tagħhom, mimlijin ilkoll bil-ferħ tassema.

Għall-ġieh ta' Kristu. Hekk ikun.

## ID-DSATAX-IL KAPITLU

**Kif, minħabba l-ħafna nies li kienu marru jżuru lil S. Franġisk li kien qiegħed jitlob fid-dar tal-qassis ta' Rieti, ġie meħud il-għeneb mill-għalqa tal-qassis, u mbagħad, b'miraklu, il-għeneb li kien fadal għamel imbit aktar mis-snin ta' qabel bħalma kien wiegħed San Franġisk. U kif Alla nebbaħ lil San Franġisk li hu kien għall-Ġenna wara mewtu.**

Billi darba waħda San Franġisk kien marid ħafna b'għajnejh, is-Sinjur Kardinal Ugolino, Protettur ta' l-Ordni, daqs kemm kien iħobbu, kitiblu biex imur għandu fil-belt ta' Rieti fejn kien hemm tobba mill-aħjar tal-għajnejn. Allura San Franġisk meta rċieva l-ittra tal-Kardinal, mar l-ewwel f'San Damjan fejn kienet tinsab Santa Kjara, għarusa qaddisa ta' Kristu, sabiex ifarrġilha qalbha, u mbagħad imur għand il-Kardinal. U hemmhekk San Franġisk, il-lejl ta' wara, għadda daqshekk ħażin b'għajnejh, li tilef id-dawl għal kollox. Għalhekk billi ma satax jitlaq minn hemm, Santa Kjara bnietlu daqsxejn ta' għarix tal-qasab biex jistrieħ fih mill-aħjar li jista'. Iżda San Franġisk, biċċa minħabba l-uġigħ tal-marda

u biċċa minħabba l-ġrieden li bdew idejquh ħafna, ma satax jistrieħ u la bin-nhar u lanqas bil-lejl.

U, billi kellu jġarrab dawk id-dwejjaq għal ħafna ġranet, beda jtalla' u jniżżel u jaħseb li dik il-ħaġa kienet kastig t'Alla minħabba dnubietu; u beda jiżżiħajr 'l Alla b'qalbu kollha u b'xufftejh u mbagħad kien igħajjat b'leħen għoli u jgħid: "Sinjur tiegħi, jiena jistħoqqli dan kollu u bil-bosta aktar. Sinjur tiegħi Ġesù Kristu, ragħaj twajjeb, li lilna midinbin u bla ma nistħoqqu wrejtna l-ħniena tiegħek f'ħafna pwieni u dwejjaq tal-ġisem, agħti grazzja u qawwa lili, ħarufa tiegħek, li għal ebda mard, dwejjaq u tbatija ma ninfired minnek". U wara din ittalba sama' leħen mis-sema jgħidlu: "Franġisku, weġibni. Jekk l-art kollha kienet deheb u l-ibħra u x-xmajjar u l-għejjun ġawhar, u kieku inti kont issib teżor ieħor bil-wisq akbar minn dawn il-ħwejjeġ daqs kemm id-deheb hu aqwa mit-trab u l-balzmu aktar mill-ilma u l-ġawhar aktar mill-muntanji u l-ġebel, li kieku dan it-teżor kbir jiġi mogħti lilek minflok il-marda tiegħek, ma kontx tkun tabilħaqq kuntent u ħieni?" San Franġisk wieġeb: "Sinjur, jien ma jistħoqqlix teżor bħal dan". U l-leħen t'Alla wieġbu: "Ifraħ Franġisku, għaliex dak hu t-teżor tal-ħajja ta' dejjem li jiena rfajtlek u minn issa nwegħedhulek; u din il-marda u d-dwejjaq li għandek, huma kapparra ta' dak it-teżor tas-sema".

Allura San Franġisk, kollu ferħan għal dik il-wegħda kbira, sejjaħ lil sieħbu u qallu: "Imxi mmorru għand il-Kardinal". U qabel ma telaq farraġ bi kliem qaddis, lil Santa Kjara u, fil-waqt li nfired minnha, telaq għan-naħa ta' Rieti. U meta wasal qrib il-belt ħafna nies marru jilqgħuh, u għalhekk hu ma riedx jidħol il-belt u mar fi knisja li kienet

bogħod minn hemm madwar żewġ mili. Billi mbagħad in-nies saru jafu li hu kien mar f'dik il-knisja, bdew sejrin bi qtajja' ħdejh sabiex jarawh u hekk ġara li n-nies għaffġu l-għalqa ta' dik il-knisja u ħarbtu l-għeneb kollu. Għalhekk il-qassis sogħob bih mhux ftit talli laqa' lil San Franġisk fil-knisja tiegħu.

Imma Alla nebbaħ lil San Franġisk bil-ħsieb tal-qassis u għalhekk sejjaħlu ħdejh u qallu: "Missier għażiż, kemm-il barmil inbid tagħtik fis-sena din il-għalqa meta tagħtik l-aktar?" U l-qassis wieġeb li tagħtih erbgħa u għoxrin barmil. San Franġisk qallu: "Jiena nitolbok, missier, li int tieħu paċenzja bija u żżommni hawn għal ftit jiem oħra, għax hawn qiegħed insib mistrieħ kbir u ħalli lil kulħadd jieħu mill-għeneb tal-għalqa tiegħek għall-imħabba t'Alla u tiegħi msejken; u jien, f'isem is-Sinjur tiegħi Ġesù Kristu, inwiegħdek li l-għalqa dis-sena tagħtik erbgħin barmil". U San Franġisk ried joqgħod hemm minħabba l-ġid kbir li kien jagħmel fl-erwieħ ta' dawk li kienu jmorru ħdejh għax ħafna minnhom kienu jitilqu minn hemm imfawrin bl-imħabba tas-sema u kienu jitilqu warajhom id-dinja. U billi l-qassis qagħad għall-wegħda ta' San Franġisk, telaq il-għalqa tiegħu lil dawk li kienu jmorru għand San Franġisk. Ħaġa tal-għaġeb! Il-għalqa ġiet imħarbta kollha u l-għeneb meħud li bil-kemm kien fadal ftit egħnieqed. Meta mbagħad wasal żmien qtugħ il-għeneb, il-qassis mar jiġbor dawk il-ftit għenieqed u qegħidhom fil-mastella biex jasarhom; u skond il-wegħda ta' San Franġisk ġabar erbgħin barmil ta' nbid mill-aħjar.

B'dan il-miraklu jidher ċar illi, kif għall-merti ta' San Franġisk, il-għalqa mħarbta tat inbid bla qies, hekk ukoll il-poplu nisrani mneżża' mill-virtù

minħabba d-dnub, għall-merti u t-tagħlim ta' San Franġisk, ħafna drabi jagħti bil-ħadan frott bnin tal-penitenza.

Għall-ġieh ta' Kristu. Hekk ikun.

## IL-GHOXRIN KAPITLU

**Fuq dehra sabiħa li kellu wieħed patri li, għax beda jistmerr daqshekk il-ħwejjeġ ta' fuqu, kien wasal biex iħalli l-libsa u joħroġ mill-Ordni.**

Wieħed żagħżugħ ta' demm għoli u mfissed daħal fl-Ordni ta' San Franġisk. Wara ftit ġranet dan iż-żagħżugħ, imqanqal mid-demonju beda jistmerr bla tarf il-libsa ta' fuqu għax deherlu li kien liebes xkora mormija. Kien jibża' jħares lejn il-kmiem; il-kapoċċ ma kienx jogħġbu, u t-tul u l-ħxuna tal-libsa dehrulu toqol li ma kienx jista' jġorru. U fil-waqt li kompliet tikber fih is-sogħba għax kien daħal fir-reliġjon, fl-aħħar qatagħha li jħalli l-libsa u jerġa' lura fid-dinja.

Iżda, dan iż-żagħżugħ kien imdorri, bħalma kien għallmu s-surmast tiegħu, li, kull xħin kien igħaddi minn quddiem l-altar tal-kunvent li fuqu kien jinsab Ġesù Sagramentat, kien jinżel għar-rkubbtejh b'qima kbira, ineħħi l-kapoċċ, isallab idejh fuq sidru u jbaxxi rasu.

Issa ġara li, f'dak il-lejl li kellu jitlaq u joħroġ mill-Ordni, kellu jgħaddi minn quddiem dak l-altar tal-kunvent, u, fil-waqt li kien għaddej, niżel għar-rkubbtejh u sellem bħalma kien imdorri. F'daqqa waħda ħareġ barra minnu nnifsu u Alla urieh dehra tal-għaġeb. Ra qatgħa kbira ta' qaddisin għaddejjin minn quddiemu tnejn tnejn bħal purċis-

sjoni, libsin kollha ħwejjeġ mill-isbaħ u li jiswew, wiċċhom u jdejhom kienu jiddu bħax-xemx u kienu mixjin ikantaw mad-daqq ta' l-anġli. Fost dawn il-qaddisin kien hemm tnejn li kienu libsin u mżejnin aktar mill-oħrajn kollha u madwarhom dija daqshekk qawwija li kienu jgħaġġbu qatigħ lil kull min kien iħares lejhom; u kważi fit-tarf tal-purċissjoni ra wieħed imżejjen b'sebħ tabilħaqq waħdieni li stħajlu kavalier ġdid, meqjum aktar mill-oħrajn.

Fil-waqt li daż-żagħżugħ beda jara din id-dehra, beda jistagħġeb u ma fehemx x'kienet tfisser din il-purċissjoni u ma ġihx l-almu jistaqsi u baqa' mistgħaġeb bil-ħlewwa tagħha.

Iżda, kif għaddiet il-purċissjoni kollha, dak iż-żagħżugħ jagħmel ħiltu u jitlaq jiġri għal wara ta' l-aħħar, u, b'biża kbir, staqsihom: "Għeżież tiegħi, jiena nitlobkom biex, jekk jogħġobkom, tgħiduli min huma dawk in-nies hekk tal-għaġeb li jinsabu f'din il-purċissjoni ta' qima". Dawk wieġbu: "Kun af, ja żagħżugħ, li aħna lkoll patrijiet tal-Minuri ġejjin issa mill-glorja tal-Ġenna". U dak raġa' staqsa: "Min huma dawk it-tnejn li jiddu iktar mill-oħrajn?" U dawk wieġbu: "Dawk huma San Franġisk u Sant'Antnin (35), u, dak ta' l-aħħar li inti rajtu daqshekk meqjum, hu patri qaddis li għadu kif miet issa issa u li, għax issielet bl-aħrax maxxitan u baqa' sa l-aħħar, aħna sejrin bih ferħanin fil-glorja tal-Ġenna. U dan l-ilbies sabiħ li aħna għandna fuqna, tahulna Alla bi tpattija ta' dawk it-tonok ħoxnin li aħna bis-sabar kollu lbisna fir-reliġjon, u d-dija glorjuża li inti tara fina tahielna Alla minħabba l-penitenza u minħabba l-faqar, is-smigħ

---

(35) Lil Sant'Antnin nerġgħu nsibuh fil-Kapitlu 39 u 40.

u s-safa tal-ġisem li aħna ħarisna sal-mewt. U għalhekk, ja żagħżugħ, la teħodhiex bi kbira jekk iġġib fuqek dik l-ixkora ta' fejda tar-reliġjon, għaliex jekk inti b'dik l-ixkora ta' San Franġisk tmaqdar id-dinja għall-imħabba ta' Kristu, u tgħakkes il-ġisem u tiġġieled bil-ħila mad-demonju, inti flimkien magħna jkollok ħwejjeġ bħal dawn u dija ta' glorja".

U kif intqalu dawn il-kelmiet, iż-żagħżugħ ġie f'sessih u, imsaħħaħ b'dik id-dehra, keċċa kull tentazzjoni, stqarr ħtijietu quddiem il-Gwardjan u l-patrijiet l-oħra; u minn dak in-nhar 'il quddiem beda jixtieq it-toqol tal-penitenza u ta' l-ilbies u spiċċa ħajtu fl-Ordni fi qdusija kbira.

Għall-ġieħ ta' Kristu. Hekk ikun.

## IL-WIEĦED U GĦOXRIN KAPITLU

### Dwar il-miraklu mqaddes li għamel San Franġisk meta ikkonverta l-lupu aħrax ta' Agobbio (36).

Dik il-ħabta li San Franġisk kien jinsab fil-Belt ta' Aġobbio, fl-inħawi ta' Agobbio deher lupu daqshiex, tal-biża' u aħrax li kien jiekol mhux biss il-bhejjem, imma l-bnedmin ukoll; għalhekk in-nies kollha kienu jinsabu f'biża' kbir, għax ta' sikwit kien jersaq lejn il-belt, u kollha kienu jkunu armati meta kienu joħorġu barra mill-belt, bħallikieku kienu sejrin jiġġieldu; u b'dan kollu ħadd ma seta'

(36) Jekk dan il-lupu kienx tabilħaqq lupu jew xi *brigand* imlaqqam lupu ma nistgħux ngħidu sewwa. Aktarx iżda li kien lupu tabilħaqq. Lanqas ma hi ħaġa ċerta jekk dan il-fatt ġarax fis-sena 1220 jew fl-1222. *Agobbio* hi belt qrib Assisi; illum tissejjaħ *Gubbio*.

jeħles minnu min kien jiltaqa' miegħu waħdu. U minħabba l-biża' ta' dan il-lupu huma kienu waslu sa hawn li ħadd ma kellu l-ħila joħroġ barra l-belt.

Minħabba f'hekk, San Franġisk billi ġietu ħniena min-nies tal-belt ried joħroġ barra għal dan il-lupu, għalkemm in-nies, ilkoll ma kinux iridu jħalluh; u fil-waqt li għamel is-sinjal tas-salib imqaddes, ħareġ barra mill-belt hu ma' sħabu bit-tama kollha tiegħu f'Alla. U fil-waqt li l-oħrajn bdew jitħassbu jekk kellhomx ikomplu jimxu, San Franġisk baqa' miexi waħdu lejn il-post fejn kien jinsab il-lupu. U meta ra li ħafna nies kienu ġejjin biex jaraw dan il-miraklu, il-lupu msemmi ħareġ għal San Franġisk b'ħalqu miftuħ; u, meta resaq ħdejh, San Franġisk għamillu s-sinjal tas-salib u sejjaħlu ħdejh u qallu hekk: "Ejja 'l hawn, ħija lupu; jiena nikkmandak fi Kristu biex inti ma tagħmilx ħsara u la lili u lanqas lil ħadd". Ħaġa tal-għaġeb! Kif San Franġisk radd is-salib, il-lupu tal-biża' għalaq ħalqu u ma baqax jiġri; u kif għamillu l-amar, ġie kollu ġwejjed bħal ħaruf u nxteħet u qagħad f'riġlejn San Franġisk.

Allura San Franġisk kellmu hekk: "Ħija lupu, inti qiegħed tagħmel ħafna ħsarat f'dawn l-inħawi u għamilt deni kbir meta inti ħarbatt u qtilt il-ħlejjaq t'Alla mingħajr is-sensja tiegħu; u mhux biss inti qtilt u kilt il-bhejjem, imma kellek il-ħila toqtol u tħarbat il-bnedmin magħmulin xbieha t'Alla; għalhekk lilek tistħoqqlok il-forka bħala ħalliel u qattiel mill-agħar. U kulħadd igħid u jgerger fuqek, u din il-belt kollha hi għadu tiegħek. Izda jiena rrid, ħija lupu, inġib il-paċi bejnek u dawk, biex inti ma tagħmlilhomx ħsara iktar u huma jaħ-

frulek kull ħsara li saret, u la l-bnedmin u lanqas il-klieb ma jagħmlu għalik iktar".

Kif qal hekk, il-lupu biċ-ċaqliq ta' ġismu u ta' denbu u ta' widnejh u bi tbaxxija ta' rasu, kien qiegħed juri li jilqa' dak li kien igħidlu San Franġisk u li kien irid iwettqu. Allura San Franġisk qallu: "Ħija lupu, ladarba inti trid li tagħmel u żżomm din il-paċi, jiena nwiegħdek li nġiegħel linnies ta' din il-belt biex jagħtuk dak li teħtieġ ta' kuljum, kemm iddum ħaj, biex inti ma tbatix il-ġuħ iktar, għax jiena naf sewwa li inti minħabba l-ġuħ għamilt il-ħsara kollha. Imma biex naqlagħlek din il-grazzja, jiena rrid, ħija lupu, li inti twigħedni li ma tagħmel ebda ħsara iktar lil ebda bniedem u lil ebda bhima; twigħedni dan?" U l-lupu, bit-tbaxxija ta' rasu, ta sinjal ċar tal-wegħda. U San Franġisk qallu: "Ħija lupu, jiena rrid li inti tagħtini xi xhieda ta' din il-wegħda, biex jiena nkun nista' nafda fik". U fil-waqt li San Franġisk ħareġ idu biex jilqa' din ix-xhieda, il-lupu refa' siequ dritta quddiemu, u, bħal wieħed ta' ġewwa, qegħidha fuq id San Franġisk u hekk, mill-aħjar li seta', taħ sinjal ta' xhieda.

Imbagħal San Franġisk qal: "Ħija lupu, jiena nikkmandak fl-Isem ta' Ġesù Kristu li inti tiġi issa miegħi mingħajr ħsieb ta' xejn, u mmorru nseddqu din il-paċi fl-isem ta' Alla". U l-lupu sema' u mar miegħu bħal ħaruf ġwejjed; u meta n-nies tal-belt raw dan stagħġbu qatigħ. U din il-ħaġa ġdida minnufih xterdet mal-belt kollha; għalhekk kulħadd, kbar u żgħar, rġiel u nisa, żgħażagħ u xjuħ, marru l-misraħ biex jaraw il-lupu ma' San Franġisk.

Kif il-poplu kollu kien inġabar hemmhekk, San Franġisk qam bil-wieqfa u beda jippridkalhom u

jgħidilhom, fost il-ħwejjeġ l-oħra, kif Alla, minħabba d-dnubiet, jippermetti ħsarat bħal dawn, u li n-nar ta' l-infern, li jdum għal dejjem għal dawk li jintilfu, hu aqwa u iktar perikoluż mill-qilla tal-lupu li ma jistax joqtol ħlief il-ġisem. Kemm hu mela ta' min jibża' mill-ħalq ta' l-infern, meta l-ħalq ta' bhima ċkejkna jbażża' u jkexkex qatgħa kbira daqshekk! "Erġgħu lura, mela, lejn Alla, għeżież, u agħmlu penitenza li tistħoqq lid-dnubiet tagħkom, u Alla jeħliskom issa mil-lupu, u għalli ġej min-nar ta' l-infern."

U kif spiċċa l-priedka, San Franġisk qal: "Isimgħu, ħuti: ħija l-lupu, li qiegħed hawn quddiemkom, wegħedni u żgurani li jagħmel paċi magħkom u li ma jagħmlilkomx ħsara iżjed f'ebda ħaġa jekk intom twegħduh li tagħtuh kuljum dak li jkollu bżonn; u jiena nidħol pleġġ għalih li jħares sewwa kemm imiss il-patt tal-paċi". Allura l-poplu kollu b'leħen wieħed wiegħed li jagħtuh il-għajxien kuljum.

U San Franġisk quddiem kulħadd, qal lil lupu: "U inti, ħija lupu, twiegħed li tħares ma' dawn il-patt tal-paċi, li inti ma tagħmilx ħsara la lill-bnedmin, la lill-bhejjem, lanqas lil xi ħlejqa oħra?" U l-lupu niżel għar-rkubbtejh u baxxa rasu u, biċċaqliq ġwejjed ta' ġismu u ta' denbu u ta' widnejh, wera kemm seta' li jrid iħares kull patt. San Franġisk qallu: "Ħija lupu, jiena rrid illi bħalma inti tajtni xhieda ta' din il-wegħda li għamiltli barra l-bieb, hekk issa hawn quddiem dan il-poplu kollu tagħtini xhieda tal-wegħda tiegħek u li inti ma tqarraqx bija dwar il-pleġġ li għamilt għalik." Allura l-lupu fil-waqt li refa' dritt siequ, qegħidha f'id San Franġisk. Għalhekk, bejn dan l-għamil u l-għamil

l-ieħor li semmejna qabel, kien hemm daqshekk għaġeb u ferħ fil-poplu kollu, sewwa għall-qima tal-Qaddis u sewwa għal din il-ħaġa ġdida tal-miraklu u sewwa għall-paċi tal-lupu, li kulħadd beda jgħolli leħnu lejn is-sema, billi jfaħħru u jbierku 'l Alla li bagħtilhom lil San Franġisk li, minħabba l-merti tiegħu, ħelishom minn ħalq il-bhima ħarxa.

U mbagħad il-lupu msemmi għex għal sentejn ġewwa Agobbio u kien jidħol, bħal wieħed ta' ġewwa, fid-djar minn bieb għall-ieħor mingħajr ma jagħmel deni lil ħadd u mingħajr ma jsir lilu; u kien jiġi mitmugħ kif jixraq min-nies, u meta jkun sejjer fil-belt u fid-djar, ebda kelb ma kien jinbaħ għalih. Fl-aħħar, wara sentejn, il-lupu miet bix-xjuħija. Minħabba f'hekk in-nies tal-belt għalew ħafna għax fil-waqt li kienu jarawh miexi hekk ġwejjed fil-belt, kienu jiftakru aħjar fil-virtù u fil-qdusija ta' San Franġisk.

Għall-ġieħ ta' Kristu. Hekk ikun.

## IT-TNEJN U GHOXRIN KAPITLU

### Kif San Franġisk immansa l-gamiem salvaġġ.

Wieħed żagħżugħ, ġurnata waħda, qabad ħafna gamiem u kien sejjer bihom biex ibiegħhom. San Franġisk, li dejjem kienet tiġih ħniena mill-bhejjem mansi, kif iltaqa' ma' dak iż-żagħżugħ, fil-waqt li beda jħares bil-ħniena lejn dawk il-gamiem, qallu: "O żagħżugħ twajjeb, nitolbok tagħtihomli u li ma tħallix li għasafar bla ħtija, li lilhom fl-Iskrittura huma mxebbhin l-erwieħ safjin, umli u fidili, jaqgħu f'idejn ħorox u joqtluhom." Dak iż-żagħżugħ minnufih, donnu mnebbaħ minn Alla, tahom kollha

lil San Franġisk, u dan, fil-waqt li rasshom ma' sidru, beda jgħidilhom bil-ħlewwa: "Ħuti gamiem, hekk sempliċi, bla ħtija u ndaf, għaliex ħallejtu jaqbdukom? Issa jien irrid neħliskom mill-mewt u nagħmlilkom il-bejtiet biex tbejtu fihom u titkattru kif irid il-Ħallieq tagħkom."

U San Franġisk baqa' sejjer u għamel il-bejta lil kull waħda; u dawk, fil-waqt li daħlu fihom, bdew ibidu u jfaqqsu quddiem il-Patrijiet, u kienu draw daqshekk ma' San Franġisk u mal-Patrijiet l-oħra, bħallikieku kienu tiġieġ imrobbijin minnhom. U ma twarrbu qatt minn hemm sakemm San Franġisk ma kienx iberikom u jagħtihom il-permess li jitilqu.

U lil dak iż-żagħżugħ li kien tahomlu San Franġisk qallu hekk: "Ibni, inti għad issir patri fl-Ordni tiegħi u taqdi bla qies lil Ġesù Kristu." U hekk kien, għaliex dak iż-żagħżugħ sar patri u għex fl'Ordni fi qdusija kbira.

Għall-ġieh ta' Kristu. Hekk ikun.

## IT-TLIETA U GĦOXRIN KAPITLU

### Kif San Franġisk ħeles lil wieħed patri mid-demonju għax kien fid-dnub.

Fil-waqt li darba waħda San Franġisk kien jitlob in-naħa tal-Porzjunkula, f'nebħa tas-sema, ra dak il-post kollu mdawwar u mgħasses mid-demonji bħallikieku kienu eżerċitu kbir ta' suldati; iżda ebda wieħed minnhom ma seta' jidħol f'dak il-post għax dawk il-patrijiet ta' hemm kienu hekk ta' qdusija kbira li d-demonji ma kellhomx għal min jidħlu. Iżda, wara xi żmien, wieħed minn dawk il-patrijiet kellu xi jgħid ma' wieħed ieħor u beda jtalla' u jniżżel kif sejjer

jixlih u jitħallas minnu. Għalhekk, billi dak il-patri kien jinsab f'dawk il-ħsibijiet ħżiena, id-demonju ħif sab il-bieb miftuħ, daħal f'dak il-post u qabad ma' għonq dak il-patri.

Meta r-ragħaj ħanin u ħabrieki, li dejjem kien igħasses fuq il-merħla tiegħu, ra li l-lupu kien daħal biex jibla' l-ħarufa tiegħu, sejjaħ minnufih lil dak il-patri u obbligah biex dak il-ħin stess juri t-tosku tal-mibegħda li kellu lejn għajru u li għalhekk kien jinsab f'idejn l-għadu tiegħu. U dak il-patri kollu biża', meta ntebaħ li ġie mikxuf mill-missier qaddis, wera kull tosku u mibegħda li kellu u għaraf ħtijietu u talab bl-umiltà kollha l-penitenza u l-ħniena. Kif għamel hekk, u wara li qala' l-maħfra tad-dnub tiegħu, u l-penitenza li kienet tistħoqqlu, minnufih, quddiem San Franġisk, id-demonju telaq, u l-patri meħlus minn idejn dik il-bhima kiefra għall-ħniena ta' dak ir-ragħaj twajjeb, iżża ħajr 'l Alla u fil-waqt li raġa' lura lejn il-merħla tar-ragħaj twajjeb, korreġut u mgħallem, għex ħajja tabilħaqq qaddisa.

Għall-ġieħ ta' Kristu. Hekk ikun.

## L-ERBGĦA U GĦOXRIN KAPITLU

### Kif San Franġisk ikkonverta lis-Sultan tal-Babilonja u lil mara tad-dinja li stidnitu għad-dnub (37).

San Franġisk, imġiegħel mill-ħeġġa tat-twemmin ta' Kristu, u mix-xewqa tal-martirju, telaq, darba

(37) Dan il-fatt tal-mara ħażina aktarx li mhu xejn minnu, iżda l-kittieb tal-"Fjuretti" iġibu hekk qawwi sabiex juri kemm San Franġisk kien jgħożż il-virtù tal-purità li għaliha kien lest ukoll biex jaqbeż fin-nar.

waħda, 'l hemm mill-baħar ma' tnax minn sħabu qaddisin biex imorru dritt għand is-Sultan tal-Babilonja. U waslu f'ħâra tas-Saraċini, fejn bnedmin ta' qalbhom ħażina kienu joqogħdu għassa ta' kull min igħaddi, għax ebda nisrani li kien igħaddi minn hemm ma kienx jara l-mewt; iżda Alla għoġbu li dawn ma jmutux imma jinqabdu, jissawtu, u jintrabtu, u hekk ġew meħudin quddiem is-Sultan. U filwaqt li kienu quddiemu, San Franġisk, imgħallem mill-Ispirtu Santu, ippriedka hekk tajjeb fuq ittwemmin ta' Kristu, li hu wkoll għal dan it-twemmin ried jidħol fin-nar. Għalhekk is-Sultan beda jġarrab qima kbira lejn San Franġisk sewwa għallqawwa tat-twemmin tiegħu kemm ukoll għat-tmaqdir tad-dinja, għaliex ebda rigal ma ried jaqla' mingħandu, għalkemm fqajjar qatigħ, ukoll għax-xewqa tal-martirju li kien jara fih. U minn dak il-ħin 'il quddiem is-Sultan kien jisimgħu bil-qalb kollha u kien jitolbu sabiex imur għandu ta' sikwit, fil-waqt li tah il-jedd lilu u lil sħabu biex jippriedkaw kull fejn kien jogħġob lilhom u tahom sinjal li minħabba fih ħadd ma kien jista' jkeċċihom.

Hekk kif sab ruħu f'dak il-ħelsien, San Franġisk bagħat lil dawk sħabu magħżulin tnejn tnejn, f'ħafna naħiet tas-Saraċini sabiex jippriedkaw ittwemmin ta' Kristu, u hu flimkien ma' wieħed minnhom għażel naħa li, meta wasal hemm daħal f'ħanut jistrieħ. U hemmhekk kien hemm mara sabiħa fil-ġisem tagħha, iżda maħmuġa f'ruħha li, misħuta li kienet, stiednet lil San Franġisk għad-dnub. U filwaqt li San Franġisk qallha : "Iva rrid, ejja mmorru", hi bdiet tiġbdu lejn il-kamra ta' rqad. San Franġisk raġa' qalilha : "Ejja int miegħi u jien nieħdok ħdejn sodda l-aktar sabiħa"; u ħadha ħdejn ħuġġieġa nar

kbira li kienet qiegħda taqbad f'dik id-dar, u f'ħeġġa tas-sema jinża' ħwejġu u jinxteħet fuq dik il-qiegħda ta' nar jaħraq u stieden lilha wkoll sabiex tinża' u tmur toqgħod ħdejh fuq dik is-sodda tar-rix u sabiħa. U fil-waqt li San Franġisk dam hemm-hekk b'wiċċu ferħan, u, billi u la nħaraq u lanqas inxtewa, dik il-mara, imbażżgħa għal dak il-miraklu u sogħbiena fil-qalb tagħha, mhux biss li nidmet mid-dnub tagħha u mil-ħsieb ħażin tagħha, imma wkoll ikkonvertiet għal kollox għat-twemmin ta' Kristu u saret daqshekk qaddisa li minħabba fiha ħafna erwieħ f'dawk l-inħawi salvaw. Fl-aħħar San Franġisk billi kien qiegħed jara li ma kien jista' jagħmel ebda ġid f'dawk l-inħawi, mnebbaħ mis-sema, lesta ruħu biex jerġa' jmur lura flimkien ma' sħabu kollha għall-qalb l-insara; u kif kienu miġburin ilkoll flimkien raġa' mar għand is-Sultan biex isellimlu. Allura s-Sultan qallu: "Fra Franġisk, jiena kieku bil-qalb kollha nħaddan it-twemmin ta' Kristu, imma nibża' nagħmel dan issa għaliex jekk dawn ikunu jafu joqtlu lili u lilek u lil sħabek kollha u ladarba int għadek tista' tagħmel ħafna ġid u jiena għandi x'neħles xi ħwejjeġ ta' ħtieġa kbira, ma rridx issa nġib il-mewt tiegħek u tiegħi. Iżda għallimni kif jien nista' nsalva ruħi u jiena lest biex nagħmel dak li inti tgħidli." Allura San Franġisk wieġeb: "Sinjur, jiena ser nitlaq issa u nħallik, iżda kif nasal fil-pajjiż tiegħi u mmur il-Ġenna, għall-grazzja t'Alla, wara l-mewt tiegħi, skond kif jogħġob lil Alla, jiena nibgħatlek tnejn mill-patrijiet tiegħi li inti tirċievi mingħandhom il-magħmudija ta' Kristu u ssalva ruħek bħalma nebbaħ-ni s-Sinjur tiegħi Ġesù Kristu. U inti tul dan iż-żmien tkun meħlus minn kull xkiel sabiex meta tin-żel fuqek il-grazzja t'Alla, issibek lest għat-twemmin

u t-tieba." U hekk wiegħed li jagħmel u żamm kelmtu.

Wara dan San Franġisk raġa' lura flimkien ma' dik ix-xirka ta' sħabu qaddisin u wara xi snin San Franġisk, bil-mewt tal-ġisem, ta ruħu 'l Alla. U s-Sultan marid baqa' jistenna l-wegħda ta' San Franġisk u qiegħed l-għases 'l hawn u 'l hinn fil-waqt li qallhom li jekk jaraw żewġ patrijiet libsin il-libsa ta' San Franġisk, jeħduhom għandu. Dik il-ħabta San Franġisk deher lil żewġ patrijiet u qallhom sabiex mingħajr telf ta' żmien, imorru għand is-Sultan u jieħdu ħsieb ta' ruħu kif hu kien wiegħdu qabel. Dawn il-patrijiet telqu minnufih, u meta għaddew il-baħar, ġew meħudin għand is-Sultan mill-għassiesa li semmejna. U kif rahom is-Sultan ġarrab ferħ kbir u qal: "Jiena naf issa tabilħaqq li Alla bagħatli l-qaddejja tiegħu għas-saħħa tiegħi kif kien wegħidni San Franġisk imnebbaħ mis-Sema." U hekk, fil-waqt li ħa tagħrif dwar it-twemmin ta' Kristu u l-magħmudija mqaddsa minn għand il-patrijiet li semmejna, imwieled mill-ġdid fi Kristu, miet f'dik il-marda u salva ruħu bil-merti u l-ħidma ta' San Franġisk.

Għall-ġieh ta' Kristu. Hekk ikun.

## IL-ĦAMSA U GĦOXRIN KAPITLU

**Kif San Franġisk fejjaq b'miraklu lill-imġiddem fir-ruħ u fil-ġisem, u dak li r-ruħ qaltlu hi u sejra l-ġenna.**

Id-dixxiplu veru ta' Kristu, San Franġisk, dment li kien igħix din il-ħajja msejkna, kien jagħmel ħiltu kollha biex jimxi wara Kristu l-imgħallem perfett;

għalhekk ta' sikwit kien jiġri, b'għemil tas-sema, illi lil dawk li hu kien ifejjaqhom fil-ġisem, Alla kien ifejjaqhom fir-ruħ f'ħin wieħed, bħalma naqraw fuq Kristu (38).

Għalhekk hu mhux biss kien jaqdi minn qalbu lill-imġiddmin, imma kien amar ukoll li l-patrijiet ta' l-Ordni tiegħu, fil-waqt li jkunu sejrin jew ikunu jinsabu x'imkien, jaqdu lill-imġiddmin għal l-imħabba ta' Kristu li ried jagħmilha ta' mġiddem għalina (39). Darba waħda ġara, x'imkien fejn dik il-ħabta kien jinsab San Franġisk, li l-patrijiet kienu jaqdu lill-imġiddmin u lill-morda ġewwa sptar. F'dan kien hemm imġiddem daqshekk mingħajr sabar, kburi u ta' mġieba ħażina li kulħadd kien jaħseb, u hekk kien, li hu kien mimli bid-demonju għax hu kien ikasbar, bil-kliem u bis-swat, lil kull min kien jaqdih, u l-agħar, għax kien jidgħi, b'għajb kbir, bi Kristu mbierek u b'Ommu Mqaddsa x-xbejba Marija u għalhekk ħadd ma kien hemm li kien jista' jew irid jaqdih. U għalkemm il-patrijiet kienu jagħmlu kemm jistgħu biex jilqgħu bis-sabar kollu t-tkasbir li kien isirilhom biex ikabbru dejjem il-mertu tal-paċenzja, madankollu, billi ma setgħux iġarrbu iktar f'qalbhom it-tkasbir lil Kristu u lil Ommu, huma qatgħuha li jitilqu għal kollox lill-imġiddem imsemmi; iżda huma ma ridux jagħmlu dan qaqbel ma jgħarrfu b'kollox lil San Franġisk li dik il-ħabta kien jinsab x'imkien qrib.

U meta qalulu, San Franġisk mar għand dan l-imġiddem maqlub, u meta wasal ħdejh sellimlu u

(38) Hu biżżejjed il-miraklu tal-magħtub f'*San Mattew*, Kap IX.

(39) Ara *Iżaija*, Kap LIII.

beda jgħidlu: "Alla jagħtik il-paċi, ħija l-għażiż". L-imġiddem wieġbu igerger: "U x'paċi nista' jien ikolli mingħand Alla li ħadli kull paċi u kulma kelli u għamilni kollni kemm jien marċa u ninten?" U San Franġisk qallu: "Ibni, ikollok ftit tas-sabar, għaliex il-mard tal-ġisem Alla jibgħathulna f'din id-dinja għas-saħħa tar-ruħ, għax ikun ta' mertu kbir meta jittieħed bis-sabar". Il-marid wieġeb: "U kif nista' nieħu bis-sabar dan il-kastig bla heda u li qiegħed jakkisni lejl u nhar? U mhux biss jien ninsab imdejjaq bil-marda tiegħi, iżda agħar qegħdin jagħmluli l-patrijiet li tajtni biex jaqduni, u ma jaqdunix kif imiss". Allura San Franġisk, meta sar jaf b'nebħa tas-sema li dan l-imġiddem kien mimli bl-ispirtu ħażin, mar u qagħad jitlob u talab bil-qalb 'l Alla għalih.

U meta talab raġa' mar għandu u qallu hekk: "Ibni, jiena rrid naqdik jien ġaladarba m'intix kuntent bl-oħrajn". "Tajjeb," qallu l-marid "iżda inti x'tista' tagħmilli iktar mill-oħrajn?" San Franġisk wieġeb: "Jien nagħmillek kulma tkun trid inti". L-imġiddem qallu: "Jien irrid li inti taħsilni minn fuq s'isfel, għaliex ninten daqshekk li jien innifsi ma nistax inżomm iktar". Allura San Franġisk minnufih beda jagħmel il-misħun b'ħafna ħxejjex ifewħu, imbagħad neżża' lil dak u beda jaħslu b'idejh u patri ieħor jixħetlu l-ilma. U, b'miraklu tas-sema, fejn San Franġisk kien imiss b'idejh imqaddsa, il-ġdiem kien imur u l-laħam kien ifiq għal kollox. U kif beda jfiq il-laħam, hekk bdiet tfiq ir-ruħ. Għalhekk meta l-imġiddem beda jara li kien qiegħed ifieq, beda jħoss tingis u sogħba kbira ta' dnubietu u beda jibki biki ta' mrar u hekk, fil-waqt li l-ġisem beda jitnaddaf minn barra mill-ġdiem bil-ħasil ta' l-ilma, ir-ruħ bdiet

tidnaddaf minn ġewwa mid-dnub bis-sogħba u bid-dmugħ.

U meta fiq għal kollox sew fil-ġisem kemm fir-ruħ, bl-umiltà kollha għaraf ħtijietu u, jibki, beda jgħid b'leħen għoli: "Gwaj għalija li jistħoqqli l-infern għat-tkasbir u ż-żeblih li jien għamilt lill-patrijiet u għan-nuqqas ta' sabar u għad-dagħa li jiena dgħajt 'l Alla". U għalhekk dam għal ħmistax-il jum jibki bil-qalb dnubietu u jitlob ħniena mingħand Alla fil-waqt li mar iqerr dnubietu kollha għand il-qassis. U meta San Franġisk ra dan il-miraklu fid-deher, li Alla kien għamel b'idejh (40), iżża ħajr 'l Alla u telaq minn hemm u mar f'pajjiż bogħod ħafna għaliex, minħabba l-umiltà, ried jaħrab kull tifħir tad-dinja, u f'għemilu kollu kien ifittex biss il-ġieh u l-glorja ta' Alla u mhux tiegħu nnifsu.

Imbagħad, **kif għoġob 'l Alla,** l-imġiddem imsemmi mfejjaq fil-ġisem u fir-ruħ, wara l-ħmistax-il jum tal-penitenza tiegħu, marad b'marda oħra u, mgħejjun bis-Sagramenti tal-Knisja, miet ta' qaddis. U ruħu, fil-waqt li kienet sejra l-Ġenna, dehret fl-ajru lil San Franġisk li kien fil-bosk jitlob u qaltlu: "Tagħrafni inti?" "Min int?" qal San Franġisk. U hi: "Jiena jien l-imġiddem li Kristu mbierek fejjaq għall-merti tiegħek, u llum sejjer fil-ħajja ta' dejjem. U ta' dan jiena nrodd ħajr lil Alla u lilek. Tkun imbierka ruħek u ġismek, u mbierek kliemek u l-ħidma tiegħek kollha, għaliex minħabba fik ħafna erwieħ isalvaw fid-dinja. U kun af li m'hemmx jum fid-dinja li fih l-Anġli qaddisin u l-Qaddisin l-oħra ma jiżżux ħajr 'l Alla għall-ġid imqaddes li inti u l-Ord-

(40) Jiġifieri b'idejn San Franġisk li kellu l-pjagi fihom.

ni tiegħek tagħmlu f'ħafna naħiet tad-dinja; u għal-hekk qawwi qalbek u iżżi ħajr 'l Alla u ibqa' bil-barka tiegħu". U kif qalet dawn il-kelmiet, marret il-Ġenna, u San Franġisk baqa' mfarraġ bla qies.

Għall-ġieh ta' Kristu. Hekk ikun.

## IS-SITTA U GĦOXRIN KAPITLU

**Kif San Franġisk ikkonverta tliet ħallelin qattelin u saru patrijiet; u fuq il-viżjoni kbira li kellu wieħed minnhom li kien patri qaddis kbir.**

San Franġisk, darba waħda, telaq għan-naħa ta' Borgo biex imur Santo Sepolcro u, fil-waqt li kien għaddej minn raħal ċkejken li kien jismu Monte Casale, mar fuqu żagħżugħ nobbli u delikat ħafna u qallu: "Missier, jien tabilħaqq nixtieq b'qalbi kollha nsir wieħed mill-patrijiet tiegħek". San Franġisk wieġbu: "Ibni, inti żagħżugħ delikat u nobbli; forsi inti ma tkunx tista' tissaporti l-faqar u t-toqol tal-ħajja tagħna". U hu: "Missier, intom ma intomx bnedmin bħali? Mela, kif tissaportu int om, hekk ukoll inkun nista' jiena bl-għajnuna t'Alla". Din it-tweġiba għoġbitu ħafna lil San Franġisk; għalhekk, filwaqt, li bierku, laqgħu minnufiħ fl-Ordni tiegħu u semmieh Fra Anġlu. U daż-żagħżugħ beda jġib ruħu hekk tajjeb li, wara ftit taż-żmien, San Franġisk għamlu gwardjan f'dak il-post imsejjaħ Monte Casale.

Dik il-ħabta kienu jgħixu hemmhekk tliet ħallelin imsemmijin, li kienu jagħmlu ħsara kbira dik in-naħa; dawn, jum wieħed marru għand il-patrijiet u talbu lill-imsemmi kwardjan Fra Anġlu jagħti-

hom jieklu. U l-gwardjan weġibhom hekk fil-waqt li ċanfarhom bl-ikrah: "Intom ħallelin u qattiela tal-biża': ma tistħux tisirqu għaraq ħaddieħor; u minn fuq, bla qatra żejt f'wiċċkom, tridu tibilgħu l-għajnunijiet mibgħutin lill-qaddejja t'Alla, li anqas jistħoqqilkom biss tirfsu fuq l-art għaliex ma għandkom ebda qima u la lejn il-bnedmin u lanqas lejn Alla li ħalaqkom: morru, mela, għal xogħolkom u la tidhrux 'l hawn iktar". U, għalhekk, imħawdin kif kienu, telqu b'rabja kbira.

U dak il-ħin San Franġisk kien ġej minn barra bi xkora tal-ħobż u flixkun inbid li hu u sieħbu kienu ttalbu, u meta il-gwardjan qallu li kien keċċa lil dawk, San Franġisk ċanfru kif jixraq fil-waqt li qallu: "Inti ġibt ruħek ħażin, għaliex il-midinbin iktar jerġgħu għal għand Alla bil-ħlewwa milli b'ċanfir aħrax; ara kemm hu hekk, l-Imgħallem tagħna Ġesù Kristu, li aħna wegħidna li nħarsu l-Evanġelju Tiegħu, igħid li l-qawwijin ma għandhomx bżonn tat-tabib, iżda l-morda, u li Hu ma ġiex fid-dinja biex isejjaħ lit-tajbin, iżda 'l-midinbin biex jagħmlu penitenza; u għalhekk Hu nnifsu ta' sikwit kien jiekol magħhom. Ġaladarba, mela, inti b'hekk inqast mill-karità u mill-Evanġelju ta' Kristu, jiena nikkmandak f'ġieh l-ubbidjenza mqaddsa, li minnufih taqbad din l-ixkora tal-ħobż li jiena qlajt u dan il-flixkun inbid, u tmur warajhom bil-ħeffa, titla' l-għoljiet u tinżel il-widien sakemm issibhom u tagħtihom dan il-ħobż kollu u dan l-inbid minfloki; u mbagħad tinżel għarkubbtejk quddiemhom u għidilhom ħtijietek bl-umiltà kollha tal-kefrija tiegħek, u mbagħad itlobhom fl-isem tiegħi li ma jagħmlux ħsara iktar, imma li jibżgħu minn Alla u ma joffendux lil għajrhom; u jekk huma jagħmlu

hekk, jiena nwegħidhom li naħsbilhom għall-ħtiġijiet tagħhom u li nagħtihom ta' kuljum x'jieklu u x'jixorbu. U meta inti tgħidilhom hekk bil-ħlewwa, erġa' ejja 'l hawn".

Fil-waqt li l-gwardjan li semmejna telaq biex jagħmel dak li qallu San Franġisk, dan inxteħet jitlob 'l Alla li jrattab il-qlub ta' dawk il-ħallelin u jikkonvertihom għall-penitenza.

Il-gwardjan ubbidjenti jasal ħdejhom u jagħtihom il-ħobż u l-inbid, u jagħmel u jgħid dak li San Franġisk kien qallu. U, bħalma għoġob 'l Alla, dawk il-ħallelin, fil-waqt li bdew jieklu l-karità ta' San Franġisk, bdew igħidu flimkien : "Gwaj għalina msejknin sventurati ! Xi pwieni ħorox ta' l-Infern qegħdin jistennewna, għax hemm sejrin mhux biss għax nisirqu l-proxxmu, naħbtu għalih u nferuh, imma noqtluh ukoll; u b'dana kollu ma nħossu ebda tingiż tal-kuxjenza ta' ħsara hekk kbira u għemil ħażin ieħor u anqas biża' t'Alla. U arawh dan il-patri qaddis li wasal sa ħdejna li, bil-ħaqq kollu, kien qalilna dak il-kliem minħabba l-ħażen tagħna, issa bl-umiltà kollha qiegħed igħidilna ħtijietu u minfuq ġibilna l-ħobż u l-inbid u l-wegħda ta' ħniena tal-missier qaddis. Tabilħaqq dawn il-patrijiet huma l-qaddisin t'Alla, li tisthoqqilhom il-Ġenna; u aħna wlied tat-telfien ta' dejjem li nisthoqqu l-pwieni ta' l-Infern, u li nżidu ta' kuljum it-telfien tagħna u ma nafux jekk nistgħux insibu ħniena mingħand Alla tad-dnubiet li għamilna sal-lum".

Fil-waqt li wieħed kien igħid dawn il-kelmiet u xi oħrajn bħalhom, it-tnejn l-oħra qalu : "Tabilħaqq li inti qed tgħid is-sewwa; iżda issa x'għandna

nagħmlu?" — "Immorru" qal l-ieħor, "għand San Franġisk u jekk jagħtina xi tama li aħna nsibu xi ħniena mingħand Alla ta' dnubietna nagħmlu dak li jgħidilna u hekk neħilsu lil ruħna mill-pwieni ta' l-Infern".

Dan il-parir għoġob lill-oħrajn; u hekk it-tlieta flimkien marru għand San Franġisk u qalulu hekk: "Missier, aħna minħabba ħafna dnubiet koroh li għamilna, ma naħsbux li nistgħu nsibu ħniena quddiem Alla; imma jekk inti għandek l-iċken tama li Alla jilqagħna fil-ħniena Tiegħu, hawn aħna lesti nagħmlu kull ma tgħidilna inti u nagħmlu penitenza miegħek". Allura San Franġisk, fil-waqt li laqagħhom bl-imħabba u bil-ħniena kollha, sabbarhom b'ħafna eżempji u żgurahom mill-ħniena t'Alla u wegħedhom li jaqilgħuha tabilħaqq mingħand Alla, fil-waqt li urihom kif il-ħniena t'Alla hi bla qies; u li, jekk aħna jkollna dnubiet bla tarf, il-ħniena t'Alla hi ikbar u li, skond l-Evanġelju u l-Appostlu San Pawl, Kristu l-Imbierek ġie f'din id-dinja biex isalva l-midinbin.

Għal dan il-kliem u tagħlim ieħor it-tliet ħallelin imsemmija rrinunzjaw għad-demonju u għall-egħmil tiegħu, u San Franġisk laqagħhom fl-Ordni u bdew jagħmlu penitenza kbira. U tnejn minnhom għexu għal ftit wara l-konverżjoni tagħhom u marru l-Ġenna; iżda t-tielet wieħed, fil-waqt li baqa' ħaj u jaħseb dejjem fuq dnubietu, intagħta għall-penitenza hekk kbira li, għal ħmistax-il sena sħaħ, minbarra s-sawm l-ieħor li hu kien jagħmel mal-patrijiet l-oħra, kien isum tlitt ijiem ħobż u ilma, u, fil-waqt li kien dejjem ħafi u b'libsa waħda biss fuqu, ma kien jorqod

qatt wara l-Mattutin (41). Matul dan iż-żmien San Franġisk kien telaq minn din il-ħajja msejkna.

Billi dak, mela, dam għal ħafna snin f'dik il-penitenza, hekk hu li, lejl wieħed wara l-Mattutin, ġietu tentazzjoni hekk kbira tan-ngħas li ma seta' jżomm bl-ebda mod u li jibqa' mqajjem bħal qabel. Fl-aħħar, billi ma setax iżomm aktar u l-anqas ma seta' jitlob, daħal fis-sodda biex jorqod; u, kif mejjel rasu beda joħlom li kien jinsab fuq muntanja għolja b'ħondoq fond mill-aktar u, 'l hawn u 'l hemm, blat imfarrak bi xfafar u ponot ta' kull daqs ħerġin mill-istess ġebel; u beda jibża' jħares 'l isfel minn dak ix-xifer. U l-Anġlu (tal-ħolm) li kien imexxi lil dak il-patri dendlu u xeħtu minn fuq dak ix-xifer; u, filwaqt li beda jaqbeż u jaħbat ma' kull blata u ma' kull ġebla, fl-aħħar wasal f'qiegħ dak ir-rdum imbiċċer u mfarrak skond ma kien jaħseb hu, u, filwaqt li sab ruħu hekk ħażin fl-art, dak li kien imexxih qallu: "Qum minn hemm, għax għad baqagħlek x'timxi." U l-Patri wieġeb: "Jidhirli li inti bniedem li xejn ma tistħi u ta' qalbek ħażina, għax qiegħed tarani mmut bil-waqgħa li farrkitni daqshekk u tgħidli — Qum minn hemm!" U l-Anġlu resaq ħdejh u, filwaqt li beda jmissu, saħħaħlu ġismu kollu u fejqu. U, wara, urieh wita kbira ta' ġebel ippuntat u li jaqta', u ta' xewk u għollieq, u qallu li kellu jgħaddi dik il-wita kollha ħafi sakemm jasal fit-tarf tagħha fejn beda jilmaħ ħuġġieġa taqbad li kellu jidħol ġewwa fiha.

Wara li l-Patri kien għadda dik il-wita kollha

---

(41) Il-*Mattutin* hi talba twila li l-patrijiet, dak iż-żmien, kienu jgħidu f'nofs il-lejl. Il-lum il-ġurnata għad fadal xi kunventi fejn il-Mattutin għadu jingħad dak il-ħin.

bi tbatija u uġiegħ kbir, l-Anġlu qallu: "Idħol ġewwa l-ħuġġieġa, għax hekk jaqbillek tagħmel". U dak wieġbu: "Jaħasra kemm inti mexxej ta' qalbek ħażina, li qiegħed tarani kważi mejjet minħabba dik il-wita qalila u issa biex nistrieħ tiġi tgħidli nidħol f'dik il-ħuġġieġa taqbad!" U, fil-waqt li dan beda jħares sewwa madwar dik il-ħuġġieġa, ra ħafna demonji bl-imdieri tal-ħadid f'idejhom li bihom dawk bdew minnufih jimbuttawh 'il ġewwa għax żamm xi ftit ma jridx jidħol.

Kif daħal fil-ħuġġieġa beda jħares u hemm ġewwa wieħed li kien sieħbu li kien qiegħed jaqbad minn fuq s'isfel. U staqsieh: "Ja sieħbi msejken, kif ġejt hawn ġew inti?" U dak wieġbu: "Imxi ftit ieħor 'il quddiem u ssib il-mara tiegħi, li tiġi qaribtek, u tgħidlek x'kien il-kaġun tat-telfa tagħna." U filwaqt li l-Patri baqa' miexi, titfaċċa dik il-mara kollha dħaħen, magħluqa ġewwa kejl tal-qamħ, kollha nar; u hu staqsiha: "Ja qaribti msejkna, għaliex ġejt hawn f'din it-tbatija kbira u hekk ħarxa?" U hi wieġbet: "Għax fiż-żmien tal-ġuħ kbir — li San Franġisk kien nebbaħ minn qabel — ir-raġel tiegħi u jien konna nbiddlu l-qamħ u ġwież ieħor tajjeb f'ħażin li konna nbiegħu bil-kejl, u għalhekk jiena issa qiegħda naqbad magħluqa ġewwa dan il-kejl" (42).

U wara dawn il-kelmiet, l-Anġlu li kien imexxi lill-patri xeħtu l' barra mill-ħuġġieġa, imbagħad qallu: "Lesti ruħek biex tagħmel mixja tal-biża', għax minn dan ukoll għad trid tgħaddi". U dak, b'qalbu maqsuma, beda jgħid: "Ja mexxej kiefer li m'għandek ebda ħniena minni; inti qiegħed tarani kważi maħruq għal kollox f'din il-ħuġġieġa, u issa trid

(42) Fis-sena 1227 kien hemm ġuħ kbir fl-Italja.

tqabbadni mixja ta' tiġrib u tal-biża'?" U allura l-Anġlu messu, fejqu u tah saħħtu.

U mbagħad ħadu fuq pont li ma setax igħaddih mingħajr tiġrib kbir għaliex kien irqiq ħafna u dejjaq u jiżloq bil-bosta u mingħajr ma fih fejn iżżomm fil-ġenb, u minn taħtu kienet għaddejja xmara li tbeżża mimlija sriep u draguni u għeqiereb u tarmi rieħa tinten qatigħ. U l-Anġlu qallu: "Għaddi dan il-pont, għax jaqbillek tgħaddih kollu." Dak wieġbu: "U kif nista' ngħaddih bla ma naqa' f'dik ix-xmara ta' tiġrib?" L-Anġlu wieġbu: "Ejja warajja u qiegħed riġlejk fejn tara li jiena nqiegħed tiegħi u hekk tgħaddi sewwa." Għadda l-patri wara l-Anġlu, bħalma dan kien qallu, sakemm wasal f'nofs il-pont; iżda, fil-waqt li kien f'nofsu, l-Anġlu tar, u meta telqu, mar fuq muntanja għolja bla qies filbogħod ħafna minn dan il-pont. U dak qagħad iħares sewwa fejn kien tar l-Anġlu; u, meta sab ruħu waħdu mingħajr mexxej u beda jħares 'l isfel, beda jara dawk il-bhejjem tal-biża' b'rashom barra millilma u b'ħalqhom miftuħ lesti biex jibilgħuh jekk jaqa' hemm isfel; u beda jitriegħed daqshekk li xejn ma seta' jagħraf x'għandu jgħid jew jagħmel għax la seta' jerġa' lura u lanqas igħaddi 'l quddiem.

Għalhekk meta sab ruħu f'dak it-taħbil il-moħħ u, billi ma kellux kenn ieħor ħlief Alla, tbaxxa u tgħannaq mal-pont u, b'qalbu kollha u bid-dmugħ f'għajnejh, reħa ruħu f'idejn Alla, biex, għall-ħniena Tiegħu l-aktar qaddisa, jieqaf miegħu. U wara li talab, deherlu li beda jrabbi l-ġwienaħ; u għalhekk hu, b'ferħ kbir, beda jistenna li dawk jikbru biex ikun jista' jtir, 'l hemm mill-pont, hemmhekk fejn kien tar l-Anġlu. Iżda, wara ftit taż-żmien, imħabba x-xewqa kbira li kellu biex igħaddi dak il-pont, beda

jittajjar; u, billi l-ġwienaħ ma kinux kibru biżżejjed, hu reġa' waqa' fuq il-pont u waqagħlu rixu; u għalhekk mill-ġdid hu beda jitgħannaq mal-pont u, bħal qabel, beda jerħi ruħu f'idejn Alla. U wara li talab, reġa' deherlu li beda jtalla' l-ġwienaħ; iżda, bħal qabel, ma qagħadx jistenna li jikbrulu sewwa, għalhekk, filwaqt li beda jittajjar qabel iż-żmien, reġa' waqa' fuq il-pont u rixu waqagħlu. Għalhekk, meta ra li, minħabba l-għaġġla li kellu biex itir qabel iż-żmien, hu kien jaqa' kif għidna, beda jgħid bejnu u bejn ruħu: "Issa żgur hekk nerġa' ntella' ġwinħajja t-tielet darba, jiena nistenna sakemm jikbru sewwa biex inkun nista' ntir bla ma naqa". U, filwaqt li kien jaħseb hekk, deherlu li beda jrabbi l-ġwienaħ għat-tielet darba; u dam jistenna ħafna sakemm kibrulu sewwa; u deherlu, darba, tnejn, tlieta, li għandu jtir ġaladarba kien ilu jistenna mija u ħamsin sena u aktar ukoll. Fl-aħħar, għat-tielet darba, iqum b'saħħtu kollha biex itir u tar fil-għoli safejn kien tar l-Anġlu.

Meta ħabbat il-bieb ta' dak il-palazz fejn kien qiegħed l-Anġlu, ir-raġel tal-bieb staqsieh: "Inti min inti li ġejt hawn?" Wieġeb: "Jiena patri tal-Minuri (43)." U tal-bieb qallu: "Stenna ftit, għax irrid inġib lil San Franġisk biex jara jekk jafikx." Meta mar għal San Franġisk, dak (il-patri) beda jħares lejn dawk il-ħitan tal-għaġeb ta' dak il-palazz; u dawk il-ħitan kienu jleqqu daqshekk li hu beda jara sewwa minn ġo fihom il-Korti tal-Qaddisin u dak li kien qiegħed isir hemm ġew. U fil-waqt li baqa' mistagħġeb b'dak li kien jara, f'daqqa waħda jara

(43) L-Ordni ta' S. Franġisk sa mill-bidunett kien jissejjaħ *tal-Minuri*.

ġej lil San Franġisk u Fra Bernard u Fra Eġidju, u wara San Franġisk qatgħa daqshekk kbira ta' qaddisin, nisa u rġiel, li mxew warajh f'ħajjithom, li kienu donnhom bla għadd. U meta wasal San Franġisk qal lil tal-bieb: "Ħallih igħaddi għax dan hu wieħed mill-patrijiet tiegħi".

Malli daħal ġewwa, beda jġarrab ferħ u ħlewwa hekk kbira li nesa t-tbatijiet li kien ġarrab qabel, bħallikieku qatt ma kienu. U allura San Franġisk, fil-waqt li beda jmexxih 'il ġewwa, urieh ħafna ħwejjeġ tal-għaġeb u mbagħad qallu: "Ibni, jaqbillek terġa' tmur fid-dinja u tibqa' hemm għal sebat ijiem, u fihom inti lesti ruħek sewwa fit-talb, għaliex wara s-sebat ijiem jiena niġi għalik u allura inti tiġi hawn miegħi f'dan il-post tal-ħenjin." U San Franġisk kien liebes mantell li jgħaġġeb miksi bi kwiekeb l-iktar sbieħ, u l-ħames pjagi tiegħu kienu donnhom ħames kewkbiet sbieħ u li kienu jiddu daqshekk li kienu jdawlu l-palazz kollu bir-raġġi tagħhom. U Fra Bernard kellu f'rasu kuruna ta' kwiekeb l-iktar sabiħa, u Fra Eġidju kien imżejjen b'dawl tal-għaġeb; u ra ħafna patrijiet oħra qaddisin li f'ħajtu ma kien rahom qatt, u kif San Franġisk ħallieh, hu telaq lura, għalkemm b'inkejja fih innifsu, lejn id-dinja.

U meta stembaħ u ġie f'sensih u beda jisma', il-patrijiet bdew idoqqu għall-*Prima* (44); għaliex hu ma kienx ilu f'dik il-viżjoni ħlief biss mill-Mattutin sal-Prima (45), għalkemm lilu deherlu li kie ilu snin twal. U wara li qal dik il-ħolma tiegħu lill-Patri Gwardjan, matul is-sebat ijiem qabdu d-deni; u

---

(44) Il-*Prima* hi talba li kienet tingħad fit-tlieta ta' fil-għodu.

(45) Mela kien ilu joħlom ma' dwar sagħtejn.

t-tmien jum ġie għalih San Franġisk, bħalma kien wiegħdu, b'qatgħa kbira ta' qaddisin glorjużi, u ħadlu ruħu fis-saltna tal-ħenjin tal-ħajja ta' dejjem.

Għall-ġieh ta' Kristu. Hekk ikun.

## IS-SEBGHA U GHOXRIN KAPITLU

**Kif San Franġisk ikkonverta żewġ studenti ġewwa Bolonja u saru patrijiet; u mbagħad lil wieħed minnhom neħħielu minn fuqu tentazzjoni kbira.**

Meta, darba waħda, San Franġisk wasal fil-Belt ta' Bolonja, il-poplu kollu tal-belt ħareġ bi ħġaru biex jarah; u r-rassa tan-nies kienet hekk kbira li hu bil-ħniena seta' jasal sal-misraħ. U billi l-misraħ kien mimli rġiel, nisa u studenti, San Franġisk tela' fin-nofs fuq post għoli u beda jippriedka dak li l-Ispirtu s-Santu beda jnebbħu. Hu beda jippriedka hekk fuq ħwejjeġ tal-għaġeb li kien donnu aktarx Anġlu milli bniedem u l-kliem tiegħu tas-sewwa kienu qishom vleġeġ bil-ponta li jidħlu fil-qlub ta' min kien jisma' u hekk, f'dik il-priedka, qata' kbira ta' rġiel u nisa biddlu ħajjithom u tawha għall-penitenza.

Fost dawn kien hemm żewġ studenti nobbli mill-Marca ta' Ancona u l-wieħed kien jismu Pellegrin u l-ieħor Riccieri li t-tnejn minħabba l-priedka, milqutin f'qalbhom mit-tnebbiħ tas-sema, marru għand San Franġisk igħidulu li jridu jitilqu d-dinja għal kollox u jsiru patrijiet tiegħu. U allura San Franġisk, imnebbaħ mis-sema li dawk kienu mibgħutin minn Alla u li fl-Ordni tiegħu kellhom igħaddu ħajja qaddisa, u fil-waqt li ra l-ħeġġa kbira tagħhom, qallhom: "Inti, Pellegrin, aqbad fl-Ordni t-triq ta' l-umiltà; u inti, Fra Riccieri, aqdi lill-patrijiet."

U hekk ġara, għaliex Fra Pellegrin qatt ma ried isir kjeriku, iżda jibqa' ajk għalkemm ta' skola kbira u mħarreġ sewwa fil-liġi. Għal din l-umiltà hu wasal f'perfezzjoni hekk kbira tal-virtù li Fra Bernard, l-iben ewlieni ta' San Franġisk, qal fuqu li hu kien wieħed mill-patrijiet l-aktar perfetti ta' din id-dinja. U fl-aħħar Fra Pellegrin, mimli bil-virtù, għadda minn din il-ħajja għall-ħajja ħienja b'ħafna mirakli qabel u wara l-mewt. U Fra Riccieri bil-qalb kollha u bil-fedeltà kollha baqa' jaqdi lill-patrijiet matul ħajtu qaddisa u umli tassew; u kien ħaġa waħda ma' San Franġisk, u dan kien jurih ħafna segrieti ta' qalbu. U billi laħaq Provinċjal fil-provinċja ta' Marca ta' Ancona, mexxiha għal ħafna żmien b'għaqal u ħlewwa kbira.

Wara xi żmien Alla ippermettielu tentazzjoni kbira f'ruħu; għalhekk hu, imħabbat u mdejjaq, kien jikkastiga lilu nnifsu bis-sawm, bis-swat, bil-biki u bit-talb lejl u nhar u madankollu ma satax ikeċċi dik it-tentazzjoni; u ħafna drabi wasal f'disperazzjoni kbira għaliex minħabba fiha kien jaħseb li Alla telqu. Fil-waqt li darba kien f'disperazzjoni bħal din, bħala l-aħħar ħaġa, għamilha f'rasu li jmur għand San Franġisk, fil-waqt li beda jtalla' u jniżżel hekk: "Jekk San Franġisk ma jċanfarnix u jurini mġiebtu tajba bħal qabel, jiena nemmen li Alla għad ikollu ħniena minni; jekk le, dak ikun is-sinjal li Alla telaqni." Telaq, mela, u mar għand San Franġisk.

Dan, dik il-ħabta, kien fil-palazz ta' l-Isqof t'Ascesi marid qatigħ, u Alla nebbħu b'dik it-tentazzjoni u disperazzjoni ta' dak il-patri u bil-fehma tiegħu u bil-miġja tiegħu. U f'kemm ili ngħidlek San Franġisk sejjaħ lil Fra Leone u lil Fra Massew u qallhom: "Morru malajr ilqgħu lil ibni għażiż Fra

Riccieri u, għannquh minfloki u sellmulu u għidulu li fost il-patrijiet li jinsabu fid-dinja jiena nħobb lilu b'imħabba waħdanija". Dawk telqu u fit-triq iltaqgħu ma' Fra Riccieri u għanquh filwaqt li qalulu dak li kien qallhom San Franġisk. Għalhekk hu ġarrab f'qalbu ferħ u ħlewwa hekk kbira li għal ftit ma ħariġx barra minnu nnifsu; u fil-waqt li beda jiżżiħajr 'l Alla b'qalbu kollha, mar u wasal hemmhekk fejn San Franġisk kien jinsab marid. U għalkemm dan kien marid sewwa, b'danakollu, meta sama' li wasal Fra Riccieri, qam u mar jilqgħu u beda jgħannqu bil-ħlewwa u jgħidlu: "Ibni għażiż, Fra Riccieri, fost il-patrijiet kollha li hawn fid-dinja jiena nħobbok b'imħabba waħdanija". U kif qallu hekk għamillu s-sinjal tas-salib imqaddes fuq ġbinu u biesu hemm u mbagħad qallu: "Ibni għażiż, dik it-tentazzjoni ippermettihielek Alla biex taqla' merti kbar; iżda, jekk inti ma tridux aktar dan il-qligħ, jispiċċalek issa". Ħaġa tal-għaġeb! Malli San Franġisk qal dawn 'l-kelmiet, minnufih kull tentazzjoni tbiegħdet minnu, bħallikieku ma kien ġarrabha qatt f'ħajtu u baqa' kollu kemm hu mfarraġ.

Għall-ġieh ta' Kristu. Hekk ikun.

## IT-TMIENJA U GĦOXRIN KAPITLU

### Kif Fra Bernard ħareġ barra minnu nnifsu u baqa' hekk mhux f'sessih minn filgħodu sal-ħin tan-Nona (46).

Kemm Alla, ħafna drabi, jagħmel grazzji malfqajrin ta' l-Evanġelju, li għall-imħabba ta' Kristu

(46) In-*Nona* hi talba li kienet tingħad f'nofs in-nhar.

jitilqu d-dinja, jidher minn Fra Bernard ta' Quintavalle li, minn mindu libes il-libsa ta' San Franġisk, ta' sikwit kien jiġi meħud f'Alla fuq ħsibijiet għoljin dwar il-ħwejjeġ tas-sema.

Darba waħda, fost ħwejjeġ oħra, ġara li, filwaqt li hu kien fil-knisja jisma' l-Quddies u billi ħsibijietu kienu kollha f'Alla, intilef daqshekk li, meta l-Ġisem ta' Kristu ġie mgħolli 'l fuq, hu ma kien jaf b'xejn, lanqas niżel għarkubbtejh, lanqas neħħa l-barnuża minn rasu bħalma kienu jagħmlu l-oħrajn li kienu jkunu hemm, iżda mingħajr ma għalaq għajnejh, baqa' hekk iħares ċass, minn filgħodu san-Nona, bla ma donnu jħoss xejn. U meta, wara n-Nona, ġie f'sessih, beda sejjer 'l hawn u 'l hinn igħajjat bl-leħen tal-għaġeb: "Oh Patrijiet! oh Patrijiet! oh Patrijiet! Hawn xi ħadd din in-naħa, daqshekk kbir u nobbli li, meta twiegħdu palazz mill-ikbar, sabiħ u miksi bid-deheb, ikun irid jarfa' xkora żibel biex jaqla' dak it-teżor daqshekk kbir?"

Dan it-teżor tas-sema, imwiegħed lil min iħobb 'l Alla, kien għal Fra Bernard imsemmi, bniedem ta' moħħu fil-għoli li għal ħmistax-il sena sħaħ għex dejjem b'wiċċu u ħsibijietu fis-sema. U matul dan iż-żmien kollu qatt ma xaba' fuq il-mejda għalkemm kien jiekol xi ftit minn dak li kienu jqegħdulu quddiemu; għaliex hu kien igħid li t-tgħakkis tal-ġisem ma jsirx meta wieħed ma jikolx minn dak li ma jħobbx, iżda t-tgħakkis isir meta wieħed jibqa' lura f'dawk il-ħwejjeġ li jiġuh tajbin. U b'hekk hu wasal ukoll f'daqshekk dawl u ħwejjeġ ċari quddiem moħħu li l-għorrief ukoll kienu jmorru għandu biex iħollilhom id-diffikultajiet kbar u xi passi ibsin ta' l-Iskrittura; u hu kien ifissrilhom id-diffikultajiet kollha.

U billi ħsibijietu kienu kollha maħlulin u mbegħ-

din mill-ħwejjeġ ta' l-art, hu bħal ħuttafa kien jittajjar'il fuq fi ħsibijietu; għalhekk hu kien imur waħdu fuq il-quċċati tal-muntanji għoljin, xi drabi għal għoxrin jum u xi drabi għal tletin, jaħseb biss fuq il-ħwejjeġ tas-sema. Għalhekk Fra Eġidju kien igħid fuqu li dan ir-rigal li kien mogħti lil Fra Bernard minn Quintavalle, jiġifieri li kien il-pjaċir tiegħu jittajjar bħal ħuttafa, ma kien mogħti lil ħadd iktar fost il-bnedmin. U minħabba din il-grazzja kbira li hu kien qala' mingħand Alla, San Franġisk bil-qalb kollha u ta' sikwit kien imur jitkellem miegħu lejl u nhar; għalhekk mhux l-ewwel darba li kienu jibqgħu flimkien, matul il-lejl kollu, mitlufin f'Alla ġewwa l-bosk fejn huma t-tnejn kienu jinġabru biex jitkellmu fuq Alla.

Li Hu mbierek għal dejjem ta' dejjem. Hekk ikun.

## ID-DISGHA U GHOXRIN KAPITLU

**Kif id-demonju, taħt għamla ta' kurċifiss, deher ħafna drabi lil Fra Ruffino, filwaqt li beda jgħidlu li kien qiegħed jitlef il-ġid li kien jagħmel għaliex hu ma kienx mill-magħżulin għall-ħajja ta' dejjem.**

**San Franġisk, imnebbaħ minn Alla sar jaf b'din il-ħaġa, u ġagħal lil Fra Ruffino jagħraf l-iżball tiegħu għax kien emmen dak kollu.**

Fra Ruffino, bniedem mill-iktar nobbli ta' Ascesi, sieħeb ta' San Franġisk u ta' qdusija kbira, darba waħda kien imħabbat u ttentat qatigħ f'ruħu middemonju dwar jekk hu kellux isalva; għalhekk hu kien dejjem ħosbien u mdejjaq ladarba d-demon-

ju kien daħħallu wkoll f'rasu li hu kien diġà indannat u mhux wieħed mill-magħżulin għall-ħajja ta' dejjem u li kien qiegħed jitlef kull ma kien jagħmel fl-Ordni. Matul dan it-tiġrib li dam għal ħafna żmien u li ma riedx jurih lil San Franġisk għall-mistħija, hu qatt ma ħalla t-talb u s-sawm li kien imdorri jagħmel, u għalhekk il-għadu beda jżidlu dwejjaq fuq dwejjaq, għaliex minbarra l-ġlieda li kien iġarrab minn ġewwa, ix-xitan kien iġarrbu minn barra wkoll bid-dehriet qarrieqa tiegħu.

Darba waħda (ix-xitan) deherlu taħt għamla ta' Kurċifiss u qallu: "Ah Fra Ruffino, għalfejn qiegħed titgħakkes bil-penitenza u bit-talb ġaladarba inti m'intix mill-magħżulin għall-ħajja ta' dejjem? U emminni, għaliex jiena naf lil min ħtart u għażilt għall-ħajja ta' dejjem, u la temminx lil iben Pietru Bernardoni (47) jekk igħidlek xort'oħra, u anqas m'għandek tistaqsih xejn fuq din il-ħaġa għaliex u la hu u anqas ħaddieħor ma jafha ħlief li jien l-Iben t'Alla; u inti emminni għal kollox li inti wieħed mill-għadd ta' l-indannati u iben Bernardoni, missierek, u missieru wkoll huma indannati, u kull min imur warajhom hu mqarraq."

Kif intqalu dawn l-aħħar kelmiet, Fra Ruffino tħawwad daqshekk mill-prinċep tad-dlamijiet, li kien beda jitlef kull fidi u mħabba li hu kellu lejn San Franġisk u ma ħaseb xejn iżjed li jurih f'xi ħaġa. Iżda dak li Fra Ruffino ma qalx lill-missier qaddis, għarrafhulu l-Ispirtu s-Santu. Għalhekk, filwaqt li San Franġisk ġie mnebbaħ bil-periklu kbir tal-patri msemmi, bagħat lil Fra Massew għalih, u Fra Ruffino, fil-waqt li beda jċanfru, qallu: "X'għandi

(47) Jiġifieri lil San Franġisk.

naqsam jien ma' Fra Franġisk?" Allura Fra Massew mimli kollu kemm hu bl-għerf tas-sema, kif għaraf it-tqarriq tad-demonju, wieġbu: "Ja Fra Ruffino, inti ma tafx li Fra Franġisk hu bħal Anġlu ta' Alla li dawwal tant erwieħ fid-dinja u li minn għandu aħna qlajna l-grazzja t'Alla? Għalhekk jiena rrid bil-fors li inti tiġi għandu għaliex qiegħed nara bid-deher li inti tinsab imqarraq mid-demonju". U kif intqal dan, Fra Ruffino qam u mar għand San Franġisk.

U kif San Franġisk rah ġej mill-bogħod beda jgħajjat: "Ja Fra Ruffino mqareb, lil min inti emmint?" U malli Fra Ruffino wasal ħdejh, dan beda jgħidlu, ħaġa wara l-oħra, it-tentazzjoni kollha li dak kellu mid-demonju minn ġewwa u minn barra u beda jurih bid-dieher li dak li kien deherlu kien ix-xitan u mhux Kristu u li m'għandu jemmen blebda mod għat-tfesfis tiegħu. "Iżda meta d-demonju jarġa' jgħidlek — Inti indannat—", qallu San Franġisk, "inti wieġbu: — Iftaħ ħalqek ħa nħammiġlek fih (48). U minn dan inti tagħraf li hu x-xitan, għaliex kif tagħtih din it-tweġiba, hu jaħrab f'daqqa. U minn hekk ukoll kellek tkun taf li kien id-demonju, għaliex webbislek qalbek għal kull ġid; u dan hu xogħlu; iżda Kristu Mbierek qatt ma jwebbes qalb il-bniedem fidil, imma jrattabha, skond ma jgħid bil-fomm tal-profeta: *Jiena naqlagħlek il-qalb talġebel u nagħtik qalb tal-laħam"* (49).

Allura Fra Ruffino, meta ra li San Franġisk kien qiegħed igħidlu ħaġa wara oħra kif kienet it-tentaz-

(48) Kliem ftit baxx, imma hekk hu miġjub sew fit-test latin, kemm ukoll fil-kotba l-oħra maqlubin minnu.
(49) *Eżek.*, XXXVI,26.

zjoni tiegħu, u, milqut bi kliemu, beda jibki kemm jiflaħ u jinżel għarkubbtejh quddiem San Franġisk u bl-umiltà kollha jagħraf ħtijietu talli kien ħbielu t-tentazzjoni tiegħu. U hekk baqa' kollu kemm hu ikkonslat u mfarraġ mit-tagħlim tal-missier qaddis u nbidel għall-aħjar. Imbagħad fl-aħħar San Franġisq qallu: "Mur, ibni, u qerr u la tħallix it-talb li dejjem tagħmel, u ibqa' żgur li din it-tentazzjoni tkunlek ta' ħtieġa kbira u ta' faraġ kif sejjer tara fi żmien qasir."

Meta Fra Ruffino reġa' lura fil-knisja tiegħu ġewwa l-bosk, u fil-waqt li kien jitlob u jolfoq, jara ġej il-għadu fis-sura ta' Kristu, skond ma kien jidher minn barra, u jgħidlu: "Ja Fra Ruffino, jiena ma għidtlikx biex ma temminx lil iben Pietru Bernardoni u li ma għandikx għalfejn tixher u titlob ġaladarba inti ndannat? X'jiswielek tgħakkes lilek innifsek matul ħajtek u mbagħad meta tmut tintilef?" U minnufih Fra Ruffino wieġbu: "Iftaħ ħalqek biex inħammiġlek fih". Id-demonju, meta sema' dan, telagħlu u f'daqqa waħda telaq b'riefna hekk kbir u taqlib ta' ġebel minn fuq il-muntanja Subasio li tinsab hemm fil-qrib, li t-tgerbib tal-ġebel, li kien jaqa' għal isfel, dam sejjer għal ħafna żmien; u d-daqqiet li l-ġebel kienu jagħtu lil xulxin waqt li kienu nieżlin jitgerbu, kienu qawwija daqshekk li bdew itajru n-nar li jwaħħax ġewwa l-wied u, minħabba l-ħsejjes tal-biża' li kienu jagħmlu, San Franġisk u sħabu mistagħġbin ħarġu minn posthom jitkixxfu x'kien ġara mill-ġdid; u għadha tidher s'issa dik il-ħerba kbira ta' ġebel (50). Allura Fra Ruffino ra bid-dieher li dak kien id-demonju li kien

(50) Il-għar ta' Fra Ruffino għadu jidher ukoll il-*Kalċeri*.

qiegħed iqarraq bih. U meta reġa' mar għand San Franġisk, sa rasu wkoll beda jmiss ma' l-art u jistqarr ħtijietu; u San Franġisk beda darb'oħra jfarrġu bi kliem ħelu u bagħtu mfarraġ kollu kemm hu fiċċella tiegħu.

U fil-waqt li kien qiegħed hemm jitlob b'ħerqa kbira, deherlu Kristu Mbierek u kebbsu kollu kemm hu bl-imħabba t'Alla u qallu: "Għamilt sewwa, ibni, li emmint lil Fra Franġisk, għaliex dak li kien idejqek kien ix-xitan; iżda jien hu Kristu l-imgħallem tiegħek, u biex inti tkun żgur minn dan, jiena nagħtik is-sinjal illi dment li ddum ħaj ma żżgarrab qatt iżjed swied il-qalb u dwejjaq." U kif qal hekk, Kristu telaq u ħallieh mimli bil-ferħ u ħlewwa tar-ruħ u bi ħsibijiet għoljin f'moħħu li lejl u nhar kien jintilef u jittieħed f'Alla.

U minn dak in-nhar 'il quddiem kien jinsab daqshekk fil-grazzja u żgur minn ruħu, li tbiddel kollu kemm hu fi bniedem ieħor, u jibqa' lejl u nhar fit-talb biex jaħseb fuq il-ħwejjeġ tas-sema li kieku kienu jħalluh. Għalhekk San Franġisk kien igħid fuqu li Fra Ruffino kien, f'din il-ħajja stess, magħmul qaddis minn Ġesù Kristu u li ma kienx jibża' ħlief biss quddiemu, isejjaħlu 'San Ruffino' għalkemm kien għadu ħaj fid-dinja.

Għall-ġieh ta' Kristu. Hekk ikun.

## IT-TLETIN KAPITLU

**Dwar il-priedka sabiħa li San Franġisk u Fra Ruffino għamlu ġewwa Ascesi meta huma ippridkaw għarwenin.**

L-imsemmi Fra Ruffino, għaliex kien jaħseb ta'

kuljum dwar il-ħwejjeġ tas-sema, kien sar hekk miblugħ f'Alla li donnu kien sar u la jħoss u anqas jitkellem. Xi darba fil-bogħod kien, jiftaħ fommu u qatt ma kellu l-grazzja u anqas l-almu u anqas il-kelma ġerrejja biex jippriedka. B'danakollu, darba waħda, San Franġisk ikkmandah li jmur Ascesi u jippriedka lin-nies dak li jnebbħu Alla. Għalhekk Fra Ruffino qallu: "Missier meqjum, jien nitolbok taħfirli u ma tibgħatnix hemm; għaliex inti taf li jien m'għandix il-grazzja tal-priedki u jien sempliċi u ma naf xejn". Allura San Franġisk wieġbu: "Għaliex inti ma obdejtnix minnufih, jiena nikkmandak f'ġieh l-ubbidjenza mqaddsa li tmur kważi għarwien, ġewwa Ascesi u tidħol ġewwa knisja u hekk għarwien tippriedka lin-nies". Għal dan l-amar Fra Ruffino jinża' u jitlaq għarwien lejn Ascesi u jidħol ġewwa knisja; u, wara li qiem l-altar, jitla' l-pulptu u jibda jippriedka: Għal din il-ħaġa t-tfal u l-irġiel bdew jidħku u jgħidu: "Ara wkoll, dawk qegħdin jagħmlu penitenza hekk kbira li qegħdin jiġġennu".

Matul daż-żmien, San Franġisk, fil-waqt li beda jaħseb dwar l-ubbidjenza ta' malajr ta' Fra Ruffino li kien wieħed mill-iktar nies puliti ta' Ascesi u dwar l-amar iebes li kien għamillu, beda jċanfar lilu nnifsu: "Mnejn ġibtu dan il-wiċċ kollu, bin Pietru Bernardoni, bniedem baxx, biex tikkmanda lil Fra Ruffino, li hu wieħed mill-iktar nies puliti ta' Ascesi, sabiex imur għarwien jippriedka lin-nies bħal wieħed iblah? F'ġieh Alla, li kont inti wkoll iġġarrab dak li tikkmanda lil oħrajn". U f'daqqa waħda, fis-saħna tar-ruħ, jinża' għarwien ukoll u jitlaq lejn Ascesi, u jieħu miegħu lil Fra Leone biex jarfa' l-libsa tiegħu u ta' Fra Ruffino.

U kif raw lilu wkoll in-nies ta' Ascesi bdew jiddieħku bih u jgħoddu lilu u lil Fra Ruffino bħal żewġ imġienen minħabba l-penitenza kbira.

San Franġisk daħal fil-knisja fejn Fra Ruffino kien jippriedka dawn il-kelmiet: "Għeżież tiegħi, aħarbu d-dinja u tbiegħdu mid-dnub; ħarsu l-kmandamenti t'Alla billi tħobbu 'l Alla u l-proxxmu jekk tridu li tmorru l-ġenna; u agħmlu penitenza jekk tridu taqilgħu s-saltna tas-sema". U allura San Franġisk għarwien jitla' l-pulptu u jibda jippriedka u hekk tal-għaġeb dwar it-tmaqdir tad-dinja, dwar il-penitenza qaddisa, dwar il-faqar li tkun tridu inti, dwar ix-xewqa tas-saltna tas-sema u dwar il-għira u l-kruha tal-passjoni tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu, li dawk kollha li kien hemm għall-priedka, rġiel u nisa, qatgħa kbira, bdew jibku kemm jifilħu b'devozzjoni li ma titwemminx u b'sogħba ta' qalb; u mhux hemmhekk biss, iżda f'Ascesi kollha kien hemm daqshekk biki dak in-nhar fuq il-passjoni ta' Kristu, li bħalu ma kien hemm qatt qabel.

U hekk il-poplu b'dak li għamel San Franġisk u Fra Ruffino tgħallem u baqa' mfarraġ; San Franġisk, imbagħad, libbes lil Fra Ruffino u lilu wkoll u, hekk imlibbsin, reġgħu lura għall-Porzjunkola jfaħħru u jsebbħu 'l Alla li kien tahom il-grazzja li jirbħu lilhom infushom bit-tmaqdir tagħhom infushom u bl-eżempju tajjeb lin-nagħġiet ta' Kristu, u billi wrew kemm hu ta' min imaqdarha d-dinja. U dak in-nhar il-qima tal-poplu kibret daqshekk lejhom li kien igħodd ruħu hieni min kien jista' jmissilhom it-tarf tal-libsa.

Għall-ġieh ta' Kristu. Hekk ikun.

## IL-WIEĦED U TLETIN KAPITLU

**Kif San Franġisk kien jaf, wieħed wara l-ieħor, il-ħsibijiet moħbija tal-kuxjenzi tal-patrijiet tiegħu kollha.**

Kif is-Sinjur tagħna Ġesù Kristu jgħid fl-Evanġelju: *"Jiena nagħraf in-nagħġiet tiegħi u huma jagħrfu lili ecc."*, hekk ukoll il-missier hieni San Franġisk, bħala ragħaj twajjeb, kien jaf, imnebbaħ mis-sema, il-merti u l-virtujiet kollha ta' sħabu u hekk ukoll kien jagħraf in-nuqqas tagħhom. Għalhekk hu kien jaf isib għal kulħadd l-aħjar rimedju, billi hu kien iċekken il-kburin u jgħolli lill-umli u billi kien imaqdar il-vizzji u jfaħħar il-virtujiet bħalma naqraw fit-tnebbiħ tal-għaġeb li hu kellu fuq l-ewwel familja tiegħu.

Fost dan it-tnebbiħ insibu li, darba waħda, fil-waqt li San Franġisk, flimkien mal-familja msemmija, kien jinsab f'post f'taħdita m'Alla, u billi Fra Ruffino ma kienx magħhom f'dik it-taħdita, iżda fil-bosk maħruġ minn sessih fuq il-ħwejjeġ tas-sema, matul dik it-taħdita fuq Alla, araw lil Fra Ruffino joħroġ mill-bosk u jgħaddi ftit 'il bogħod minnhom. Allura San Franġisk, meta rah, dar lejn sħabu u, fil-waqt li staqsihom, qallhom: "Għiduli, liema taħsbu li hi dik ir-ruħ l-akbar qaddisa li Alla għandu bħalissa fid-dinja?" U meta dawk wieġbuh li kienu jaħsbu li dik ir-ruħ kienet tiegħu, San Franġisk qallhom: "Jiena, għeżież patrijiet, jien l-iktar wieħed vili u l-iktar bniedem baxx li Alla jista' jkollu f'din id-dinja; iżda qegħdin tassew inthom taraw lil dak Fra Ruffino li ħareġ issa mill-bosk? Alla nebbaħni li ruħu hi waħda mit-tliet er-

wieħ l-iktar qaddisa li Alla għandu f'din id-dinja; u ngħidilkom tabilħaqq li jien ma niddubitax insejjaħlu San Ruffino f'ħajtu, għaliex ruħu hi msseddqa fil-grazzja u mqaddsa u magħmula qaddisa fissema mis-Sinjur tagħna Ġesù Kristu." Iżda, dawn il-kelmiet ma kien igħidhom qatt San Franġisk quddiem Fra Ruffino msemmi.

L-istess ħaġa, kif San Franġisk kien jagħraf innuqqas tal-patrijiet tiegħu, narawh ċar fi Fra Elija li hu ta' sikwit kien iċanfru mħabba s-suppervja tiegħu; u fi Fra Ġovanni minn Kappella li hu kien qallu minn qabel li kellu jitgħallaq, u f'dak il-patri l-ieħor li d-demonju kien jagħfaslu ġriżmejh meta kienu jikkoreġuh fuq id-diżubbidjenza tiegħu u f'ħafna patrijiet oħra li n-nuqqasijiet u l-virtujiet tagħhom moħbija hu (51) kien jafhom sewwa bittnebbiħ ta' Kristu l-Imbierek. Hekk ikun.

## IT-TNEJN U TLETIN KAPITLU

**Kif Fra Massew qala' mingħand Kristu l-virtù ta' l-umiltà mqaddsa.**

L-ewwel imseħbin ta' San Franġisk kienu jaraw kif jagħmlu b'ħilithom kollha biex isiru fqajrin filħwejjeġ tad-dinja u għonja fil-virtujiet li jwassluk għall-ġid veru tas-sema u dejjiemi.

Jum wieħed ġara li, fil-waqt li huma kienu miġburin flimkien jitkellmu fuq Alla, wieħed minnhom ġieb dan l-eżempju: "Kien hemm darba wieħed li kien ħabib kbir t'Alla u kellu grazzja kbira ta' ħajja kollha ħidma u ħsibijiet f'Alla, u b'danakollu hu kien mimli b'umiltà hekk kbira u sħiħa li hu kien

(51) Jiġifieri San Franġisk.

jistħajlu l-akbar midneb tad-dinja, u din l-umiltà kienet tqaddsu u twettqu fil-grazzja u kienet tagħmlu jiżdied kuljum fil-virtujiet u fid-doni t'Alla u ma kienet tħallih qatt jaqa' fid-dnub''.

Meta Fra Massew sama' dawn il-ħwejjeġ talgħaġeb fuq l-umiltà u billi hu kien jaf li din hi teżor tal-ħajja ta' dejjem, beda jitkebbes daqshekk bl-imħabba u bix-xewqa ta' din il-virtù ta' l-umiltà li, b'ħerqa kbira, fil-waqt li rafa' wiċċu lejn is-sema, għamel wegħda u ta l-kelma soda li ma jifraħ qatt f'din id-dinja qabel ma jibda jħoss sewwa ġewwa fih il-virtù li semmejna. U minn dak in-nhar 'il quddiem kont issibu, tista' tgħid, dejjem, magħluq fiċ-ċella tiegħu, ibiċċer lilu nnifsu bissawm, bil-qawmien ta' bil-lejl, bit-talb u bil-biki kbir quddiem Alla, biex jaqla' mingħandu din il-virtù li mingħajrha hu kien jistħajlu li jistħoqqlu l-infern u li biha dak il-ħabib ta' Alla, li kien sama' bih, kien hekk imżejjen.

U billi Fra Massew dam ħafna ġranet f'din ixxewqa, ġara li jum wieħed daħal ġewwa bosk u, fil-ħeġġa ta' ruħu, beda sejjer 'l hawn u 'l hinn ixerred id-dmugħ, jitniegħed u jgħajjat u jitlob f'ħerqa kbira mingħand Alla din il-virtù tas-sema. U billi Alla jisma' bil-qalb it-talb ta' l-umli u sogħbenin, fil-waqt li Fra Massew kien jinsab hekk, jisma' leħen ġej mis-sema li sejjaħlu darbtejn: "Fra Massew! Fra Massew!" U hu, billi mnebbah missema u għaraf li dak kien il-leħen ta' Kristu, wieġeb hekk: "Sinjur tiegħi! Sinjur tiegħi!" U Kristu lilu: "Xi trid tagħti inti biex taqla' din il-grazzja li qiegħed titlob?" Fra Massew wieġeb: "Sinjur nagħti l-għajnejn li għandi f'wiċċi." U Kristu lilu: "U jien irrid li inti jkollok il-grazzja u l-għajnejn

ukoll.'' U meta qal dan, il-leħen għeb u Fra Massew baqa' mimli bil-grazzja hekk kbira tal-virtù mixtieqa ta' l-umiltà ta' dawl tas-sema li, minn dak in-nhar 'il quddiem, hu kien dejjem ferrieħi, u, meta kien jitlob, ta' sikwit kien juri l-ferħ tiegħu b'leħen dejjem magħluq bħal tal-ħamiema: u! u! u!'' u, b'wiċċu ferħan u qalbu ħienja, kien jibqa' hekk fi ħsibijiet għolja. U b'daqshekk, billi kien sar umli ħafna, kien jistħajlu l-inqas wieħed fost il-bnedmin tad-dinja.

Mistoqsi minn Fra Jacopo minn Fallerone għa liex fil-ferħ tiegħu kien dejjem jagħmel l-istess ħaġa, b'ferħ kbir wieġeb li meta f'ħaġa ssib il-ġid kollu, mhemmx għalfejn tibdilha.

Għall-ġieh ta' Kristu. Hekk ikun.

## IT-TLIETA U TLETIN KAPITLU

**Kif Santa Kjara, bl-amar tal-Papa bierket il-ħobż li kien hemm fuq il-mejda; b'hekk, fuq kull ħobża, deher is-sinjal tas-Salib Imqaddes (52).**

Santa Kjara, is-sieħba l-iktar devota tas-Salib ta' Kristu u xitla nobbli ta' San Franġisk, kienet ta' qdusija hekk kbira, li, mhux biss l-Isqfijiet u l-Kardinali imma saħansitra l-Papa kien jixtieq, b'ġibda kbira, jaraha u jismagħha, u ħafna drabi kien imur iżurha hu nnifsu.

Darba waħda fost l-oħrajn il-missier imqaddes mar għandha fil-kunvent biex jismagħha titkellem

(52) Il-Papa msemmi hu l-Papa Girgor IX li fis-sena 1228 kien Assisi għall-Kanonizzazzjoni ta' San Franġisk, li saret fis-16 ta' Lulju. Kien għadu Kardinal meta sar ħabib kbir ta' San Franġisk.

fuq il-ħwejjeġ tas-sema u qaddisa; u kif kienu hekk flimkien f'diskorsijiet imqaddsa, Santa Kjara ġagħlet jitlestew l-imwejjed u jitqiegħed il-ħobż fuqhom sabiex il-missier imqaddes iberikhom.

Għalhekk, kif spiċċaw it-taħdita tagħhom tar-ruħ, Santa Kjara, fil-waqt li niżlet għar-rkubbtejha b'qima kbira, talbitu biex jekk jogħġbu jbierek il-ħobż ta' fuq il-mejda. Il-missier imqaddes wieġeb: "Soru Kjara l-iktar fidila, jien irrid li inti tbierek dan il-ħobż billi tagħmel fuqu s-sinjal tas-Salib ta' Kristu li lilu inti tajt ruħek u ġismek". 'U Santa Kjara qaltlu: "Missier l-iktar qaddis, aħfirli, għax ikun jistħoqqli ċanfir kbir jekk, quddiem il-Vigarju ta' Kristu, jiena, mara baxxa, nażżarda nagħmel din il-barka". U l-Papa weġibha: "Sabiex ma tgħidx li din hi preżunzjoni tiegħek, imma jkunlek ta' mertu ta' l-ubbidjenza, jiena nikkmandak f'ġieh l-ubbidjenza mqaddsa li fuq dan il-ħobż inti tagħmel is-sinjal tas-Salib u tbierku fl-isem ta' Alla".

Allura Santa Kjara, bħala bint tassew ta' l-ubbidjenza, bierket bil-qima kollha dak il-ħobż bis-sinjal tas-Salib. Ħaġa tal-għaġeb! F'daqqa waħda fuq dak il-ħobż kollu deher maqtugħ is-sinjal sabiħ tas-Salib. U allura biċċa minn dak il-ħobż ittiekel u biċċa nżamm għal żmien twil b'miraklu. Il-missier imqaddes, meta ra l-miraklu, fil-waqt li ħa biċċa minn dak il-ħobż u fil-waqt li iżża ħajr 'l Alla, telaq u ħalla lil Santa Kjara bil-barka tiegħu.

F'dak iż-żmien kienu jgħixu wkoll f'dak il-kunvent is-soru Ortulana, omm Santa Kjara (53), u

(53) Mela Ortulana saret bint bintha.

s-soru Anjeża, oħtha (54), it-tnejn flimkien ma' Santa Kjara, mimlijin bil-virtù u bl-Ispirtu s-Santu u ma' ħafna sorijiet oħra qaddisin li lilhom San Franġisk kien jibagħtilhom ħafna morda u huma, bit-talb tagħhom u bis-sinjal tas-Salib, lil kulħadd kienu jroddu s-saħħa.

Għall-ġieh ta' Kristu. Hekk ikun.

## L-ERBGĦA U TLETIN KAPITLU

**Kif San Ludoviku, Re ta' Franza, hu nnifsu, taħt għamla ta' pellegrin, mar Perugia biex iżur lill-qaddis Fra Eġidju** (55).

Billi San Ludoviku, Re ta' Franza, kien telaq pellegrinaġġ biex iżur is-*Santwarji* tad-dinja, u billi kien sama' bil-fama kbira ta' qdusija ta' Fra Eġidju, wieħed mill-ewlenin imseħbin ta' San Franġisk, għamilha f'rasu u qatagħha għal kollox li jmur iżuru hu nnifsu. Għalhekk hu mar Perugia fejn, dak iż-żmien, l-imsemmi patri kien igħix.

Meta wasal fil-bieb tal-post tal-patrijiet, bħala *pellegrin* imsejken u bla magħruf, ma' ftit sħabu oħra, beda jistaqsi u baqa' jistaqsi fuq Fra Eġidju

(54) Oħt Santa Kjara: iżda billi Anjeża mis-sena 1219 sal-1253, kienet Superjura f'Monticelli, qrib Firenze, jiġi li mhux tassew li kienet Assisi ma' ommha u oħtha.

(55) Il-Beatu Eġidju għadda l-aħħar snin ta' ħajtu fil-kunvent ta' Monteripido qrib Perugia. Hawnhekk marru jżuruh ħafna nies bkar bħalma kienet is-sinjura romana Jacopa de Settesoli u l-Papa Girgor IX; iżda, ma nafx kif il-"Fjuretti" jsemmu wkoll lil San Lwiġi Re ta' Franza, għax dan, sa fejn twassal l-istorja, qatt ma mar fl-Italja.

bla ma jgħid xejn lil dak tal-bieb min kien dak li kien jistaqsi għalih. Jitlaq, mela, tal-bieb u jgħid lil Fra Eġidju li fil-bieb hemm wieħed *pellegrin* li staqsa għalih; u ġie mnebbaħ minn Alla li dak kien ir-Re ta' Franza. Għalhekk hu, kollu ħerqa, ħareġ minnufih miċ-ċella u ġera lejn il-bieb, u bla ma qagħad jistaqsi u bla ma qatt raw lil xulxin qabel, fil-waqt li niżlu għar-rkubbtejhom, b'qima kbira tgħannqu flimkien u tbewsu daqshekk li kienu donnhom ilhom ħafna jafu lil xulxin; iżda, matul dan, wieħed ma kellem xejn lill-ieħor, imma baqgħu mgħanqin flimkien, b'dak il-wiri ta' mħabba, fis-skiet. U wara li damu ħafna hekk kif għidna bla ma jgħidu kelma lil xulxin, infirdu wieħed mill-ieħor, u San Ludoviku kompla l-mixja tiegħu u Fra Eġidju raġa' lura fiċ-ċella.

Meta telaq ir-Re, wieħed patri staqsa lil xi ħadd minn sħabu min kien dak li tgħannaq daqshekk ma' Fra Eġidju, u dak wieġbu li kien Ludoviku Re ta' Franza, li kien ġie biex jara lil Fra Eġidju. Għalhekk, billi dak mar igħid lill-patrijiet l-oħra, sogħobbihom ħafna talli Fra Eġidju ma kienx kellmu kelma waħda biss, u b'sogħba kbira qalulu hekk: "Ja Fra Eġidju, għaliex kont hekk baxx li, lil re bħal dak, li ġie minn Franza biex iżurek u jisma' mingħandek xi kelma tajba inti ma għidtlu xejn?" Fra Eġidju wieġeb: "Ħuti għeżież, la tistagħġbux b'din il-ħaġa, għaliex la jien lilu u lanqas hu lili ma seta' jgħid kelma għaliex, kif għannaqna lil xulxin, id-dawl tal-għerf tas-sema nebbaħni u wrieni l-qalb tiegħu u tiegħi lilu, hekk, b'għemil tas-sema, fil-waqt li ħarisna fil-qlub, dak li jiena ridt ngħid lilu u hu lili fehemnieh wisq aħjar milli kieku għidnih bil-fomm, u bi tħennija akbar; u li kieku aħna nfissru

bil-kliem dak li ħassejna f'qalbna, minħabba n-nuqqas tal-lsien tal-bniedem li ma jafx juri sewwa l-misterji moħbija t'Alla, kien ikun għalina aktar ta' dwejjaq milli ta' ferħ. Iżda kunu afu sewwa li r-Re telaq mhenni tgħidux kemm."

Għall-ġieh ta' Kristu. Hekk ikun.

## IL-ĦAMSA U TLETIN KAPITLU

**Kif Santa Kjara, meta kienet marida, fil-lejl tal-Għid tal-Milied ġiet meħuda b'miraklu fil-Knisja ta' San Franġisk u hemmhekk semgħet l-Uffiċċju (56).**

Darba waħda Santa Kjara kienet hekk marida li bl-ebda mod ma setgħet tmur il-knisja biex tgħid l-Uffiċċju mas-sorijiet l-oħra. Billi kienet waslet il-festa tat-Twelid ta' Kristu, is-sorijiet l-oħra kollha marru għall-Mattutin u hi baqgħet waħidha fis-sodda mnikkta għaliex ma setgħetx tmur ma' l-oħrajn u ġġarrab dak il-faraġ tar-ruħ. Iżda Ġesù Kristu, l-għarus tagħha, billi ma riedx iħalliha hekk imdejqa, ħadha b'miraklu fil-knisja ta' San Franġisk, u toqgħod għall-Uffiċċju kollu tal-Mattutin u tal-Quddiesa ta' bil-lejl u, barra dan, tirċievi t-tqarbin imqaddes, u mbagħad, raġa' ħadha fis-sodda tagħha.

Meta spiċċa l-Uffiċċju f'San Damjan u s-sorijiet reġgħu lura f'Santa Kjara, dawn qalulha hekk:

---

(56) Kien il-Milied tas-sena 1252, l-ewwel darba li Santa Kjara marida ma setgħetx tmur fil-Knisja ta' San Damjan għall-funzjoni ta' nofs-il-lejl. Iżda b'miraklu ġiet meħuda, b'ruħha u b'ġisimha, fil-knisja l-oħra ta' S. Franġisk li tinsab fit-tarf l-ieħor tal-belt ta' Assisi.

"Oh, madre, soru Kjara x'ferħ kbir ġarrabna f'dan il-Milied! Oh, jaħasra, kieku Alla għoġbu li inti kont tkun magħna!" U Santa Kjara weġbithom: "Nizzihajr u nfaħħar dejjem is-Sinjur tiegħi Ġesù Kristu Mbierek, ħuti u wliedi għeżież, għaliex ta' kull darba f'dan il-lejl imqaddes, jiena nġarrab ferħ kbir fir-ruħ tiegħi ikbar minn dak li ġarrabtu intom, għaliex għall-ħsieb ta' missieri San Franġisk u għall-grazzja tas-Sinjur tiegħi Ġesù Kristu, jiena kont hemm fil-knisja ta' missieri San Franġisk u b'dawn il-widnejn tal-ġisem u tar-ruħ jiena smajt il-kant kollu u d-daqq ta' l-orgni li sar hemm u hemmhekk stess jiena tqarbint. Għalhekk, ifirħu u iżżu ħajr lis-Sinjur tagħna Ġesù Kristu ta' din il-grazzja hekk kbira li għamel miegħi". Hekk ikun.

## IS-SITTA U TLETIN KAPITLU

**Kif San Franġisk fisser lil Fra Leone l-viżjoni sabiħa li dan kellu.**

Darba waħda meta San Franġisk kien marid ħafna u Fra Leone kien jaqdih, l-imsemmi Fra Leone, fil-waqt li kien jitlob ħdejn San Franġisk, tala' f'estasi u ġie meħud bl-ispirtu tiegħu ħdejn xmara kbira, wiesgħa u qawwija. U kif hu kien iħares lejn dawk li kienu għaddejjin, ra xi wħud mill-patrijiet imgħobbijin deħlin f'din ix-xmara u minnufih ġew imgerrbin mill-qawwa tax-xmara u għerqu; xi ftit oħrajn kienu jaslu sat-tielet biċċa, oħrajn san-nofs tax-xmara, xi oħrajn qrib in-naħa l-oħra; iżda, dawn kollha, minħabba l-qawwa tax-xmara u minħabba t-toqol li kellhom fuqhom, fl-aħħar kienu jaqgħu u jegħerqu. Kif beda jara dan Fra

Leone ġietu ħniena kbira minnhom. F'daqqa waħda, kif kien hekk, jilmaħ ġejja qatgħa kbira ta' patrijiet mingħajr ebda tagħbija jew toqol ieħor u li fihom kien jiddi l-faqar imqaddes; u meta daħlu f'din ix-xmara, huma għaddew għan-naħa l-oħra bla ebda tfixkil. U kif ra dan, Fra Leone reġa' ġie f'sessih.

Allura San Franġisk, meta sama' fl-ispirtu tiegħu li Fra Leone kellu xi viżjoni, sejjaħlu ħdejh u staqsieh x'ra; u meta Fra Leone msemmi qallu ħaġa b'ħaġa l-viżjoni tiegħu, San Franġisk qallu: "Dak li inti rajt hu kollu minnu. Ix-xmara kbira hi din id-dinja; il-patrijiet li kienu jegħerqu fix-xmara huma dawk li ma jimxux wara l-wegħda ta' l-evanġelju u l-iktar f'dak li jmiss il-faqar l-iktar għoli, iżda dawk li għaddew mingħajr tfixkil huma dawk il-patrijiet li ma jfittxu ebda ħaġa tad-dinja jew tal-ġisem u li m'għandhom xejn f'din id-dinja, iżda, fil-waqt li għandhom biss l-ikel u l-ilbies meħtieġa, huma kuntenti, għax jimxu wara Kristu għeri fuq is-Salib u jerfgħu bil-ferħ u bil-qalb it-toqol u l-madmad ħelu ta' Kristu u ta' l-ubbidjenza mqaddsa, u hekk minn din il-ħajja li tispiċċa jgħaddu bla tbatija għall-ħajja ta' dejjem."

Għall-ġieh ta' Kristu. Hekk ikun.

## IS-SEBGĦA U TLETIN KAPITLU

**Kif Ġesù Kristu Mbierek, għat-talb ta' San Franġisk, ikkonverta kavalier għani u ta' mġieba tajba u sar patri li għamel ġieh kbir u ta ħafna ħwejjeġ lil San Franġisk.**

San Franġisk, qaddej ta' Kristu, billi lejla waħda wasal fit-tard id-dar ta' wieħed bniedem ta'

mġieba tajba ħafna u li jista', ġie milqugħ f'daru, hu u sieħbu, bħal żewġ anġli tas-sema, b'imġieba u qima l-iktar kbira. Minn dan tara li San Franġisk nissel fih imħabba kbira, għaliex kif daħal f'daru hu (57), beda jgħannqu u jbusu bħal ħabib u mbagħad ħasillu riġlejh u ixxuttahomlu u bishomlu b'umilta' kbira, u qabbad in-nar u lestielu l-mejda b'ħafna ikel tajjeb; u, fil-waqt li kienu jieklu, dak b'wiċċu ferħan, baqa' jaqdih sa l-aħħar. Imbagħad, meta San Franġisk u sieħbu nfatru sewwa, dak il-bniedem ta' mġieba tajba qallu: "Hawn jien, missier, noffrilek lili nnifsi u ħwejġi kollha; meta jkollkom bżonn ta' xi libsa jew ta' xi mantell jew ta' xi ħaġa oħra, ixtruha u jien inħallas; u jiena lest ukoll biex inlestilkom kulma intom teħtieġu ġaladarba, għall-ħniena ta' Alla, jiena nista' għax għandi ħafna ġid, u għall-imħabba ta' Alla li tahuli, jiena rrid ninqeda bih biex, b'qalbi kollha, nagħmel il-ġid lill-fqajrin tiegħu".

Għalhekk, meta San Franġisk ra dik l-imġieba kollha u mħabba u l-għoti kbir tiegħu, nissel fih in-nifsu mħabba hekk kbira li, meta telaq, beda jgħid ma' sieħbu: "Tassew li dan il-bniedem ta' mġieba tajba ikun tajjeb għal magħna għax kulma għandu jafu 'l Alla u daqshekk twajjeb u dħuli ma' għajru u mal-fqar. Kun af, ħija l-għażiż, li l-imġieba tajba hi waħda mill-proprjetajiet ta' Alla li jagħti x-xemx tiegħu u x-xita tiegħu lit-tajbin u lill-ħżiena għax irid hu; u l-imġieba tajba hija oħt il-ħniena li titfi l-mibegħda u żżomm l-imħabba. U ġaladarba jiena, f'dan il-bniedem ta' mġieba tajba, għaraft

(57) Jiġifieri l-kavalier li aktarx kien Gwidu Vagnotelli minn Cortona.

virtù tas-sema hekk kbira, jien, b'qalbi kollha, nixtiequ seħibna; għalhekk jien irrid li aħna xi darba nerġgħu mmorru għandu biex forsi Alla jmisslu qalbu u jiġi magħna biex jaqdi 'l Alla; u tul dan iż-żmien aħna nitolbu 'l Alla li jqanqal f'qalbu din ix-xewqa u jagħtih grazzja li jkompliha."

Ħaġa tal-għaġeb! Wara ftit ġranet, wara li San Franġisk kien talab, Alla qanqal dik ix-xewqa f'qalb dak ir-raġel ta' mġieba tajba; u San Franġisk qal lil sieħbu: "Ejja mmorru, ħija, għand dak il-bniedem ta' mġieba tajba għax jien għandi tama qawwija f'Alla li hu, b'dik l-imġieba kollha fil-ħwejjeġ tad-dinja, jagħti lilu nnifsu u jidħol magħna." U marru.

U meta waslu ħdejn id-dar tiegħu, San Franġisk qal lil sieħbu: "Stenna ftit, għax jien l-ewwel irrid nitlob 'l Alla li jagħtina mixja tajba u li jogħġob lil Kristu, f'ġieh il-Passjoni Mqaddsa tiegħu, jagħtina lilna, fqajrin u msejknin, dak li aħna sejrin biex naqdu li, kif irridu naħsbu, nisirquh lid-dinja." U meta qal hekk beda jitlob f'post li minnu sata' jarah dak il-bniedem ta' mġieba tajba; għalhekk, kif għoġob 'l Alla fil-waqt li dak kien igħarrex 'l hawn u 'l hinn, ra lil San Franġisk jitlob b'ħerqa kbira quddiem Kristu li deherlu b'dija qawwija fit-talb li semmejna u qagħad quddiemu; u matul dan, ra lil San Franġisk maqtugħ mill-art b'ġismu għall-biċċa ħin sewwa. Għalhekk Alla messlu qalbu u nebbħu daqshekk biex iħalli d-dinja, li minnufih hu ħareġ mill-palazz tiegħu u, fil-ħerqa tar-ruħ, telaq jiġri lejn San Franġisk u, meta wasal ħdejh li kien għadu jitlob, niżel għar-rkubbtejh quddiemu u beda jitolbu u jitolbu b'qima kbira biex

jogħġbu jilqgħu u jagħmel penitenza flimkien miegħu.

Allura San Franġisk, meta ra li t-talba tiegħu ġiet mismugħa minn Alla u qala' dak li hu kien jixtieq, jiġifieri li dak il-bniedem ta' mġieba tajba beda jitolbu b'ħerqa kbira, iqum b'ħeġġa u ferħ ta' ruħu u jgħannaq u jbus lil dak bil-qima kollha, fil-waqt li beda jiżżi ħajr lil Alla li żied fix-xirka tiegħu kavalier bħal dak. U dak il-bniedem ta' mġiebtu tajba beda jgħid lil San Franġisk: "Xi trid li jiena nibda nagħmel, missier tiegħi? Hawn jien lest għal kulma tikkmandani, nagħti kulma għandi lill-fqar, u nimxi miegħek wara Kristu, imħaffef minn kull toqol tad-dinja."

U hekk għamel, għaliex, kif qallu San Franġisk, hu qassam ġidu lill-fqar u daħal fl-Ordni u għex f'penitenza kbira u qdusija tal-ħajja u mġieba tajba.

Għall-ġieh ta' Kristu. Hekk ikun.

## IT-TMIENJA U TLETIN KAPITLU

**Kif San Franġisk għaraf fl-ispirtu li Fra Elija kellu jindanna u jmut barra mill-Ordni; għaldaqshekk wara t-talba ta' Fra Elija, hu talab lil Kristu għalih u ġie mismugħ.**

Fil-waqt li darba waħda San Franġisk u Fra Elija kienu jgħixu flimkien f'kunvent wieħed, Alla nebbaħ lil San Franġisk li Fra Elija kellu jindanna u jitlaq mill-Ordni u fl-aħħarnett imut barra mill-Ordni. Minħabba hekk San Franġisk nissel f'qalbu sogħba hekk kbira lejh li la baqa' jitkellem miegħu u lanqas jagħmilha miegħu, u jekk xi darba kien

jiġri li Fra Elija kien ikun sejjer għan-naħa tiegħu, hu kien jikser il-mixja u jmur in-naħa l-oħra biex ma jiltaqax miegħu.

Minn dan Fra Elija beda jintebaħ u jifhem li San Franġisk kien jisgħob bih fuqu, u għalhekk, billi ried ikun jaf għaliex, jum wieħed resaq lejn San Franġisk biex ikellmu; u billi San Franġisk beda jaħarbu, Fra Elija beda jżommu b'idejh kif jixraq u beda jitolbu u jerġa' jitolbu sabiex jogħġbu jgħidlu għaliex kien jaħarbu u ma kienx irid jitkellem miegħu. U San Franġisk wieġbu: "Għaliex hu dan, għax Alla nebbaħni li inti, minħabba dnubietek, għad trid tħalli l-Ordni u tmur barra, u Alla nebbaħni wkoll li inti ndannat minn issa" (58).

Meta sama' dan, Fra Elija qallu hekk: "Missier tiegħi l-iktar meqjum, jiena nitolbok għall-imħabba ta' Kristu, li għaldaqshekk ma taħrabnix u lanqas tkeċċini, iżda bħala ragħaj tajjeb u bħalma għamel Kristu, erġa' fittex u ilqa' n-nagħġa li tkun sejra tintilef, jekk inti ma tiħux ħsiebha; u itlob 'l Alla għalija sabiex, jekk jista' jkun, iħassar is-sentenza tat-telfien tiegħi, għaliex hemm miktub li Alla jista' jbiddel is-sentenza jekk il-midneb isewwi dnubietu, u jien nemmen daqshekk fit-talb tiegħek li, kieku kont ninsab f'nofs l-infern u inti titlob 'l Alla għalija, jien kieku nħoss xi jfarraġni; għalhekk jiena nerġa' nitolbok li inti tressaq dan il-midneb quddiem Alla li hu ġie fid-dinja biex isalva

(58) Fra Elija daħal fl-Ordni ta' San Franġisk fl-1211; sitt snin wara sar Provinċjal tat-Terra Santa. Missena 1221 sa l-1227 kien Vigarju ta' l-Ordni u mill-1232 sal-1239 Ġeneral ta' l-Ordni. Billi deherlu li hu kien jista' kollox u maħlul mir-Regola, il-patrijiet neħħewh minn Ġeneral. Miet f'Kortona fit-22 ta' April ta' l-1253.

l-midinbin u li jilqagħni fil-ħniena tiegħu." U dan Fra Elija kien qiegħed igħidu b'qima kbira u biddmugħ f'għajnejh. Għalhekk San Franġisk, bħala missier ħanin, wiegħdu li jitlob 'l Alla għalih, hu hekk għamel.

U fil-waqt li beda jitlob 'l Alla għalih b'qalbu kollha, ġie mnebbaħ li Alla laqa' t-talb tiegħu f'dak li jmiss it-taħsir tas-sentenza tat-telfien ta' Fra Elija u li ruħu ma tkunx indannata, imma li hu tabilħaqq joħroġ mill-Ordni u jmut barra mill-Ordni. U hekk ġara, għaliex meta Federiku Re ta' Sqallija, ħadha mal-Knisja u l-Papa skumnikah sewwa lilu kemm ukoll lil min iżomm miegħu, Fra Elija msemmi, li kien miżmum bħala l-iktar bniedem li jilħaqlu tad-dinja, wara t-talba li għamillu r-Re Federiku, telaq għal miegħu u hu wkoll qam kontra l-Knisja u telaq mill-Ordni; għal din il-ħaġa hu ġie skumnikat mill-Papa u mneżża' mil-libsa ta' San Franġisk.

U dment li kien skmunikat marad għall-mewt; u meta wieħed minn sħabu, l-ajk li baqa' fl-Ordni u bniedem ta' ħajja tajba u onesta, sama', bil-marda tiegħu, mar għandu jagħmillu żjara u fost il-ħwejjeġ l-oħra qallu hekk: "Ħija l-iktar għażiż, jisgħobbini qatigħ li inti tinsab skumnikat u barra mill-Ordni tiegħek u li sejjer tmut hekk; iżda jekk inti ssib xi triq jew mezz ieħor li bih inkun nista' neħilsek minn dan il-periklu, jien, bil-qalb kollha, għalik nagħmel kollox." Fra Elija wieġbu: "Ħija, jiena ma nsib ebda mezz ieħor ħlief biss li int tmur għand il-Papa u titolbu li, għall-imħabba ta' Kristu u ta' San Franġisk il-qaddej tiegħu, li minħabba t-tagħlim tiegħu jien kont ħallejt id-dinja, iħollni mill-iskomunika u jerġa' jagħtini l-libsa tar-Reliġjon" (59).

(59) **Jiġifieri ta' l-Ordni.**

U sieħbu qallu li b'qalbu kollha jfittex li jagħmel kollox għalih, u, meta telaq min għandu, mar dritt f'riġlejn il-missier imqaddes il-Papa u talbu bil-qima kollha biex, għall-imħabba ta' Kristu u ta' San Franġisk, ikollu ħniena minn ħuh. U kif għoġob 'l Alla, il-Papa tah li jerġa' lura u, jekk isib ħaj lil Fra Elija, iħollu hu fl-isem tiegħu mill-iskomunika u jagħtih il-libsa (60).

Għalhekk dak telaq ferħan u mgħaġġel lejn Fra Elija u, billi sabu ħaj, għalkemm ruħu fi snienu, ħallu mill-iskomunika u, fil-waqt li tah il-libsa, Fra Elija għalaq għejnejh għad-dinja u salva ruħu għall-merti ta' San Franġisk u għat-talb tiegħu li fih Fra Elija kellu l-ikbar tama.

Għall-ġieh ta' Kristu. Hekk ikun.

## ID-DISGHA U TLETIN KAPITLU

### Fuq il-priedka tal-għaġeb li Sant'Antnin ta' Padwa, tal-Patrijiet Minuri, għamel fil-Konċistorju (61).

Il-kus tal-għaġeb ta' l-Ispirtu Santu, Sant' Antnin ta' Padwa, wieħed mid-dixxipli u msieħbin

(60) Il-Papa ta' dak iż-żmien kien Innoċenzu IV (1243-12544). Iżda dwar l-indħil ta dak il-lajk ma nsibu ebda ħjiel u la fl-istorja ta' l-Ordni u lanqas fid-dokumenti li għandhom x'jaqsmu ma' l-iskomunika ta' Fra Elija.

(61) *Il-Konċistorju* hu laqgħa tal-Papa mal-Kardinali fuq xi affarijiet ta' ħtieġa kbira tal-Knisja Mqaddsa. Sant'Antnin ippriedka f'dik il-laqgħa fis-sena 1230. Il-Papa kien Gregorju IX li ta' sikwit kien imur jisimgħu u li ħafna drabi sejjaħlu "Arka tat-Testment il-Ġdid u l-Qadim" u "Senduq tal-Kotba Mqaddsa".

magħżulin ta' San Franġisk, li San Franġisk innifsu kien isejjaħlu Isqof tiegħu, darba waħda, fil-waqt li kien jippriedka fil-Konċistorju quddiem il-Papa u l-Kardinali, u li f'dan il-Konċistorju kien hemm nies ta' nazzjonijiet differenti, jiġifieri Griegi, Latini, Franċiżi, Tedeski, Slavi, u Ingliżi u ta' ħafna ilsna oħra tad-dinja, imkebbes bin-nar ta' l-Ispirtu s-Santu, tkellem il-kelma t'Alla b'qawwa u b'ħeġġa hekk kbira, b'għoli ta' ħsieb u f'ħin wieħed hekk ċar u ħafif, li dawk kollha li kienu fil-Konċistorju, għalkemm ta' ilsna differenti, fehmu sewwa kelma b'kelma l-priedka tiegħu bħallikieku hu kien qiegħed jitkellem bl-ilsien ta' kull wieħed minnhom. Għalhekk ilkoll baqgħu mistagħġbin u dehrilhom li kien qiegħed jiġġedded il-miraklu antik ta' l-Appostli fi żmien il-Pentekoste (62), meta huma bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu bdew jitkellmu bl-ilsna kollha.

U dawk bdew igħidu wieħed lill-ieħor mistagħġbin: "Dak mhux minn Spanja li qiegħed jippriedka? (63). U kif mela lkoll kemm aħna qegħdin nisimgħu l-ilsien ta' artna fi kliemu?" Il-Papa wkoll, mistagħġeb bl-għoli ta' kliemu, qal: "Tabilħaqq li dan hu Arka tat-Testment u senduq tal-Kotba Mqaddsa".

Għall-ġieħ ta' Kristu. Hekk ikun.

---

(62) *Il-Pentekoste* hu Għid il-Ħamsin. Ara l-*Atti ta' l-Appostli*, Kap. II.

(63) Sant'Antnin ma kienx Spanjol iżda Portugiż: twieled f'Lisbona, il-belt ewlenija tal-Portugall fl-1195. Imma billi l-Portugall hu magħqud ma' Spanja, dik il-ħabta l-peninżula kollha kienu jsejħulha *Spanja*. Mis-sena 1221, Sant'Antnin insibuh ġewwa l-Italja fejn baqa' hemm sakemm miet ġewwa Arċella qrib Padwa u għalhekk għadna nsejħulu sal-lum Sant' Antnin ta' Padwa. Miet fit-13 ta' Ġunju tal-1231 meta kellu 36 sena biss.

## L-ERBGĦIN KAPITLU

**Fuq il-miraklu li għamel Alla meta Sant'Antnin, fil-waqt li kien f'Rimini, ippriedka lill-ħut tal-baħar.**

Billi Kristu l-Imbierek ried juri l-qdusija kbira tal-qaddej tiegħu l-aktar fidil, Sant'Antnin, u billi ried juri b'liema qima kellha tiġi mismugħa l-predikazzjoni u t-tagħlim tiegħu qaddis, darba waħda fost l-oħrajn, inqeda bl-annimali ta' bla raġuni, jiġifieri bil-ħut, biex iċanfar il-bluha ta' l-eretiċi ta' bla twemmin nisrani, bħalma darba ġara fit-Testment il-qadim meta, bil-fomm tal-ħmara, ċanfar l-injoranza ta' Bâlaam (64).

Mela, darba waħda, meta Sant'Antnin kien ġewwa Rimini, fejn kien hemm qatgħa kbira ta' eretiċi, billi huwa xtaq li jreġġagħhom għad-dawl tat-twemmin tajjeb u fit-triq tas-sewwa, beda jippridkalhom għal ħafna ġranet u kellimhom fuq it-twemmin ta' Kristu u fuq l-Iskrittura Mqaddsa; iżda huma, mhux biss li ma emmnux il-kliem tiegħu qaddis, imma tabilħaqq b'qalbhom xierfa u rashom iebsa, anqas biss ma riedu jisimgħu, u għalhekk Sant'Antnin, imnebbaħ mis-sema, ġurnata waħda mar f'ħalq ix-xmara, beda jkellem fl-isem t'Alla lill-ħut, bħal meta jkun jippriedka: "Isimgħu intom il-kelma t'Alla, ja ħut tal-baħar u tax-xmara, ġaladarba dawk l-eretiċi ta' bla twemmin qegħdin jaħarbu minnha". U kif qal hekk, f'daqqa waħda, resqet lejn ix-xtajta qatgħa hekk kbira ta' ħut, kbar u żgħar u mdaqqsin li bħalha qatt ma kienet dehret

(64) Aqra din il-ġrajja fin-*Numeri*, Kap. XXII, v. 28.

qabel u la f'dak il-baħar u lanqas fix-xmara; u kollha kellhom rashom 'il fuq mill-ilma u jħarsu attenti lejn wiċċ Sant'Antnin, bla ma jibżgħu u mqassmin tajjeb għaliex quddiem, iżjed qrib lejn ix-xtajta, qagħad il-ħut iż-żgħir, wara qagħad il-ħut imdaqqas, imbagħad, waranett, fejn l-ilma kien aktar għoli, qagħad il-ħut il-kbir.

Fil-waqt, immela, li l-ħut kien qiegħed f'dik il-qagħda u taqsim, Sant'Antnin beda jippridkalhom b'leħen għoli u qallhom hekk: "Aħwa tiegħi, ħut, intom ukoll għandkom id-dmir, skond ma tistgħu, li tiżżu ħajr lill-Ħallieq tagħkom li takom dar hekk kbira sabiex tgħixu fiha, għaliex kif jogħġob lilkom għandkom l-ilma ħelu u mielaħ u takom ukoll ħafna kennijiet sabiex taħarbu t-tempesti; takom ukoll dar li taraw minnha u ikel biex titmantnu. Alla, il-ħallieq tagħkom twajjeb u ħanin, meta Hu ħalaqkom, qalilkom sabiex titkattru u tiżdiedu u takom il-barka tiegħu. U mbagħad meta sar iddulluvju mad-dinja kollha, il-bhejjem l-oħra kollha mietu u lilkom biss ħares Alla bla ma ġratilkom ebda ħsara. U takom ukoll il-ġwienaħ biex bihom tkunu tistgħu tiċaqalqu 'l hinn u 'l hawn fejn ikun jogħġobkom. Lilkom ġie mogħti, għax hekk ried Alla, li tħarsu lil Ġona Profeta u wara t-tielet jum twassluh l-art qawwi u sħiħ. Intom ħallastu ċ-ċens lis-Sinjur tagħna Ġesù Kristu, li Huwa, bħala fqajjar, ma kellux mnejn iħallas. Intom sirtu l-ikla tas-Sultan ta' dejjem, Ġesù Kristu, qabel wara l-qawmien tiegħu mill-mewt. Għal dawn il-ħwejjeġ kollha intom fid-dmir li tfaħħru u tbierku 'l Alla li takom dawn il-beneficċi kbar aktar mill-ħlejjaq l-oħra".

Għal dan il-kliem u tagħlim ta' Sant'Antnin,

il-ħut beda jiftaħ ħalqu u jbaxxi rasu u b'dawn is-sinjali u oħrajn ta' qima, skond ma jista', beda jfaħħar 'l Alla. Allura Sant'Antnin meta ra din il-qima kollha tal-ħut lejn Alla l-ħallieq tagħhom, fil-waqt li beda jifraħ f'qalbu, beda jgħid b'leħen għoli : "Ikun imbierek Alla ta' dejjem, għaliex aktar iqimuh il-ħut ta' l-ilma milli jqimuh il-bnedmin eretiċi, u iktar jisimgħu l-kelma tiegħu l-bhejjem ta' bla raġuni mill-bnedmin ta' bla twemmin". U aktar ma beda jippriedka Sant'Antnin, aktar beda jiżdied il-għadd tal-ħut, u ebda waħda ma kienet titlaq mill-post li kienet tieħu.

Għal dan il-miraklu l-poplu beda jiffolla u fost dawk li marru kien hemm ukoll l-eretiċi li semmejna; dawn, meta raw il-miraklu hekk kbir u fid-deher mimsusin f'qalbhom, ilkoll kemm kienu inxteħtu f'riġlejn Sant'Antnin biex jisimgħu l-priedka tiegħu. U allura Sant'Antnin beda jippriedka fuq it-twemmin nisrani, u tkellem hekk tajjeb fuqu, li dawk l-eretiċi kollha biddlu ħajjithom u reġgħu lura għat-twemmin veru ta' Kristu u , l-insara l-oħra baqgħu mfarrġin bil-ferħ ta' qalbhom u msaħħin fit-twemmin. U wara dan, Sant'Antnin bagħat il-ħut bil-barka t'Alla, u kollha telqu b'ħafna ċaqliq u qbiż ta' ferħ kif ukoll għamel il-poplu.

Imbagħad Sant'Antnin baqa' ġewwa Rimini għal ħafna ġranet jippriedka u jagħmel ħafna ġid fl-erwieħ (65).

Għall-ġieħ ta' Kristu. Hekk ikun.

---

(65) Ma' tul dan iż-żmien Sant'Antnin għamel miraklu ieħor ġewwa Rimini. Meta wieħed eretku ma riedx jemmen li fl-Ostja Mqaddsa hemm Kristu nnifsu, Sant'Antnin darba waħda għadda bl-Ostja quddiem il-bagħla ta' dak l-eretku u dik il-bhima, kif lemħet l-Ostja, niżlet għarkubbtejha quddiemha biex tagħtiha qima.

## IL-WIEĦED U ERBGĦIN KAPITLU

**Kif il-qaddis Fra Simuni ħeles minn tentazzjoni kbira lil wieħed patri li, minħabba hekk, ried joħroġ mill-Ordni.**

Fil-bidu ta' l-Ordni, meta kien għadu ħaj San Franġisk, daħal fl-Ordni wieħed żagħżugħ minn Ascesi li semmewh Fra Simuni; lil dan Alla żejnu u mlieh bi grazzja hekk kbira u bi ħsibijiet hekk għoljin dwar il-ħwejjeġ tas-sema li, matul ħajtu kollha, kif smajt minn dawk li għal żmien twil kienu jgħixu miegħu, kien mera ta' qdusija. Dana ftit ferm kien jidher barra miċ-ċella; jekk xi darba kont taraħ mal-patrijiet, kien jitkellem dejjem fuq Alla.

Issa dan qatt ma kien tgħallem skola, u b'danakollu kien jitkellem fuq Alla u fuq l-imħabba ta' Kristu hekk fond u hekk għoli, li kliemu kont tistħajlu kliem tas-sema. Għalhekk, lejla waħda, billi kien mar fil-bosk ma' Fra Ġakobb minn Massa biex jitkellem fuq Alla, beda jitkellem daqshekk bilħlewwa fuq l-imħabba t'Alla li għaddew il-lejl kollu fuq dik it-taħdita u fil-għodu dehrilhom li kien ilhom hemm ftit bħalma kien qalli Fra Ġakobb imsemmi.

Fra Simuni li semmejna kien iħoss daqshekk ħlewwa u għaxqa fl-Ispirtu s-Santu dwar id-dawl tassema u ż-żjajjar ħelwin t'Alla li, ħafna drabi, meta kien iħosshom ġejjin kien jimtedd fis-sodda għaliex il-ħlewwa siekta ta' l-Ispirtu s-Santu kienet titlob gh mhux biss is-serħan tal-moħħ, imma tal-ġisem ukoll. U f'dawk iż-żjajjar tas-sema hu, ħafna drabi, kien jintilef f'Alla u ma jħoss xejn mill-ħwejjeġ ta' din id-dinja. Għalhekk, darba waħda, fil-waqt li kien

mitluf f'Alla u bla ma jħoss xejn minn barra, kien jaqbad minn ġewwa bin-nar ta' l-imħabba t'Alla, wieħed patri fil-waqt li ried jara jekk dak li kien jara b'għajnejh kienx minnu, mar u qabad biċċa ġamra u qegħedhielu fuq siequ ħafja; iżda Fra Simuni xejn ma ħassha u ma ħallietlu ebda sinjal f'siequ għalkemm damet għal ħin twil sakemm intfiet weħidha.

Fra Simuni msemmi, meta kien imur fuq il-mejda, qabel ma kien jieħu l-ikel tal-ġisem, kien jieħu għalih u jagħti lill-oħrajn l-ikel tar-ruħ billi kien jitkellem fuq Alla. Minħabba dan il-kliem qaddis, darba waħda, ikkonverta lejn Alla wieħed żagħżugħ minn San Severinu li fis-seklu kien żagħżugħ imtajjar u jħobb id-dinja u f'ħin wieħed kien ta' demm għoli u delikat ħafna fil-ġisem tiegħu. U Fra Simuni, meta laqa' lil dan iż-żagħżugħ fl-Ordni, żamm ħwejġu tas-seklu għandu; u hu kien dejjem ma' Fra Simuni biex jitgħallem minnu l-ħajja tal-patrijiet. Għaldaqshekk, id-demonju, li dejjem igħarbel kif igħarraq ku' ġid, beda jqanqlu daqshekk u jħajru għad-dnub tal-ġisem li bl-ebda mod ma seta' jirbħu. Minħabba f'hekk hu mar għand Fra Simuni u qallu: "Agħtini ħwejġi tas-seklu għaliex ma nistax inżomm iżjed bit-tqanqil tal-ġisem". U Fra Simuni, billi ġietu ħniena kbira minnu, qallu: "Oqgħod hawn ftit, ibni, ħdejja". U beda jkellmu fuq Alla u t-tqanqil kollu ħażin telqu; u mbagħad, kull meta t-tqanqil kien jerġa' jaqbdu u jitlob ħwejġu, Fra Simuni kien jerġa' jneħħihulu billi jibda jkellmu fuq Alla.

U meta kien għamel hekk għal ħafna drabi, lejla waħda, meta t-tentazzjoni kienet hekk qawwija iktar minn qabel li bl-ebda ħaġa ma seta' jegħlibha, mar għand Fra Simuni jitolbu b'saħħtu kol-

lha ħwejġu tas-seklu għaliex ma setax joqgħod iktar Allura Fra Simuni, bħalma kien imdorri jagħmel, ġagħalu joqgħod ħdejh bil-qiegħda u, fil-waqt li beda jkellmu fuq Alla, iż-żagħżugħ mejjel rasu fuq ħoġor Fra Simuni minħabba swied il-qalb u d-dwejjaq li kellu. Allura Fra Simuni, għall-ħniena kbira li ġietu minnu, refa' għajnejh lejn is-sema u, fil-waqt li beda jitlob b'qalbu kollha lil Alla għalih, ġie meħud u mismugħ minn Alla; meta ġie f'sessih, iż-żagħżugħ ħass ruħu ħieles għal kollox minn dik it-tentazzjoni bħallikieku qatt ma kien ġarrabha qabel.

Mhux biss, imma wkoll, billi dak in-nhar ta' dik it-tentazzjoni tbiddel f'nar ta' l-Ispirtu s-Santu, għaliex hu kien resaq ħdejn il-ġamar jaħraq, jiġifieri lejn Fra Simuni, sar ħuġġieġa waħda għal Alla u għall-proxxmu. Ara kemm hu hekk, billi darba waħda kellhom jaqilgħu l-għajnejn ta' wieħed raġel li kien qiegħed jagħmel ħsara kbira, ġietu ħniena minnu u hu nnifsu mar bil-kuraġġ kollu għand il-kap imdawwar bil-kunsill tiegħu, u, biddmugħ f'għajnejh u bit-talb mill-qalb, talab biex għajn waħda tiġi maqlugħa lilu nnifsu u oħra lil dak ir-raġel sabiex dan ma jibqax mingħajr ittnejn. Meta l-kap flimkien mal-kunsill ra dik il-ħeġġa kbira ta' mħabba ta' dan il-patri, ħafer lil wieħed u lill-ieħor.

Jum wieħed, fil-waqt li Fra Simuni msemmi kien qiegħed fil-bosk jitlob u jġarrab f'ruħu ferħ liema bħalu, qatgħa kbira ta' ċawl bdew idejquh bl-għajjat tagħhom; għalhekk hu fl-isem ta' Ġesù ikkmandahom jitilqu u ma jiġux iktar. U allura dawk l-agħsafar telqu u ma reġgħux dehru iktar u anqas instemgħu u la hemmhekk u anqas dik in-naħa kol-

lha. U dan il-miraklu saret taf bih il-Kustodja ta' Fermo kollha li fiha kien jinsab dak il-post (66).

Għall-ġieh ta' Kristu. Hekk ikun.

## IT-TNEJN U ERBGĦIN KAPITLU

**Dwar il-mirakli sbieħ li Alla għamel bil-patrijiet qaddisin tiegħu Fra Bentivolju, Fra Pietru minn Monticello u Fra Kurradu minn Offida; u kif Fra Bentivolju ġarr wieħed imġiddem għal ħmistax-il mil fi żmien qasir qatigħ, u lill-ieħor kellmu San Mikiel u lill-ieħor il-Madonna marret għandu u qegħditlu lil Binha fuq dirgħajh.**

Il-Provinċja tal-Marki ta' Ancona żmien ilu, sew sew bħas-sema bil-kwiekeb, kienet imżejna bil-patrijiet qaddisin u ta' eżempju tajjeb li, bħal xmux tas-sema, kienu jdawlu u jżejnu l-Ordni ta' San Franġisk u d-dinja bl-eżempju u bit-tagħlim. Fost l-oħrajn kien hemm l-ewwelnett Fra Luċidu Antico li kien tabilħaqq jiddi bil-qdusija u jixgħel bl-imħabba tas-sema u li lsienu glorjuż, imsaħħaħ mill-qawwa ta' l-Ispirtu Santu, kien jagħmel ġid tal-għaġeb fil-predikazzjoni tiegħu.

Wieħed ieħor kien Fra Bentivolju minn San Severino li Fra Massew minn San Severino rah jintrefa' fl-ajru għal żmien twil fil-waqt li hu kien ikun jitlob fil-bosk. Minħabba dan il-miraklu Fra Massew imsemmi, ġaladarba kien għadu raħli, ħalla r-raħal u sar patri tal-Minuri u kien qaddis daqshekk li għamel ħafna mirakli fil-ħajja u fil-mewt u ġismu jinsab f'Murro.

---

(66) Il-Kustodja ta' Fermo kienet waħda mis-seba' Kustodji li flimkien kienu jagħmlu l-Provinċja tal-Marki.

Fra Bentivolju li semmejna, fil-waqt li darba waħda kien jinsab waħdu ġewwa Trave Bonanti biex jieħu ħsieb u jdur b'wieħed imġiddem, billi wieħed mis-superjuri tiegħu kien ġagħalu jitlaq minn hemmhekk u jmur band'oħra, li kien bogħod ħmistax-il mil, u billi hu ma riedx iħalli waħdu lil dak l-imġiddem, b'ħeġġa kbira ta' mħabba qabdu u qiegħdu fuq spalltu u, mit-tbexbix sa tlugħ ix-xemx, ġarru għal dik it-triq kollha ta' ħmistax-il mil u wasslu sal-post fejn hu kien mibgħut, post li kien jissejjaħ Monte Sanvicino. Din il-mixja kollha, kieku kien ajkla, ma kienx jagħmilha jittajjar fi żmien hekk qasir; u għal dan il-miraklu tas-sema kien hemm għagħa u għaġeb kbir f'dak ir-raħal kollu.

Wieħed ieħor kien Fra Pietru minn Monticello, li Fra Servodeo minn Urbino (li dik il-ħabta kien gwardjan tiegħu fil-post antik ta' Ancona) raħ jinqata' mill-art b'ġismu xi ħames jew sitt qamiet, sa riġlejn il-Kurċifiss tal-knisja, li quddiemu kien ikun jitlob. Dan Fra Pietru, meta darba waħda kien qiegħed isum ir-randan ta' San Mikiel Arkanġlu b'devozzjoni kbira, u billi fl-aħħar jum ta' dak ir-randan kien qiegħed il-knisja jitlob, wieħed patri żagħżugħ, li kien qiegħed hemm moħbi apposta taħt l-altar il-kbir biex jara xi ħaġa mill-qdusija tiegħu, semgħu jitkellem ma' San Mikiel Arkanġlu; u l-kliem li kienu jgħidu kienu dawn: San Mikiel kien igħid: "Fra Pietru, inti batejt ħafna għalija u għakkist lil ġismek b'ħafna xorti; issa jien ġejt biex inħennik u għalhekk inti tista' titlob kull grazzja li tixtieq u jiena naqlagħhielek mingħand Alla". Fra Pietru wieġbu: "Prinċep l-iktar qaddis ta' l-eżerċiti tas-sema u ħaddiem l-iktar fidil tal-ġieħ t'Alla u protettur ħanin ta' l-erwieħ, jiena nitolbok din il-grazzja li inti taqlagħli

mingħand Alla l-maħfra ta' dnubieti." San Mikiel wieġbu: "Itlob grazzja oħra għaliex din naqlagħha bla tfixkil ta' xejn". U billi Fra Pietru ma talbux ħaġ'oħra, l-Arkanġlu qallu: "Jiena, għat-twemmin u l-qima li inti għandek lejja, naqlagħlek din il-grazzja li qiegħed titlob u ħafna oħrajn". U meta spiċċaw jitkellmu, wara li damu ħafna, l-Arkanġlu San Mikiel telaq fil-waqt li ħallieh ħieni kemm jista' jkun.

Fi żmien dan Patri Pietru qaddis, kien hemm Fra Kurradu minn Offida. Dawn it-tnejn, ġaladarba kienu jgħixu flimkien fil-post ta' Forano tal-Kustodja ta' Ancona, Fra Kurradu msemmi jum wieħed mar fil-bosk biex jaħseb fuq Alla u Fra Pietru mar warajh bil-moħbi biex jitkixxef xi jkun jagħmel. U Fra Kurradu nxteħet jitlob u jitlob bil-qalb kollha, u bid-dmugħ f'għajnejh, lix-Xbejba Marija sabiex taqlagħlu l-grazzja mingħand Binha l-Imbierek li hu jġarrab xi ftit minn dik il-ħlewwa li kien ġarrab il-qaddis Xmuni f'jum il-Purifikazzjoni meta hu refa' fuq driegħu lil Ġesù Feddej Imbierek (67). U wara din it-talba il-Ħanina Xbejba Marija semgħetu: u arawha tidhirlu s-Sultana tas-Sema b'Binha l-Imbierek fuq driegħha, b'dija kbira ta' dawl, u fil-waqt li resqet lejn Fra Kurradu, qegħditlu fuq driegħu dak Binha Mbierek, u hu, fil-waqt li ħadu bl-ikbar qima u fil-waqt li beda jgħannqu u jbusu u jressqu ma' sidru, intilef kollu kemm hu fl-imħabba t'Alla u f'faraġ li ma jistax jitfisser. U Fra Pietru wkoll li, għalkemm moħbi, kien jara kollox, ġarrab fir-ruħ tiegħu ħlewwa u għaxqa l-iktar kbira.

U meta x-Xbejba Marija telqet mingħand Fra

---

(67) Aqra din il-ġrajja fl-*Luqa*, Kap. II, 25.

Kurradu, Fra Pietru telaq lura bil-għaġġla biex dak ma jarahx; iżda mbagħad, meta Fra Kurradu reġa' lura kollu ferħan u ħieni, Fra Pietru qallu: "Ja bniedem tas-sema, illum kellek faraġ kbir". U Fra Kurradu wieġbu: "X'inti tgħid, Fra Pietru, u fejn taf inti x'kelli jien?" "Naf, naf sewwa" qallu Fra Pietru, kif ix-Xbejba Marija b'Binha l-Imbierek ġiet iżżurek". Allura Fra Kurradu, li tabilħaqq kien jixtieq li kollox jibqa' moħbi f'Alla, talbu sabiex ma jgħid xejn lil ħadd. U minn dak in-nhar 'il quddiem kienu jinħabbu daqshekk bejniethom dawk it-tnejn, li kont tisthajjilhom ruħ u qalb waħda f'kollox.

Fra Kurradu msemmi darba waħda, ġewwa Sirolo, bit-talb tiegħu ħeles waħda mara mimlija biddemonju billi hu talab għaliha l-lejl kollu u f'ħin wieħed deher lil ommha; u filgħodu kmieni kellu jaħrab minn hemm biex in-nies ma jsibuhx u ma jagħtuhx qima.

Għall-ġieħ ta' Kristu. Hekk ikun.

## IT-TLIETA U ERBGĦIN KAPITLU

**Kif Fra Kurradu minn Offida ikkonverta patri żagħżugħ li kien beda jdejjaq il-patrijiet l-oħra. U kif il-patri żagħżugħ imsemmi, waqt li kien qiegħed imut, deher lil Fra Kurradu msemmi u beda jitolbu biex jitlob għalih. U kif, bit-talb tiegħu, ħelsu mill-pwieni kbar tal-Purgatorju.**

Fra Kurradu minn Offida msemmi, bniedem talgħaġeb għall-ħarsien tal-faqar evanġeliku u tar-regola ta' San Franġisk, kien ta' ħajja daqshekk tajba u ta' mertu hekk kbir quddiem Alla, li Kristu Mbierek,

sew fil-ħajja kemm ukoll fil-mewt, żejnu b'ħafna mirakli.

Fost dawn, darba waħda, billi hu kien ġie għal xi erbat ijiem fil-kunvent ta' Offida, il-patrijiet tal-buh, f'ġieh l-imħabba t'Alla u tal-ħniena, biex iwissi patri żagħżugħ li kien jinsab hemm talli kien iġib ruħu bħat-tfal, kif irid hu u kif jaqbillu, daqshekk li beda jdejjaq lix-xjuħ u liż-żgħażagħ ta' dak il-kunvent, u li ftit jew xejn kien jimpurtah mill-Uffiċċju Divin u mill-ħwejjeġ l-oħra tal-kunvent. Għalhekk Fra Kurradu, għall-ħniena ta' dak iż-żagħżugħ u għat-talb tal-patrijiet, sejjaħ fil-ġenb liż-żagħżugħ imsemmi u fil-ħeġġa ta' mħabba qallu kliem ta' tagħlim hekk qawwi u qaddis li, bil-għajnuna tal-grazzja tas-sema, dak minnufih minn tifel tbiddel f'raġel xiħ fid-drawwiet tiegħu u sar jisma' daqshekk u ħanin u twajjeb u bieżel, u mbagħad, daqshekk kwiet u jaqdi u li jfittex bir-reqqa kull ħaġa tajba li, bħalma qabel il-kunvent kollu kien imdejjaq minħabba fih, issa wkoll il-patrijiet kollha saru kuntenti u ħenjin bih u saru jħobbuh kemm felħu.

Iżda ġara, kif għoġob lil Alla, li, wara ftit ġranet tal-konverżjoni tiegħu, dak iż-żagħżugħ miet u l-patrijiet għalew ħafna għalih. Ftit ġranet wara l-mewt tiegħu, ruħu dehret lil Fra Kurradu fil-waqt li dan kien jitlob bil-qalb quddiem l-altar tal-kunvent, u sellimlu hekk bil-qima bħallikieku missieru; u Fra Kurradu staqsieh: "Min int, inti?", u dak wieġbu: "Jiena r-ruħ ta' dak il-patri żagħżugħ li miet dawn il-ġranet". U Fra Kurradu: "Ja ibni maħbub, x'sar minnek?" U l-ieħor wieġbu: "Missier għażiż, għall-grazzja t'Alla u għat-tagħlim li tajtni kollox mar tajjeb, għaliex jiena m'hinix mitluf, iżda, minħabba xi dnubiet li ma kellix żmien innaddafhom

biżżejjed, qiegħed inġarrab pwieni kbar fil-Purgatorju; għalhekk jien sejjer nitolbok, missier, biex bħalma inti għall-ħniena tiegħek għentni meta jiena kont ħaj, hekk ukoll issa jogħġbok tgħinni fil-pwieni tiegħi billi tgħid għalija xi 'pater-noster' ġaladarba t-talb tiegħek hu daqshekk magħġub quddiem Alla". Allura Fra Kurradu, fil-waqt li laqa' b'qalbu kollha t-talba tiegħu u beda jgħid l-ewwel 'pater-noster' bir-*requiem eternam* għalih, dik ir-ruħ qaltlu: "Missier għażiż, kemm qiegħed nitgħaxxaq u kemm inħossni aħjar. Issa nitolbok li terġa' tgħidu darb'oħra". U Fra Kurradu qalu, u wara li qalu, ir-ruħ tenniet: "Missier qaddis, meta inti titlob għalija, inħossni kollni kemm jien nistejqer; għalhekk nitolbok li ma taqtax titlob għalija".

Allura Fra Kurradu, billi ra li dik ir-ruħ kienet megħjuna daqshekk bit-talb tiegħu, qal mitt 'pater-noster' għaliha; u meta spiċċahom dik ir-ruħ qaltlu: "Jiena nižžik ħajr, missier għażiż, fl-isem t'Alla talħniena li kellek minni, għaliex bit-talb tiegħek jiena ġejt meħlusa mill-pwieni kollha u issa sejra fis-saltna tas-sema". U wara dan, dik ir-ruħ telqet. Allura Fra Kurradu, biex iferraħ u jfarraġ il-patrijiet, qagħad igħidilhom ħaġa b'ħaġa din il-viżjoni kollha.

Għall-ġieh ta' Kristu. Hekk ikun.

## L-ERBGĦA U ERBGĦIN KAPITLU

**Kif l-Omm ta' Kristu u San Ġwann l-Evanġelista u San Franġisk dehru lil Fra Piet minn Monticello, u dawn qalulu min minnhom ġarrab l-aqwa dulur tal-passjoni ta' Kristu.**

Fra Kurradu u Fra Pietru li semmejna, kienu

jgħixu flimkien fil-Kustodja ta' Ancona fil-kunvent ta' Forano. Dawn kienu żewġ kwiekeb ileqqu tabilħaqq fil-provinċja tal-Marki, u żewġ bnedmin tassema, għaliex kienu jinħabbu daqshekk bejniethom u kienu jgħinu wieħed lill-ieħor, li kienu donnhom saru qalb waħda u ruħ waħda, u kienu ntrabtu ma' xulxin li kull faraġ li kien ikollhom mill-ħniena t'Alla kellhom juruha bit-tieba kollha wieħed lill-ieħor.

Wara li għamlu dan il-patt ġara li, jum wieħed, fil-waqt li Fra Pietru kien jitlob u jaħseb bil-qima kollha fuq il-passjoni ta' Kristu, u kif l-Omm hienja ta' Kristu u Ġwanni d-dixxiplu għażiż u San Franġisk impinġijin f'qiegħ is-salib, li ssalbu ma' Kristu minħabba d-dulur tal-ħsieb, ġietu x-xewqa li jkun jaf min mit-tlieta ġarrab l-aqwa dulur tal-passjoni ta' Kristu, jekk hux l-Omm li ġibitu fid-dinja, jew iddixxiplu li kien raqad fuq sider Kristu, jew San Franġisk li ssallab ma' Kristu. U fil-waqt li kien qiegħed f'dan il-ħsieb hekk sabih, dehritlu x-Xbejba Marija ma' San Ġwann l-Evanġelista u ma' San Franġisk libsin l-ilbies l-iktar għoli tas-sema; iżda San Franġisk kien jidher li kellu libsa isbaħ minn dik ta' San Ġwann.

U fil-waqt li Fra Pietru kien kollu beżgħan dwar din il-viżjoni, San Ġwann beda jfarrġu u jitolbu u jgħidlu: "La tibżax, ħija għażiż, għaliex aħna ġejna biex infarrġuk u nneħħulek kull ħsieb. Kun af, mela, li l-Omm ta' Kristu u jien sogħob bina fuq kulħadd dwar il-passjoni ta' Kristu; iżda warajna San Franġisk kellu dulur hekk kbir li ħadd daqsu, u għalhekk qiegħed tarah b'dan is-sebħ kollu". U Fra Piet staqsieh: "Appostlu l-iktar qaddis ta' Kristu, għaliex il-libsa ta' San Franġisk tidher isbaħ minn tiegħek?" San Ġwann wieġeb: "Ir-raġuni hi din: għaliex meta hu

kien fid-dinja kien jilbes ilbies bil-wisq agħar minn tiegħi".

U meta qal dan, San Ġwann ta lil Fra Pietru libsa sabiħa li kellu f'idejh u qallu: "Aqbad din il-libsa li jiena ġibt biex nagħtiha lilek". U billi San Ġwann ried ilibbislu dik il-libsa, Fra Piet, mistagħġeb, waqa' fl-art u beda jgħajjat: "Fra Kurradu, Fra Kurradu għażiż, agħtini għajnuna malajr, ejja biex tara ħwejjeġ tal-għaġeb!" U ma' dawn il-kelmiet dik il-viżjoni qaddisa għabet. Wara mbagħad, meta wasal Fra Kurradu, qallu kollox ħaġa b'ħaġa u iżża ħajr 'l Alla. Hekk ikun.

## IL-ĦAMSA U ERBGĦIN KAPITLU

### Dwar il-konverżjoni u l-ħajja u l-mirakli u l-mewt tal-qaddis Fra Ġwann minn Penna.

Fra Ġwann minn Penna (68) meta kien għadu tfajjel fil-provinċja tal-Marki, lejl wieħed deherlu tfajjel sabiħ wisq u, fil-waqt li sejjaħlu, qallu: "O Ġwanni, mur Santu Stiefnu (69) fejn qiegħed jippriedka wieħed mill-patrijiet tiegħi u oqgħod attent għal dak li jkun igħid u emmen it-tagħlim tiegħu għaliex jiena bgħattulek dak; u, wara, inti trid tagħmel mix-ja twila u mbagħad tiġi għandi". Għaldaqshekk dak qam minnufih u ħass bidla kbira fir-ruħ tiegħu. U mar Santu Stiefnu u sab qatgħa kbira ta' rġiel u nisa li kienu hemm biex jisimgħu l-priedka. U dak li kellu jippriedka kien patri li kien jismu Fra Flipp li kien

(68) Dan il-patri miet fl-1274.
(69) *Santu Stiefnu* hu raħal ċkejken ftit bogħod mir-raħal ta' *Penna*.

wieħed mill-patrijiet ewlenin li kienu marru fil-Marki ta' Ancona; u s'issa ftit kienu l-postijiet meħudin mill-patrijiet ġewwa Ancona.

Fra Flipp tela' jippriedka u ippriedka b'ħeġġa l-iktar kbira, iżda mhux bil-kliem tal-għerf tad-dinja, imma bil-qawwa ta' l-ispirtu ta' Kristu, dwar is-saltna tal-ħajja ta' dejjem. U wara l-priedka, it-tfajjel imsemmi (70), mar għand Fra Flipp li semmejna u qallu: "Patri, jekk jogħġbok tilqagħni fl-Ordni, jiena bil-qalb kollha nagħmel penitenza u naqdi lis-Sinjur tagħna Ġesù Kristu". Fra Flipp, meta ra u għaraf sewwa l-innoċenza tal-għaġeb u r-rieda qawwija ta' dak it-tifel li jaqdi 'l Alla, qallu hekk: "Inti, fit-tali jum, ejja għandi f'Racanati (71) u jien ngħidilhom iżommuk". Dik il-ħabta, f'dak il-post, kellu jsir il-Kapitlu tal-provinċja. Għalhekk, dak it-tifel, li tassew kien għadu ma jaf xejn, ħaseb li dik kienet il-mixja twila li kellu jagħmel skond il-ħolma li kellu qabel, u, mbagħad, imur il-Ġenna; u hekk kellu f'moħħu li jagħmel malli jiġi milqugħ fl-Ordni. Għalhekk hu mar u żammewh.

Iżda billi ra li l-ħsieb tiegħu ma seta' jiġi mwettaq qatt u billi sama' lill-Ministru jgħid fil-Kapitlu (72) li kull min kien jixtieq imur fil-provinċja ta' Provenza, hu, f'ġieh l-ubbidjenza mqaddsa, kien jagħtih il-permess, ġietu xewqa kbira li jmur hemm, fil-waqt li beda jaħseb f'qalbu li dik kellha tkun il-mixja twila li kellu jagħmel qabel ma jmur il-Ġenna; iżda staħa jgħidlu. Fl-aħħar, billi hu kellu tama kbi-

---

(70) Jiġifieri Fra Ġwann.
(71) Raħal ieħor fejn kien joqgħod Fra Flipp.
(72) Il-*Kapitlu* hu l-miġemgħa li jagħmlu l-patrijiet flimkien, u dan aktarx li kien il-Kapitlu tal-*Porzjunkula* li sar fl-1219.

ra fi Fra Flipp li semmejna li kien ġagħalhom iżommuh fl-Ordni, talbu bil-ħniena biex jaqlagħlu dik il-grazzja li jmur fil-provinċja ta' Provenza. Allura Fra Flipp, meta ra s-safa tiegħu u l-ħsieb qaddis tiegħu, qalagħlu dak il-permess; għalhekk Fra Ġwann b'ferħ kbir ħejja ruħu biex jitlaq bil-fehma li, malli jagħmel dik il-mixja, imur il-Ġenna.

Imma, kif għoġob 'l Alla, hu baqa' f'dik il-provinċja ħamsa u għoxrin sena sħaħ jistenna u jixtieq dejjem, fil-waqt li kien igħix ħajja l-iktar xierqa, qaddisa u ta' eżempju tajjeb u dejjem jikber minn virtù għall-oħra u fil-ħbiberija ma' Alla u mal-bnedmin; u kien maħbub ħafna mill-patrijiet u min-nies.

Fil-waqt li, darba waħda, Fra Ġwann kien qiegħed jitlob bil-qalb u jolfoq u jgemgem għaliex ix-xewqa tiegħu qatt ma setgħet isseħħ u li l-mixja fuq din l-art kienet qiegħda titwal bil-bosta, deherlu Kristu l-Imbierek u quddiemu ruħu nħallet, u mbagħad Kristu qallu : "Ibni, Fra Ġwann, itlobni kull ma tixtieq". U hu wieġbu : "Sinjur tiegħi, jiena ma nafx nitlob ħaġ'oħra ħlief lilek, għax jien ma nixtieq xejn iżjed; iżda rrid nitolbok dan biss li inti taħfirli dnubieti kollha u tagħtini l-grazzja li jiena narak darba oħra meta jkolli bżonn akbar". U Kristu qallu : "It-talba tiegħek ġiet mismugħa". U kif qal hekk, telaq u Fra Ġwann baqa' kollu mfarraġ u msaħħaħ.

Fl-aħħarnett, meta l-patrijiet tal-Marki kienu semgħu bil-fama tal-qdusija tiegħu, ħadmu ħafna mal-Ġeneral sabiex jibgħatlu l-*ubbidjenza* (73) li jerġa' lura fil-Marki; u meta hu rċieva din l-*ubbidjenza* telaq ferħan bil-ħsieb li, meta jagħmel din it-triq,

(73) L-*ubbidjenza* hi l-permess bil-miktub tal-Patri General. Din il-kelma għadha tintuża sal-lum.

imissu jmur il-Ġenna, skond il-wiegħda ta' Kristu. Iżda, meta hu reġa' lura fil-provinċja tal-Marki, għex hemm tletin sena u ħadd minn niesu ma kien jaf; u kull jum kien jistenna l-ħniena ta' Alla, li tittwettaqlu l-wiegħda. U matul dan iż-żmien, kemm-il darba għamel l-uffiċċju ta' gwardjan b'għaqal kbir u bih Alla għamel ħafna mirakli.

U fost ir-rigali l-oħra li tah Alla, kellu l-ispirtu tal-profezija; għalhekk, darba waħda, fil-waqt li kien barra mill-post, wieħed min-novizzi tiegħu għamel għalih id-demonju u ttentah daqshekk li hu, wara li waqa' fit-tentazzjoni, bejnu u ruħu, qatagħha li joħroġ mill-Ordni malli Fra Ġwann jidħol minn barra: iżda billi Fra Ġwann sar jaf, bl-ispirtu tal-profezija, dik it-tentazzjoni u dik il-fehma, minnufih hu reġa' lura lejn il-kunvent u sejjaħ ħdejh lin-novizz li semmejna li talbu biex iqerr. Imma qabel ma qarru, hu (74) qallu ħaġa b'ħaġa dwar it-tentazzjoni tiegħu bħalma Alla kien nebbħu qabel, u fl-aħħar qallu: "Ibni, ġaladarba inti ridt tistennieni u ma titlaqx mingħajr il-barka tiegħi, Alla għamel miegħek din il-grazzja li ma toħroġ qatt minn dan l-Ordni, iżda tmut fl-Ordni, bil-għajnuna tas-sema". Allura n-novizz imsemmi ġie msaħħaħ fir-rieda tajba tiegħu u, fil-waqt li baqa' fl-Ordni, sar patri qaddis.

U dawn il-ħwejjeġ kollha qalhom Fra Ġwann lil Fra Ugolin (75), li kien bniedem dejjem ferħan u kwiet u li ftit drabi kien jitkellem, u kien bniedem ta' talb u devozzjoni kbira, u l-iktar wara l-Mattutin qatt ma kien jerġa' lura fiċ-ċella, iżda jibqa' jit-

(74) Jiġifieri Fra Ġwann.
(75) Mela min kiteb dawn l-artikoli kien Patri minn Monte S. Maria li miet dwar is-sena 1300.

lob fil-knisja sa ma jisbaħ. U lejl wieħed, fil-waqt li kien jitlob wara l-Mattutin, deherlu l-Anġlu ta' Alla u qallu: "Fra Ġwann, spiċċat it-triq tiegħek li ilek tistenna daqshekk; u jien sa nħabbarlek fl-isem ta' Alla li titlob kull grazzja li trid. U nħabbarlek li inti tista' tagħżel ukoll, jew ġurnata fil-purgatorju jew sebat ijiem ta' pwieni f'din id-dinja". U billi Fra Ġwann għażel is-sebat ijiem ta' pwieni f'din id-dinja, f'daqqa waħda qabdu ħafna mard, għax qabdu deni kbir, uġigħ f'idejh u f'riġlejh u f'ġembejh u ħafna mard ieħor; iżda l-agħar li kellu kien li demonju kien dejjem joqgħod quddiemu jżomm f'idejh karta kbira miktuba bid-dnubiet kollha li hu kien għamel jew ħaseb u kien igħidlu: "Minħabba dawn id-dnubiet li inti għamilt bil-ħsieb u bl-ilsien u bl-egħmil, inti sejjer tindanna fil-qiegħ nett ta' l-infern". U hu ma kien jiftakar qatt sewwa li kien għamel xi wieħed minnhom, lanqas biss ma kien jiftakar li kien għadu fl-Ordni jew li xi darba kien fih; madankollu hu kien jaħseb li sa jindanna bħalma kien igħidlu d-demonju. Għalhekk, meta kienu jistaqsuh kif inhu, hu kien iwieġeb: "Ħażin għax jien indannat".

Meta l-patrijiet kienu jaraw dan, bagħtu għal wieħed patri xiħ li kien jismu Fra Mattew minn Monte Rubbiano li kien bniedem qaddis u ħabib kbir ta' dan Fra Ġwann. U Fra Mattew li semmejna wasal għandu fis-seba' jum tad-dwejjaq tiegħu u sellimlu u staqsieh kif kien. Wieġbu li kien jinsab ħażin għax kien sejjer jindanna. Allura Fra Mattew qallu: "Ma tiftakarx int li inti qerrejt ħafna drabi għandi u jiena ħfirtlek għal kollox id-dnubiet tiegħek kollha? Ma tiftakarx ukoll li inti qdejt lil Alla f'dan l-Ordni mqaddes għal ħafna snin? U ukoll,

ma tiftakarx li l-ħniena t'Alla hi akbar mid-dnubiet kollha tad-dinja u li Kristu Mbierek il-Feddej tagħna ħallas, biex jifdina, prezz bla qies? U għalhekk daħħalha f'rasek li int żgur issalva". U f'din it-taħdita, ġaladarba kien spiċċa ż-żmien tat-tiġrib tiegħu, it-tentazzjoni telqitu u ġieh il-faraġ.

U b'ferħ kbir Fra Ġwann qal lil Fra Mattew. "Ġaladarba inti għajjien u sar il-ħin, jien nitolbok li tmur tistrieħ". U Fra Matew ma riedx iħallih; iżda fl-aħħarnett, wara li reġa' talbu, telaq minn ħdejh u mar jistrieħ. U Fra Ġwann baqa' waħdu mal-fra li kien jaqdih. U f'daqqa Kristu Mbierek jiġi b'dawl qawwi u b'rieħa li tgħaxxaq, skond ma kien wiegħdu li jidhirlu darba oħra meta jkollu bżonn akbar, u fejqu għal kollox minn kull mard li kellu. Allura Fra Ġwann, b'idejh marbuta, fil-waqt li iżżaħajr li kien spiċċa tajjeb il-mixja tiegħu twila ta' din il-ħajja msejkna, irrikkmanda u ta ruħu f'idejn Kristu li ħadu miegħu minn din il-ħajja għall-ħajja ta' dejjem, li sa minn ħafna żmien qabel hu kien jixtieq u jistenna. U Fra Ġwann li semmejna ġie midfun fil-kunvent ta' Penna di Santo Giovanni.

Għall-ġieh ta' Kristu. Hekk ikun.

## IS-SITTA U ERBGĦIN KAPITLU

**Kif Fra Paċifku, fil-waqt li kien jitlob, ra r-ruħ ta' Fra Umli ħuh sejra s-sema.**

Fil-provinċja li semmejna qabel tal-Marki, wara l-mewt ta' San Franġisk, kien hemm żewġt aħwa fl-Ordni: il-wieħed kien jismu Fra Umli u l-ieħor Fra Paċifku; it-tnejn kienu bnedmin ta' qdusija kbira u perfezzjoni. U l-wieħed, jiġifieri Fra Umli, kien

fil-post ta' Soffiano u miet hemm (76); l-ieħor kien fil-kunvent ta' post ieħor 'il bogħod ħafna minnu (77). Bħalma għoġob lil Alla, Fra Paċifku fil-waqt li jum wieħed kien jitlob f'post imwarrab, intilef minn sessih u ra r-ruħ ta' ħuh Fra Umli sejra dritt lejn is-sema bla ebda dewmien jew tfixkil; din kienet għadha kif ħarġet mill-ġisem.

Wara ħafna snin, imbagħad, ġara li dan Fra Paċifku, li kien għadu ħaj, ġie mqiegħed fil-kunvent fil-post imsemmi ta' Soffiano, fejn kien miet ħuh. F'dak iż-żmien il-patrijiet, wara t-talba li għamlulhom in-nies il-kbar ta' Brunforte, bidlu l-post li semmejna f'ieħor; għalhekk, fost il-ħwejjeġ l-oħra, huma ġarrew il-fdalijiet tal-patrijiet qaddisin li kienu mietu hemm. U meta kienu sa jidfnu 'l Fra Umli, ħuh, Fra Paċifku, qabad il-għadam tiegħu, ħaslu bl-inbid tajjeb u mbagħad kebbu f'biċċa xoqqa bajda u, b'qima u tieba kbira, beda jbusu u jibki. Għal din il-ħaġa l-patrijiet l-oħra stagħġbu ħafna u ma ħadux pjaċir bih, għaliex, la darba hu kien bniedem ta' qdusija kbira, kien donnu jibki 'l ħuh b'imħabba tas-sensi u tad-dinja u għaliex kien juri qima akbar lejn il-fdalijiet tiegħu milli kien juri lejn il-fdalijiet tal-patrijiet l-oħra li kienu ta' qdusija mhux inqas minn dik ta' Fra Umli u li kien jistħoqqilhom qima daqs tiegħu.

Meta Fra Paċifku sar jaf bil-ħsieb ħażin tal-patrijiet għarrafhom bl-egħmil tiegħu bl-umiltà kollha u qallhom : "Ħuti l-iktar għeżież, la tistagħġbux għax dak li għamilt mal-għadam ta' ħija ma għamiltux mal-għadam ta' l-oħrajn, għaliex, imbierek

(76) Dan il-patri miet fis-sena 1234.
(77) Jiġifieri minn ħuh.

Alla, dan m'għamiltux, bħalma ħsibtu intom, b'imħabba tal-ġisem; iżda dan għamiltu għax meta ħija telaq minn din id-dinja, fil-waqt li kont nitlob f'post imwarrab u bogħod minnu, rajt lir-ruħu sejra s-sema mill-eqreb triq, u għalhekk jiena żgur li għadmu hu qaddis u li għad ikun fil-Ġenna. U li kieku Alla żgurani daqshekk dwar il-patrijiet l-oħra, kont nagħti l-istess qima lill-għadam tagħhom". Għalhekk, il-patrijiet meta raw il-ħsieb tiegħu tajjeb u qaddis, baqgħu mimlijin bit-tagħlim tajjeb tiegħu u faħħru 'l Alla li kien jagħmel ħwejjeġ hekk taligħaġeb mal-patrijiet qaddisin tiegħu.

Għall-ġieh ta' Kristu. Hekk ikun.

## IS-SEBGĦA U ERBGĦIN KAPITLU

**Fuq dak il-patri qaddis li dehritlu Omm Kristu meta hu kien marid u ħaditlu tliet fliexken duwa bnina.**

Fil-post li semmejna qabel ta' Soffiano, żmien ilu, kien hemm patri tal-Minuri (78) ta' grazzja u qdusija hekk kbira li kien donnu kollu kemm hu tas-sema u ta' sikwit kien jiġi meħud f'Alla. Meta dan il-patri kien ikun xi darba mgħolli u mitluf f'Alla, għaliex hu kellu fuq kollox il-grazzja li jaħseb qatigħ fuq il-ħwejjeġ tas-sema, kienu jmorru ħdejh l-agħsafar ta' kull ġens u, bla ebda biża', kienu joqogħdu fuq spallejh, fuq rasu, fuq dirgħajh u fuq idejh u kienu jgħannu għana li jsaħħar. Dan kien bniedem ta' waħdu u xi darba fil-bogħod kien jitkellem; iżda,

(78) Dan il-patri li ma jidhirx ismu aktarx li kien il-Beatu Liberat minn Loro li miet fl-1260.

meta kien jiġi mistoqsi fuq xi ħaġa, kien iwieġeb hekk bil-ħlewwa u hekk tajjeb li kien donnu aktarx anġlu milli bniedem, u kien ta' talb kbir u ta' ħsieb dwar il-ħwejjeġ tas-sema; u l-patrijiet kienu jġibuh wisq.

Meta dan il-patri kien għoddu spiċċa l-mixja ta' ħajtu qaddisa, skond ir-rieda tas-sema, marad għall-mewt u ebda ħaġa ma seta' jieħu u b'dan kollu, ma ried jieħu ebda duwa tal-ġisem; iżda hu kien qiegħed it-tama tiegħu kollha fit-tabib tas-sema Ġesù Kristu l-Imbierek u fl-Imbierka Omm tiegħu li, għall-ħniena t'Alla, hu qala' mingħandha li tmur iżżuru bil-ħlewwa u tfarrġu. Għalhekk fil-waqt li, darba waħda, hu kien fis-sodda iħejji ruħu għall-mewt, b'qalbu kollha u bil-qima kollha, dehritlu l-glorjuża u l-ħienja Omm Kristu x-Xbejba Marija, b'qatgħa kbira ta' Anġli u ta' xbejbiet qaddisin u b'dija tal-għaġeb u resqet ħdejn is-sodda tiegħu. Għalhekk hu, fil-waqt li beda jħares lejha, ħass faraġ l-iktar kbir u ferħ liema bħalu sewwa fir-ruħ kemm fil-ġisem, u beda jitlobha bil-qalb biex titlob lil Binha l-għażiż, sabiex, għall-imħabba tagħha, jeħilsu mill-ħabs ta' dan il-ġisem imsejken. U billi hu baqa' jitlobha bid-dmugħ f'għajnejh, ix-Xbejba Marija weġbitu fil-waqt li sejħitlu b'ismu: "La taħseb xejn, ibni, għaliex it-talba tiegħek ġiet mismugħa, u jien ġejt biex infarrġek xi ftit qabel ma inti titlaq minn din il-ħajja."

Kien hemm qrib ix-Xebba Marija tliet xebbiet oħra qaddisin, li kienu jżommu f'idhom tliet fliexken duwa bnina ta' fwieħa bla tarf. Allura x-Xebba glorjuża qabdet u fetħet wieħed minn dawk il-fliexken u d-dar kollha mtliet b'riħa li tfuħ; u fil waqt li bdiet tieħu bl-imgħarfa minn dik id-duwa,

newlitu lill-marid li, malli daqu, ġarrab faraġ u ħlewwa hekk kbira li ruħu kienet donnha ma tistax toqgħod iktar f'ġismu; għalhekk hu beda jgħid: "La tagħtinix iżjed, ja Omm l-iktar ħelwa u Xebba Mbierka u feddejja tal-bnedmin kollha; la tagħtinix iktar, ja tabiba mbierka; biżżejjed, għax ma nistax inġarrab iktar ħlewwa". Iżda l-Omm ħanina u twajba, billi baqgħet tnewwel ta' sikwit minn dik id-duwa lill-marid, battlet il-flixkun kollu. Imbagħad, wara li battlet l-ewwel flixkun, ix-Xebba Qaddisa qabdet it-tieni flixkun u ressqet l-imgħarfa biex tagħtih minnu; għalhekk dak bil-ħlewwa kollha beda jgħid: "Ja Omm ta' Alla, l-iktar qaddisa, jekk ruħi hi, tista' tgħid, maħlula kollha kemm hi bil-fwieħa u l-għaxqa ta' l-ewwel duwa, kif nista' inżomm bit-tieni? Jiena nitolbok, ja mbierka fuq kollha kemm huma l-Qaddisin u fuq l-Anġli kollha, sabiex ma tagħtinix iktar minnu". U s-Sinjura tagħna wieġbet: "Duq, ibni, ftit ieħor minn dan il-flixkun". U fil-waqt li tagħtu ftit minnu ,qalet: "Illum, ibni, ħadt biżżejjed. Qawwi qalbek, ibni, għaliex ma ndumx ma niġi għalik u nieħdok fis-saltna ta' Ibni li inti dejjem fittixt u xtaqt".

U meta qalet dan, fil-waqt li bdiet titbiegħed minnu, telqet u hu baqa' mfarraġ u msaħħaħ bil-ħlewwa ta' dak il-ħelu, u baqa' ħaj għal ħafna ġranet xebgħan u qawwi mingħajr ebda ikel tal-ġisem. U wara xi ġranet, fil-waqt li kien jitkellem ferħan mal-patrijiet, b'ferħ kbir u għaxqa għadda minn din id-dinja msejkna għall-ħajja ħienja. Hekk ikun.

## IT-TMIENJA U ERBGĦIN KAPITLU

**Kif Fra Jacopo minn Massa ra l-patrijiet Minuri kollha kemm huma tad-dinja f'viżjoni ta' siġra u għaraf il-virtujiet u l-merti u l-vizzijiet ta' kull wieħed (79).**

Fra Jacopo minn Massa, li lilu Alla-kien fetaħlu l-bieb ta' l-aqwa ħwejjeġ moħbija u li kien taħ għerf perfett u fehma tal-kotba mqaddsa u tal-ħwejjeġ li għad iridu jsiru, kien mimli bi qdusija hekk kbira li Fra Eġidju minn Ascesi u Fra Marku minn Montino u Fra Ġinepru u Fra Luċidu kienu jgħidu fuqu li ma kienu jafu 'l ħadd fid-dinja aqwa minnu quddiem Alla.

Jiena kelli xewqa kbira li nara lil dan Fra Jacopo; għalhekk meta tlabt lil Fra Ġwann, sieħeb ta' Fra Eġidju msemmi, sabiex ifissirli xi ħwejjeġ tar-ruħ, hu qalli: "Jekk inti trid ikollok xi tagħrif dwar il-ħajja tar-ruħ, ara titkellimx ma' Fra Jacopo minn Massa, għaliex Fra Eġidju wkoll kien jixtieq li jkun imnebbaħ minnu, u minn kliemu ma' tista' tnaqqas jew iżżid xejn, għax moħħu għadda għall-ħwejjeġ moħbija tas-sema u kliemu hu kliem ta' l-Ispirtu s-Santu u m'hemmx bniedem ieħor fuq l-art li nixtieq daqshekk li nara."

Dan Fra Jacopo, meta Fra Ġwann minn Parma kien għadu kif sar Ġeneral ta' l-Ordni, fil-waqt li darba waħda kien jitlob ġie meħud minn Alla u dam tliet ijiem hekk f'estasi bla ma jħoss xejn fil-ġisem

---

(79) Dan il-Kapitlu hu meħud mill-*Historia septem tribulationum (Trib. IV)* ta' Anġlu Clareno tal-Minuri li miet fl-1337. Għalhekk min qiegħed jitkellem hawn, aktarx li hu l-istess patri.

tiegħu, u baqa' hekk bla ma jħoss xejn li l-patrijiet ħasbuh mejjet. U f'dik il-ħatfa tar-ruħ, Alla nebbħu b'dak kollu li kellu jiġri dwar ir-reliġjon tagħna (80); għalhekk, meta smajt, kibritli x-xewqa li narah u nitkellem miegħu.

U meta għoġob 'l Alla li jiena stajt inkellmu, jiena tlabtu hekk: "Jekk hu minnu dak li jiena smajt fuqek, jiena nitolbok li ma tħallihulix moħbi. Jiena smajt illi, meta inti domt tliet ijiem donnok mejjet, fost il-ħwejjeġ l-oħra, Alla nebbħek b'dak li kellu jiġri f'din ir-Reliġjon tagħna; u dan qalu Fra Mattew il-ministru tal-Marki, li lilu dan inti għidthulu f'għieh l-ubbidjenza." Allura Fra Jacopo, b'umiltà kbira, stqarr li dak li qal Fra Mattew kien minnu.

U kliemu, jiġifieri ta' Fra Mattew il-ministru tal-Marki, kien dan: "Jiena naf patri, li lilu Alla nebbħu b'dak kollu li għad irid isir fir-Reliġjon tagħna, għaliex Fra Jacopo minn Massa wrieni u qalli li, wara ħafna ħwejjeġ li wrieħ Alla dwar il-qagħda tal-Knisja, hu ra f'viżjoni siġra sabiħa u kbira ħafna li z-zokk tagħha kien tad-deheb, il-frott tagħha kienu bnedmin u kollha kienu patrijiet Minuri. Il-friegħi tagħha l-kbar kienu mifrudin minn xulxin daqs kemm kienu l-Provinċji ta' l-Ordni, u kull fergħa kellha daqshekk patrijiet daqs kemm kien hemm fil-Provinċja miġjuba fil-fergħa; u għalhekk hu sar jaf il-għadd tal-patrijiet kollha ta' l-Ordni u ta' kull Provinċja, u isimhom ukoll u kemm-il sena kellhom u l-qagħdiet tagħhom u x-xogħol u l-kobor u l-għoli u t-tajjeb u l-ħażin ta' kulħadd.

U ra lil Fra Ġwann minn Parma fl-ogħla post

---

(80) Bil-kelma *reliġjon* hawn għandna nifhmu l-Ordni ta' San **Franġisk**.

tal-fergħa tan-nofs ta' din is-siġra; u fil-quċċati tal-friegħi li kienu madwar din il-fergħa tan-nofs, kien hemm il-Ministri tal-Provinċji kollha. U wara dan, ra lil Kristu qiegħed bil-qiegħda fuq tron kbir u safi; u dan Kristu beda jsejjaħ lil San Franġisk u beda jnewwillu kalċi mimli bl-ispirtu tal-ħajja u beda jgħidlu: "Mur u ara l-patrijiet tiegħek u agħtihom jixorbu minn dan il-kalċi ta' l-ispirtu tal-ħajja, għaliex l-ispirtu ta' satana jqum għalihom u jegħlibhom, u ħafna minnhom jaqgħu u ma jqumux." U Kristu ta lil San Franġisk żewġ Anġli biex imorru miegħu.

U allura San Franġisk mar inewwel il-kalċi tal-ħajja lill-patrijiet tiegħu, u beda jnewlu l-ewwel lill-Fra Ġwann li, fil-waqt li qabdu, xorbu kollu kemm hu minnufih u bil-qima, u f'daqqa waħda sar kollu kemm hu jiddi bħax-xemx. U wrajh San Franġisk newlu lill-oħrajn kollha, u ftit kien hemm minn dawk li ħaduh u xorbuh kollu bil-qima li kienet tistħoqq. Dawk li kienu jiħduh bil-qima u jixorbuh kollu, kienu jsiru minnufih ileqqu bħax-xemx; dawk li kienu jxerrduh u ma kinux jiħduh bil-qima, kienu jsiru suwed u mċajprin u mibdulin li jbeżżgħuk tarahom; dawk li kienu jixorbu biċċa u l-biċċa l-oħra jxerrduha, biċċa minnhom kienet issir tiddi u biċċa oħra kienet issir sewda, wisq jew inqas skond il-qies li kienu jixorbu jew ixerrdu. Iżda fuq l-oħrajn kollha, Fra Ġwann li semmejna fuq, kien l-iktar jiddi, l-iktar wieħed li kien xorob sal-qiegħ il-kalċi tal-ħajja, u għalhekk hu kien l-iktar wieħed li niżel bil-ħsieb fil-qiegħ nett tad-dawl tas-sema dejjiemi u li fih hu għaraf it-tempesta li kellha tqum kontra s-siġra li semmejna u taqa' u tfarfar il-frieghi tagħha.

Għalhekk Fra Ġwann ħmsemmi telaq mill-quċċa-

ta tal-fergħa li kien fiha u, fil-waqt li niżel taħt il-frieġħi kollha, inħeba fit-tarf oħxon taz-zokk tas-siġra u qagħad hemm kollu ħosbien. U Fra Bonaventura, li kien ħa biċċa minn dak il-kalċi u l-biċċa l-oħra xerridha barra, tela' f'dik il-fergħa u f'dak il-post mnejn niżel Fra Ġwann. U fil-waqt li kien qiegħed fil-post li semmejna, difrejh ta' idejh sarulu difrejn tal-ħadid bil-ponta u jaqtgħu bħal imwies tal-leħja; minħabba f'hekk hu telaq minn dak il-post fejn kien tala' u, bis-saħħa u bir-rabja, ried imur għall-Fra Ġwann biex jagħmillu ħsara. Iżda Fra Ġwann, meta ra dan, għajjat bil-qawwi u reħa ruħu f'idejn Kristu, li kien qiegħed fuq it-tron: u Kristu, għal dik il-għajta, sejjaħ lil San Franġisk u tah ġebla taż-żnied taqta' u qallu: "Mur, u b'din il-ġebla aqta' difrejn Fra Bonaventura li bihom hu jrid jigref lil Fra Ġwann, biex ma jkunx jista' jagħmillu ħsara." Allura San Franġisk mar u għamel kif kien qallu Kristu.

Wara dan, qamet tempesta tar-riħ u bdiet iċċaq-laq hekk qawwi s-siġra, li l-patrijiet bdew jaqgħu fl-art, u l-ewwel li bdew jaqgħu kienu dawk li kienu xerrdu kollu kemm hu l-kalċi ta' l-ispirtu tal-ħajja u ġew meħudin mix-xjaten f'postijiet mudlamin u tat-tbatija. Iżda Fra Ġwann flimkien ma' l-oħrajn li kienu xorbu l-kalċi kollu, ġew meħudin mill-Anġli f'post tal-ħajja u ta' dawl ta' dejjem u ta' dija ħienja. U Fra Jacopo, li kien jara l-viżjoni, kien qiegħed jara u jifli ħaġa b'ħaġa u bir-reqqa dak li kien jara dwar dak li jmiss l-ismijiet u l-qagħda u l-istat ta' kull wieħed. U t-tempesta damet sejra daqshekk kontra s-siġra li fl-aħħar waqgħet u r-riħ ġarrha miegħu.

U mbagħad, sewwa sew kif waqfet it-tempesta, minn qiegħ iz-zokk ta' dik is-siġra li kien tad-deheb,

ħarġet siġra oħra kollha deheb li bdiet tarmi weraq u ward u frott imdieheb. Fuq din is-siġra u fuq il-medda tagħha, fuq il-qiegħ, is-sbuħija, il-fwieħa u l-virtù, hu aħjar li nisktu milli nitkellmu għalissa. (81).

## ID-DISGĦA U ERBGĦIN KAPITLU

### Kif Kristu deher lil Fra Ġwann mill-Verna (82).

Fost l-ulied l-oħra għorrief u qaddisin ta' San Franġisk li, skond ma jgħid Salamun, huma l-glorja tal-missier (83), kien hemm fiż-żmenijiet tagħna fil-provinċja tal-Marki li semmejna l-meqjum u qaddis Fra Ġwann minn Fermo li, minħabba ż-żmien twil li għadda fil-post qaddis tal-Verna u miet hemm, kien jissejjaħ ukoll Fra Ġwann mill-Verna; dan kien bniedem ta' ħajja waħdenija u ta' qdusija kbira.

Dan Fra Ġwann, meta kien għadu tfajjel, kien

(81) Jidher ċar li l-kittieb ta' dan l-artiklu kien iżomm iktar mal-P. Ġeneral Fra Ġwann minn Parma milli mal-P. Ġeneral ta' warajh Fra Bonaventura minn Bagnoregio. L-ewwel wieħed kien mill-ebsin jew spiritwali, fil-waqt li tat-tieni kien minn tan-nofs jew moderati.

B'dawn l-aħħar kelmiet il-kittieb donnu ried jiddieħaq xi ftit bil-P. Ġeneral il-ġdid; iżda l-ġid li hu għamel fl-Ordni Franġiskan, wara ftit taż-żmien, ġie magħruf minn kulħadd. Biżżejjed ngħidu li dam 18-il sena Ġeneral ta' l-Ordni u mbagħad sar Kardinal tal-Knisja. Wara mewtu, minħabba l-qdusija tiegħu, ġie ddikjarat qaddis u, minħabba għerfu, Duttur tal-Knisja bit-titlu ta' Duttur Serafiku.

(82) Il-Verna hi dik il-muntanja li fuqha San Franġisk irċieva l-pjagi ta' Kristu. Fra Ġwann għex u miet hemm ukoll fl-1322; iżda hu twieled ġewwa Fermo fl-1259.

(83) Ara l-"*Proverbji*", Kap X, 1.

jixtieq b'qalbu kollha li jaqbad it-triq tal-penitenza li hi żżomm is-safa tal-ġisem u tar-ruħ; għalhekk, minn mindu kien għadu tifel ċkejken, kien iġib fuqu l-flokk u ċ-ċinturin tal-ħadid fuq il-laħam u kien isum kemm jiflaħ; u l-iktar meta kien joqgħod mal-kanonki ta' San Pietru ta' Fermo, li kienu jgħaddu ħajja mill-aħjar, hu kien jaħrab kull tpaxxija tal-ġisem u jgħakkes 'il-ġismu b'sawm mill-aħrax. Iżda, billi hu dwar din il-ħaġa kellu sħabu kontra tiegħu, li ħafna drabi kienu jneżżgħulu l-flokk u ma jħalluhx isum, imnebbaħ minn Alla, webbilha f'rasu li jħalli d-dinja b'dawk kollha li jħobbuha u li jintelaq kollu kemm hu f'dirgħajn l-Imsallab billi jilbes il-libsa ta' l-imsallab l-ieħor San Franġisk. U hekk għamel.

Meta, imbagħad, hu ġie milqugħ fl-Ordni hekk żgħir u mogħti f'idejn is-surmast tan-novizzi, hu sar daqshekk tar-ruħ u devot li, xi drabi, fil-waqt li kien jisma' lis-surmast imsemmi jitkellem fuq Alla, qalbu kienet tinħall bħalma x-xama jinħall qrib in-nar; u b'din il-ħlewwa hekk kbira tal-grazzja, hu kien jaqbad bin-nar tas-sema li, billi ma kienx iħallih kwiet u jġarrab dik il-ħlewwa kollha, kien iqum u, donnu fis-sakra bl-ispirtu tas-sema, kien jitlaq issa għal ġewwa l-ġnien, issa għal ġewwa l-bosk, issa għal ġewwa l-knisja skond ma d-dawl u l-qawwa ta' l-ispirtu kienet tieħdu.

Imbagħad, maż-żmien, il-grazzja tas-sema kienet ta' kuljum tkabbar lil dan il-bniedem, li kellu mill-anġli, minn virtù għall-oħra u b'ħafna rigali tas-sema u bi ħruġ barra minnu nnifsu u bil-ħatfa tar-ruħ li, xi drabi, il-moħħ tiegħu kien jintrefa' għad-dawl tal-Kerubini, xi drabi għall-imħabba tas-Serafini, xi drabi għall-ferħ tal-Beati, xi drabi għat-tgħannieq ta' mħabba u ta' bla qies ta' Kristu, mhux

biss bit-tiġrib tar-ruħ minn ġewwa, imma wkoll b'wiri fid-dieher minn barra u tiġrib tal-ġisem. U darba waħda, il-ħuġġieġa ta' l-imħabba tas-sema kebbset daqshekk lill-qalbu li damet tixgħel fih għal tliet snin sħaħ; u tul dan iż-żmien hu kien jaqla' faraġ tal-għaġeb u żjajjar tas-sema u ħafna drabi kien jiġi meħud f'Alla u għal xi ftit, matul dan iż-żmien, hu kien jidher donnu mqabbad kollu kemm hu bl-imħabba ta' Kristu. U dan kien isir fuq il-muntanja mqaddsa tal-Verna.

Iżda, ladarba Alla jieħu ħsieb sewwa ta' uliedu, billi jagħtihom, skond it-tibdil taż-żmien, issa ħlewwa tas-sema, issa taħbit, issa ġid, issa slaleb skond ma jara li jkun meħtieġ lilhom biex jibqgħu jgħixu fl-umiltà jew biex ikebbes iktar ixxewqa tagħhom għall-ħwejjeġ tas-sema, għoġob lillqalb ta' Alla li, wara t-tliet snin, tneħħi minn Fra Ġwann imsemmi dik ix-xita u dik il-ħuġġieġa ta' l-imħabba tas-sema u tneħħilu kull ħlewwa tar-ruħ. Għalhekk Fra Ġwann safa mingħajr dawl u mingħajr imħabba ta' Alla u sab ruħu kollu mħasseb u mdejjaq u miġugħ. Minħabba dan hu, b'qalbu maqsuma, beda jmur fil-bosk jiġġerra 'l hawn u 'l hinn isejjaħ bil-kliem u bil-biki l-għarus maħbub tar-ruħ tiegħu li issa kien inħeba u telaq minn miegħu u, li mingħajru ruħu ma setgħetx issib u la sabar u l-anqas mistrieħ.

Iżda hu fl-ebda post u bl-ebda mod ma seta' jsib lil ħelu Ġesù u l-anqas ma jarġa' jiltaqa' ma' dawk il-ħlewwiet tar-ruħ ta' l-imħabba ta' Kristu kif kien imdorri. U dawn id-dwejjaq damu jaħkmu fuqu għal ħafna ġranet li matulhom baqa' dejjem jibki u jolfoq u jitlob 'l Alla biex, għall-ħniena tiegħu, jarġa' jagħtih l-għarus maħbub ta' ruħu.

Fl-aħħarnett, meta għoġob 'l Alla li stħarrġu biżżejjed fuq il-paċenzja tiegħu u saħħan iktar ix-xewqa tiegħu, ġurnata waħda, filwaqt li Fra Ġwann kien għaddej mill-bosk imsemmi hekk qalbu sewda u bla sabar, għax ma felaħx iżjed, qagħad bil-qiegħda ħdejn siġra tal-faġġ, u, fil-waqt li beda jħares lejn is-sema b'wiċċu maħsul bid-dmugħ, f'daqqa waħda jidher Ġesù Kristu qrib lejh fit-trejqa li minnha kien għadda Fra Ġwann, bla ma qallu, iżda, ebda kelma. Imma, meta Fra Ġwann rah u għarfu sewwa li kien Kristu, minnufih inxteħet f'riġlejh u b'biki kbir beda jitolbu bil-qima kollha u jgħidlu: "Għinni, Sinjur tiegħi, għaliex mingħajrek, Feddej tiegħi l-iktar ħelu, jiena ninsab fid-dlam u fin-niket; mingħajrek, Ħaruf l-iktar ġwejjed, jiena ninsab fid-dwejjaq u fil-biża'; mingħajrek, Bin Alla l-iktar għoli, jiena ninsab fit-taħwid u fil-mistħija; mingħajrek jiena ninsab mneżża' minn kull ġid u għana, għaliex inti Ġesù d-dawl veru ta' l-erwieħ; mingħajrek jiena mitluf u ndannat, għaliex inti l-ħajja ta' l-erwieħ u l-ħajja tal-ħajjiet kollha; mingħajrek jiena xott u niexef, għaliex inti l-għajn ta' kull għotja u ta' kull grazzja; mingħajrek jiena kollni kemm jien bla sabar, għaliex inti Ġesù l-fidwa tagħna, imħabba u xewqa, ħobż li jgħajjex u nbid li jferraħ il-kori ta' l-Anġli u l-qlub tal-Qaddisin kollha. Dawwalni, imgħallem l-iktar sabiħ u ragħaj l-iktar ħanin, għaliex jiena l-ħarufa tiegħek, għalkemm ma jistħoqqlix."

Iżda, ġaladarba x-xewqa tal-bnedmin qaddisin li Alla jdum ma jismagħha biex tikber iżjed fl-imħabba u fil-mertu, Kristu Mbierek telaq minn ħdejh mingħajr ma semgħu u mingħajr ma qallu kelma u baqa' sejjer mill-mogħdija li semmejna. Allura

Fra Ġwann qam u telaq jiġrġi warajh u mill-ġdid inxteħet f'riġlejh, u, b'imġieba li ddejjaq għalkemm qaddisa, żammu u bid-dmugħ mill-qalb beda jitolbu u jgħidlu: "Ja Ġesù l-iktar ħelu, ikollok ħniena minni bla sabar; ismagħni f'ġieh il-kobor tal-ħniena tiegħek u f'ġieh il-verità ta' saħħtek, u roddli l-ferħ ta' wiċċek u tal-ħarsa ħanina tiegħek, ġaladarba d-dinja kollha hi mimlija bil-ħniena tiegħek." U Kristu għal darb'oħra jitlaq bla ma jkellmu xejn u bla ma jagħtih ebda faraġ; u għamillu sewsew bħalma l-omm tagħmel ma' binha ċkejken meta turih iż-żejża u ġġagħlu jiġri warajha jibki sabiex imbagħad jeħodha iktar bil-qalb.

Għal din il-ħaġa Fra Ġwann għal darb'oħra, b'ħeġġa u b'xewqa ikbar, baqa' sejjer wara Kristu, u, meta wasal ħdejh, Kristu Mbierek dar lejh u ħares lejh b'wiċċu ferħan u sabih u, fil-waqt li fetaħ dirgħajh qaddisa u tal-ħniena, għannqu bil-ħlewwa. U x'ħin fetaħ idejh Fra Ġwann ra ħerġin mis-sider imqaddes tal-Feddej raġġi ta' dawl li jgħaġġeb li dawlu l-bosk kollu u lilu wkoll f'ruħu u f'ġismu.

Allura Fra Ġwann niżel għarkubbtejh f'riġlejn Kristu; u Ġesù Mbierek, bħalma għamel mal-Maddalena (84), newwillu bit-tjieba kollha siequ biex ibushielu; u Fra Ġwann, fil-waqt li qabadhielu bl-ikbar qima, ħasilhielu b'daqshekk dmugħ li tabilħaqq kien donnu Maddalena oħra u beda jgħidlu b'qalbu kollha: "Jiena nitolbok, Sinjur tiegħi, li inti ma tħarisx lejn dnubieti, iżda f'ġieh il-passjoni qaddisa tiegħek u f'ġieh it-tixrid ta' Demmek l-għażiż qajjem irruħ tiegħi fil-grazzja ta' l-imħabba tiegħek biex

(84) Ara *San Luqa*, Kap XII, 37 u *San Gwann*, XII 3 u XX, 11.

b'hekk ikun dan il-kmand tiegħek li aħna nħobbuk b'qalbna kollha u bl-imħabba tagħna kollha (85), għaliex ħadd ma jista' jaqdi dan il-kmand min għajr l-għajnuna tiegħek. Għinni mmela, Bin Alla li tistħoqqlok kull imħabba, biex inkun nista' nħobbok b'qalbi kollha u bil-qawwa tiegħi kollha."

U fil-waqt li Fra Ġwann kien qiegħed hekk jitkellem f'riġlejn Ġesù, ġie mismugħ minnu u qala' mingħandu l-ewwel grazzja jiġifieri l-ħuġġieġa ta' l-imħabba t'Alla, u ħass ruħu kollu kemm hu mġedded u mfarraġ; u billi għaraf il-għoli tal-grazzja tassema li reġgħet lura fih, beda jiżżiħajr lil Kristu Mbierek u jbus bil-qima riġlejh. U mbagħad meta qam biex iħares f'wiċċ il-Feddej, Kristu newwel u tah idejh l-iktar qaddisa biex ibushomlu; u meta bieshom Fra Ġwann mar u resaq qrib is-sider ta' Ġesù u għannqu u bies sidru l-imqaddes, u Kristu wkoll għannqu u biesu. U f'dan it-tgħanniq u bews Fra Ġwann ġarrab fih ħlewwa tas-sema hekk kbira li kieku l-fwejjaħ u l-ħwejjeġ kollha li jfuħu tad-dinja jinġabru flimkien, dawn ħdejn dik il-ħlewwa kienu jkunu jidhru ntiena u f'dik il-ħlewwa Fra Ġwann ħareġ mis-sensi tiegħu u tfarraġ u mtela bid-dawl, u dik il-ħlewwa damet fih għal ħafna xhur.

U minn dak in-nhar 'l hawn, minn fommu, li xorob mill-għajn tal-għerf tas-sema fis-sider imqaddes tal-Feddej, kien joħroġ kliem tal-għaġeb u tassema li kienu jbiddlu l-qlub ta' min kien jisma' u kienu jagħmlu ġid kbir fl-erwieħ. U fil-mogħdija talbosk li fiha poġġew is-saqajn imberkin ta' Kristu u għall-biċċa sewwa madwarha, Fra Ġwann kien iħoss

(85) Ara d-*Dewteronomju*, Kap VI, 5 u *San Mattew*, XXII, 37.

dik il-ħlewwa u kien jara dejjem dik id-dija, kull metà kien imur hemm, għal ħafna żmien.

Meta mbagħad Fra Ġwann ġie f'sessih wara dik it-telfa, u, meta għabet minn quddiemu l-preżenza tal-ġisem ta' Kristu, hu baqa' mixgħul daqshekk f'ruħu, fil-qiegħ nett tal-qodos tagħha, li, għalkemm hu ma kienx bniedem għaref bit-tagħlim ta' din id-dinja, madankollu hu, b'għaġeb ta' kulħadd, kien iħoll u jġib fix-xejn il-kwistjonijiet l-iktar irqaq u għoljin fuq it-Trinità Mqaddsa u fuq il-misterji l-iktar kbar ta' l-Iskrittura Mqaddsa. U ħafna drabi imbagħad, fil-waqt li kien ikun jitkellem quddiem il-Papa u l-Kardinali u quddiem ir-rejiet u l-barunijiet u l-għorrief, ilkoll kien iġagħalhom jistagħġbu qatigħ bil-kliem għoli u b'sentenzi oħra għoljin li hu kien igħid.

Għall-ġieh ta' Kristu. Hekk ikun.

---

## IL-ĦAMSIN KAPITLU

**Kif Fra Ġwann mill-Verna, fil-waqt li kien iqaddes f'Jum il-mejtin, ra ħafna erwieħ jeħilsu mill-Purgatorju.**

Fil-waqt li darba waħda Fra Ġwann imsemmi li kien qiegħed iqaddes fil-jum ta' wara l-Qaddisin Kollha għall-erwieħ kollha tal-mejtin, kif trid il-Knisja, offra b'tieba hekk kbira ta' mħabba u ta' ħniena dak is-Sagrament l-iktar għoli (li għal qawwa tiegħu l-erwieħ tal-mejtin jixtiquh fuq kull ġid ieħor li jista' jsir lilhom), li hu kien jidher donnu jaqbad bil-ħlewwa ta' ħniena u ta' mħabba ta' l-aħwa. Għalhekk, f'dik il-quddiesa, fil-waqt li kien igħolli 'l fuq bil-qima kollha l-Ġisem ta' Kristu u jof-

frih lil Alla l-Missier u jitolbu biex, f'ġieħ l-imħabba ta' ibnu l-imbierek Ġesù Kristu, li biex jifdi l-erwieħ ġie mdendel f'salib, jogħġbu jeħles mill-pwieni tal-purgatorju l-erwieħ tal-mejtin maħluqin u mifdijin minnu, f'daqqa waħda hu ra għadd donnu bla tarf ta' erwieħ ħerġin mill-purgatorju, bħax-xrar bla qies li joħroġ minn forġa tixgħel; u rahom tilgħin lejn is-sema għall-merti tal-passjoni ta' Kristu li kuljum noffruh għall-ħajjin u għall-mejtin f'dik l-Ostja Mqaddsa li jistħoqqilha li tkun meqjuma għal dejjem ta' dejjem. **Hekk ikun.**

## IL-WIEĦED U ĦAMSIN KAPITLU

**Fuq il-qaddis Fra Ġakbu minn Fallerone; u kif, wara li miet, deher lil Fra Ġwann mill-Verna.**

Fi żmien li Fra Ġakbu minn Fallerone (86), bniedem ta' qdusija kbira, kien marid sewwa fil-kunvent ta' Mogliano tal-Kustodja ta' Fermo, Fra Ġwann imsejjaħ mill-Verna, li dik il-ħabta kien igħix fil-post tal-Massa, meta sema' bil-marda tiegħu, ġaladarba kien iħobbu daqs missieru l-għażiż, beda t-talb għalih u beda jitlob 'l Alla bil-qalb kollha, l-iktar bit-talb tal-moħħ, biex jerġa' jagħti lil Fra Ġakbu msemmi s-saħħa tal-ġisem jekk din tkun għall-ġid ta' ruħu.

U fil-waqt li kien f'dan it-talb ġie meħud f'estasi u ra fl-ajru eżerċitu kbir ta' ħafna anġli u qaddisin niżlin fuq iċ-ċella tiegħu, li kienet fil-bosk, b'dawl hekk kbir li dik in-naħa kollha madwara ġiet imdawla. U fost dawn l-Anġli ra lil dan Fra Ġakbu

(86) Dan il-patri aktarx li miet fis-sena 1290.

marid, li kien jitlob għalih, liebes l-ilbies abjad silġ kollu dija. Ra wkoll fosthom lill-missier ħieni San Franġisk imżejjen bl-Istimmati Mqaddsa ta' Kristu u b'ħafna sebħ. Ra wkoll hemm u għaraf lil Fra Luċidu qaddis u lil Fra Mattew antik minn Monte Rubbiano u ħafna patrijiet oħra li qatt ma kien ra jew jaf f'din il-ħajja. U fil-waqt li Fra Ġwann kien iħares bi ħlewwa kbira lejn dik il-qatgħa ħienja ta' qaddisin, ġie mnebbaħ li r-ruħ tal-patri marid imsemmi kellha ssalva żgur u li kellu jmut b'dik il-marda; iżda mhux hekk f'malajr, wara l-mewt, kellu jmur il-Ġenna, għaliex qabel kellu jitnaddaf għal ftit fil-Purgatorju. U Fra Ġwann feraħ daqshekk b'dik it-tnebbieħa dwar is-saħħa tar-ruħ li ma sogħob bih xejn dwar il-mewt tal-ġisem, iżda b'ferħ kbir ta' ruħu, bejnu u ruħu, hekk kien isejjaħlu u jgħidlu: "Fra Ġakbu, missier għażiż tiegħi; Fra Ġakbu, ħija għażiż; Fra Ġakbu, qaddej l-iktar fidil u ħabib ta' Alla; Fra Ġakbu, sieħeb ta' l-Anġli u sieħeb tal-Ħenjin."

U hekk, f'dan il-ferħ u żgur fih in-nifsu, reġa' ġie f'sessih u f'daqqa waħda telaq minn hemm u mar iżur lil Fra Ġakbu minn Mogliano li semmejna.

U meta sabu hekk ħażin li bilkemm seta' jitkellem, ħabbarlu l-mewt tal-ġisem u s-saħħa u l-glorja ta' ruħu skond ma kien jaf bit-tnebbiħ tas-sema. Għalhekk Fra Ġakbu kollu ferħan f'ruħu u f'ġismu, laqgħu b'ferħ kbir u b'wiċċu ferrieħi u beda jiżżih ħaj tal-bxara sabiħa li kien ħadlu u beda jirrikkmanda ruħu f'idejh b'qima kbira. Allura Fra Ġwann talbu bil-ħniena biex, wara mewtu, jmur għandu u jkellmu fuq l-istat tiegħu; u Fra Ġakbu wegħdulu dan jekk ikun jogħġob lil Alla li jħallih. U kif qal dawn il-kelmiet, meta waslet is-siegħa tat-tluq tiegħu, Fra

Ġakbu beda jgħid bil-qima kollha dak il-vers tas-salm: *"Norqod u nistrieħ fil-paċi u fil-ħajja ta' dejjem"* (87); u kif qal dan il-vers telaq minn din il-ħajja b'wiċċu kuntent u ferrieħi.

U wara li difnuh, Fra Ġwann reġa' lura fil-post ta' Massa jistenna l-wegħda ta' Fra Ġakbu li jmur għandu fil-jum li kien qallu. Iżda fil-jum li semmejna, fil-waqt li hu kien jitlob, deherlu Kristu b'qatgħa kbira ta' Anġli u Qaddisin u Fra Ġakbu ma kienx jidher fosthom; għalhekk Fra Ġwann, fil-waqt li baqa' mistagħġeb bla tarf, irrikkmandah lil Kristu bil-qalb kollha. Imbagħad, il-jum ta' wara, fil-waqt li Fra Ġwann kien jitlob fil-bosk, deherlu Fra Ġakbu flimkien ma' l-Anġli kollu sebħ u ferħan; u Fra Ġwann qallu: "O missier qaddis, għaliex ma ġejtx għandi fil-jum li kont wegħedtni?" Fra Ġakbu wieġbu: "Għaliex jien kelli bżonn li nitnaddaf xi ftit; iżda dak il-ħin stess li Kristu deherlek u inti rrikkmandajtni lilu, Kristu semgħek u ħelisni minn kull piena. U allura jiena dhert lil Fra Ġjakbu minn Massa, l-ajk qaddis, li kien qiegħed igħin il-quddiesa u ra l-Ostja ikkonsagrata, meta l-qassis refagħha 'l fuq titbiddel u tieħu xbieha ta' tfajjel ħaj l-iktar sabiħ u qallu: "Illum jien ma' dak it-tfajjel sejjer immur fis-saltna tal-ħajja ta' dejjem, li fiha ħadd ma' jista' jmur mingħajru." U meta qal dawn il-kelmiet, Fra Ġakbu għab u mar fis-sema ma' dik il-qatgħa kbira ta' Anġli; u Fra Ġwann baqa' mfarraġ bla qies.

Fra Ġakbu li semmejna minn Fallerone miet lejlet San Ġakbu l-Appostlu fix-xahar ta' Lulju (88)

---

(87) *Salm* IV, v.9.
(88) Jiġifieri fil-24 ta' Lulju.

fil-post li semmejna ta' Mogliano, li fih il-ħniena tas-sema, minħabba l-merti tiegħu, wara mewtu għamlet ħafna mirakli.

Għall-ġieh ta' Kristu. Hekk ikun.

## IT-TNEJN U ĦAMSIN KAPITLU

**Fuq viżjoni ta' Fra Ġwann mill-Verna fejn fiha għaraf l-ordni kollu tat-Trinità Mqaddsa.**

Fra Ġwann mill-Verna msemmi fuq, ġaladarba kien xeħet għal kollox wara spallejh kull pjaċir u kull faraġ tad-dinja u li jispiċċa maż-żmien u, billi hu kien qiegħed il-għaxqa tiegħu kollha u t-tama tiegħu kollha f'Alla, il-ħniena tas-sema kienet imlietu bil-faraġ u bit-tnebbiħ tal-għaġeb l-iktar fil-festi kbar ta' Kristu; għalhekk, fil-waqt li kienet riesqa, darba waħda, il-festa tat-Twelid ta' Kristu, li fiha hu kien jistenna tabilħaqq il-faraġ mingħand Alla, minħabba li Ġesù kien ħa l-ġisem tal-bniedem, l-Ispirtu s-Santu nissillu f'qalbu mħabba hekk kbira li ma titqiesx u ħeġġa ta' l-imħabba ta' Kristu, li minħabba fiha Hu tbaxxa daqshekk li jieħu l-ġisem tagħna, li kien jistħajlu tabilħaqq li ruħu kienet barra minn ġismu u li kienet qiegħda taqbad bħal forġa. U billi hu ma felaħx iżjed iżomm dak il-ħruq kollu, beda jħoss dwejjaq kbar u kien donnu sa jintemm kollu kemm hu u beda jgħajjat b'leħen għoli, għax, minħabba l-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu u minħabba l-ħeġġa kbira ta' l-imħabba, hu ma setax iżomm li ma jgħajjatx. U dak il-ħin li kienet tiġi fih dik il-ħeġġa bla qies, kienet tiġi wkoll magħha t-tama tas-saħħa ta' ruħu hekk qawwija u żgura li, kieku kellu jmut dak il-ħin, ma kienx igħaddi mid-dinja għall-

Purgatorju għall-ħin wieħed biss. U din l-imħabba damet fih għal nofs sena sewwa, għalkemm dik il-ħeġġa bla qies ma kinitx tiġi fuqu bla ma taqta', iżda għal xi sigħat matul il-jum.

U matul dan iż-żmien, u wara, hu qala' mingħand Alla ħafna żjajjar u faraġ li jgħaġġeb; u ħafna drabi kien meħud f'Alla bħalma rah dak il-patri li kiteb dawn il-ħwejjeġ l-ewwel darba. U fost dawn, lejl wieħed kien merfugħ u meħud f'Alla daqshekk li ra fih, Ħallieq, il-ħwejjeġ kollha maħluqin sewwa tas-sema kemm ta' l-art u r-rqieqat sbieħ tagħhom kollha u l-għoli u l-ordni li ma jixbahx wieħed lill-ieħor. U allura sar jaf sewwa kif kull ħaġa maħluqa kienet turi lill-Ħallieq tagħha, u kif Alla hu fuq u ġewwa u barra u ħdejn il-ħwejjeġ kollha maħluqin. Wara għaraf ukoll 'l Alla wieħed fi tliet persuni u t-tliet persuni f'Alla wieħed u l-ħniena tiegħu ta' bla qies li ġagħlet lill-Iben t'Alla jieħu l-ġisem biex jobdi lil Missieru. U fl-aħħar, f'dik il-viżjoni, sar jaf li ma hemm ebda triq oħra li r-ruħ tkun tista' tgħaddi minnha għal għand Alla u jkollha l-ħajja ta' dejjem, jekk mhux bi Kristu l-Imbierek li hu t-triq u sewwa u l-ħajja tar-ruħ. Hekk ikun.

## IT-TLIETA U ĦAMSIN KAPITLU

### Kif Fra Ġwann mill-Verna, fil-waqt li kien iqaddes, waqa' fl-art għal mejjet.

Lill-Fra Ġwann imsemmi, fil-post ta' Mugliano li semmejna qabel, skond ma qalu l-patrijiet li kien hemm, darba waħda ġratlu din il-ħaġa tal-għaġeb li, l-ewwel lejl wara l-ottava ta' San Lawrenz u ma'

tul l-ottava tat-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna (89), wara li kien qal il-Mattutin fil-knisja mal-patrijiet l-oħra, u billi niżlet fuqu l-ħlewwa tal-grazzja tas-sema, hu mar fil-ġnien biex jaħseb fuq il-passjoni ta' Kristu u jlesti ruħu bil-qima kollha sabiex igħid il-Quddiesa li dik il-għodwa kien imiss lilu jkantaha.

U fil-waqt li kien mitluf jaħseb fuq il-kelmiet tal-Konsagrazzjoni tal-Ġisem ta' Kristu, jiġifieri: *Hoc est corpus meum,* u, fil-waqt li kien jaħseb fuq il-ħniena bla tarf ta' Kristu, li għaliha Hu mhux biss ried jixtrina bid-Demm tiegħu prezzjuż, iżda wkoll iħallilna bħala ikel ta' ruħna l-Ġisem u d-Demm tiegħu l-iżjed meqjum, l-imħabba ta' Ġesù ħelu bdiet tiżdiedlu b'ħeġġa u ħlewwa hekk kbira, li ruħu ma felħitx iżżomm iktar b'dik il-benna, u beda jgħajjat bil-qawwi u, bħal wieħed fis-sakra f'ruħu, ma kontx tisimgħu jgħid bejnu u bejn ruħu ħlief: *Hoc est corpus meum,* għaliex meta kien itenni dawn il-kelmiet, kien jisthajlu jara lil Kristu Mbierek ma' Marija Xebba u ma' qatgħa kbira ta' Anġli. U tul dak il-għajdut, hu kien jiġi mdawwal mill-Ispirtu s-Santu dwar il-misterji tqal u għoljin ta' dak is-Sagrament l-iktar għoli.

U kif beda jbexbex, hu daħal fil-knisja f'dik il-ħeġġa tar-ruħ u b'dik ix-xewqa u b'dak il-kliem għax ħaseb li ma kien hemm ħadd li jisimgħu jew jarah; iżda fil-kor kien hemm xi patri li kien qiegħed jara u jisma' kollox. U billi f'dik il-ħeġġa ma setax iżomm minħabba l-kobor tal-grazzja tas-sema (90), beda jgħajjat b'leħen għoli u dam hekk sakemm sar il-ħin tal-Quddiesa; għalhekk hu mar biex ilesti u mar fuq l-altar.

(89) Mela fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Awwissu.
(90) Jiġifieri Fra Ġwann.

U kif beda l-Quddiesa, iktar ma beda sejjer 'il quddiem, iktar bdiet tiżdied fih l-imħabba ta' Kristu u dik il-ħeġġa ta' qima li biha hu kien iħoss xi ħaġa minn Alla ta' kobor li hu nnifsu la kien jaf u lanqas ma seta' jfisser bi lsienu. U billi hu beda jibża' li dik il-ħeġġa u dak li kien iħoss fuq Alla kienx sejjer jiżdied daqshekk li jkun jaqbillu li jħalli l-Quddiesa, beda jaħsibha u jarġa' jaħsibha u ma setax jagħraf x'jibda jagħmel, jekk ikomplix il-Quddiesa jew jistenna. Iżda, billi darb'oħra kien ġralu l-istess, u s-Sinjur berridlu xi ftit dik il-ħeġġa biex ma jħallix il-Quddiesa, billi ittama li kien sejjer jiġrilu hekk ukoll din id-darba, b'biża' kbir reġa' beda miexi fil-Quddiesa. U meta wasal fil-Prefazju tal-Madonna (91), id-dawl tas-sema u l-benna ħelwa ta' l-imħabba t'Alla bdiet tikber fih daqshekk li, meta wasal fil-*Qui pridie* (92), ma setax iżomm iktar b'dik il-benna u ħlewwa. Fl-aħħarnett, meta wasal għall-konsagrazzjoni, u meta beda jgħid fuq l-Ostja l-kelmiet tal-Konsagrazzjoni, kif wasal f'nofshom, jiġifieri: *Hoc est,* bl-ebda mod ma seta' jgħaddi 'l quddiem, iżda beda jtenni dawn l-istess kelmiet: *Hoc est;* u l-ħtija li hu ma setax igħaddi 'l quddiem kienet li hu beda jħoss u jara lil Kristu nnifsu b'qatgħa kbira ta' Anġli li l-kobor tiegħu hu ma setax iġarrab iktar; u kien jara lil Kristu li ma kienx jidħol fl-Ostja, jew li l-Ostja ma kenitx sa titbiddel fil-Ġisem ta' Kristu jekk hu ma jgħidx in-nofs l-ieħor tal-kliem, jiġifieri: *Corpus meum.* Għalhekk, fil-waqt li hu kien jaħseb fuq hekk u ma setax igħaddi 'l quddiem, il-Gwardjan u l-patrijiet l-oħra u saħansitra

(91) Il-*Prefazju* hu t-talba ta' qabel is-*Sanctus*.
(92) Il-*Qui pridie* qabel il-Konsagrazzjoni sewwa.

ħafna nies oħra li kienu fil-knisja biex jisimgħu l-Quddiesa, resqu lejn l-altar u bdew jibżgħu meta bdew jaraw u jaħsbu fuq dak li kien qed jagħmel Fra Ġwann u ħafna minnhom bdew jibku bid-devozzjoni.

Fl-aħħar, wara qatgħa twila, meta għoġob 'l Alla, Fra Ġwann qal *corpus meum* b'leħen għoli, u minnufih il-għamla tal-ħobż għebet u fl-ostja deher Ġesù Kristu Mbierek magħmul bniedem u mimli sebħ u wrieħ l-umiltà u l-ħniena li ġagħlitu jsir bniedem minn Marija Xebba, u li ġġibu kuljum f'idejn is-saċerdot meta jikkonsagra l-ostja. Għal din il-ħaġa hu żied ukoll jogħla 'l fuq fil-ħlewwa ta' ħsibijiet għoljin. Għalhekk, meta hu għolla 'l fuq l-Ostja u l-Kalċi ikkonsagrati, hu ġie meħud barra minnu nnifsu u, billi r-ruħ ġiet imwarrba mill-ġisem, ġismu waqa' waranijiet u, li kieku hu ma ġiex imwieżen mill-Gwardjan li kien warajh, kien jaqa' wiċċu 'l fuq fl-art. Għal din il-ħaġa, billi ġew il-patrijiet u n-nies li kienu fil-knisja, rġiel u nisa, hu ġie meħud fis-sagristija qiesu mejjet, għax ġismu kesaħ bħal ġisem ta' bniedem mejjet, u s-swaba ta' jdejh inġibdu ma' xulxin hekk qawwi li kemm kemm setgħu jinfetħu jew jiċċaqalqu. U baqa' hekk mibluħ għal kollox jew maħruġ barra minnu nnifsu sat-Terza (93); u kien is-sajf.

U billi jiena, li kont hemm għal dil-ħaġa, xtaqt inkun naf ħafna dak li Alla kien għamel miegħu, malli hu ġiġe f'sensih, mort għandu u tlabtu għall-imħabba ta' Alla biex igħidli kollox. Għalhekk hu, għax kien jafda ħafna fija, qalli kollox ħaġa wara l-oħra; u fost il-ħwejjeġ l-oħra qalli li, fil-waqt li kien

(93) It-*Terza* taħbat fid-disgħa ta' filgħodu.

jikkonsagra l-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù Kristu, u qabel ukoll, qalbu kienet tinħall bħal xemgħa ratba ħafna u laħmu kien donnu mingħajr għadam daqshekk li bil-kemm seta' jerfa' dirgħajh jew idejh biex jagħmel is-sinjal tas-salib fuq l-Ostja u lanqas fuq il-Kalċi.

Qalli wkoll li, qabel ma sar qassis (94), kien ġie mnebbaħ minn Alla li hu kellu jħossu ħażin fil-Quddiesa; iżda, billi hu kien qaddes ħafna drabi u ma kienet ġratlu qatt din il-ħaġa, ħaseb li dak it-tnebbiħ ma kienx ġej minn Alla. U mandankollu madwar ħamsin jum qabel it-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna, li fih ġralu dak li semmejna qabel, hu wkoll ġie mnebbaħ minn Alla li dik il-ħaġa kellha tiġrilu għall-ħabta tal-festa msemmija tat-Tlugħ fis-Sema; iżda, wara, ma ftakarx iktar f'dak it-tnebbiħ imsemmi.

Għall-ġieħ ta' Kristu. Hekk ikun.

TMIEM

(94) Qabel ma sar Saċerdot.

Nihil obstat
P. P. Saydon
*Censor*
19 Oct. 1955.

Imprimatur.
Datum in Curia Archipali.
Melitae die 19 Oct. 1955
† Em. Galea Ep. Trallian in Asia.
*Vic. Gen.*